

*Kburija li ġġib isem il-Patrun tagħha*

# *San Ġorġ Martri*

***Din l-Għaqda Mużikali tifraħ u tferraħ fil-jiem tal-festi solenni li jsiru fil-Parroċċa Ġorġjana tal-Belt Pinto. Il-Banda ilha tieħu sehem f'din iċ-ċelebrazzjoni annwali sa mit-twaqqif tagħha fl-1893.***

*Ħarġa Nru. 34*


PET'S
VALLEY
for all type of
pet foods and
accesories
37,
Hammieri Road
Qormi
Mob: 99976454
PET'S VALLEY
FOR ALL TYPES OF PET FOOD & ACCESSORIES
Find us on:
facebook

**L-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri A.D. 1893**

**Editur**
*Josef Aquilina*

**Qari tal-Provi**
*James Agius*
*Charmaine Mangion*

**Ġbir ta' Riklami**
*Alfred Micallef*

**Ritratti**
*George Aquilina*
*Marco Aquilina*
*George Falzon*
*Neville Mangion*
*Christian Camilleri*

**Disinn u ssettjar**
*Christian Micallef*
*George Aquilina*



The Old Bakery
SINCE 1875
Confectionery
Various Types of Bread
Mob: 99 405 999
248, Victory Street, Qormi


Gino
ta' Hal Qormi
CHAIRS, TABLES & BENCHES for HIRE
WEDDING CHAIRS
SAVE ON SPACE!
NON SLIP!
SCRATCH PROOF!
HOTELS ▪ HALLS ▪ BARS ▪ RESTAURANTS ▪ FACTORIES ▪ SCHOOLS ▪ SPORTS/BAND CLUBS
WEDDINGS ▪ CHILDREN'S PARTIES ▪ BARBEQUES ▪ BANQUETS ▪ EXAMS ▪ EXHIBITIONS ▪ CONFERENCES
M: 9949 2732 ▪ T: 2148 3041 ▪ F: 2149 4433 ▪ E: gino@euroweb.net.mt ▪ W: www.ginotahalqormi.com



# *Magħqudin ilkoll flimkien*

L-Editur

**Is-Sur Josef Aquilina**

Għal sena oħra konsekuttiva l-kumitat amministrattiv tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri, reġa' nkarigani biex nieħu ħsieb dan il-ktejjeb li għandek f'idejk.
Biex ikollok prodott tajjeb u ta' kwalita' trid taħdem ħafna minn qabel għalih, trid issib nies li jiktbulek l-artikli ta' kwalita' u dan mhux dejjem ikun faċli, biex issib nies li jiktbulek. Kif dejjem għamilt ,nipprova nsib nies ġodda kull sena biex jiktbu u jingħaqdu ma' dawk li jiktbu kull sena.
Ħbieb kif taraw iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb ser tkunu qed taqraw u taraw ritratti tax-xogħol li jsir ġewwa l-Palazz tagħna kif ukoll ix-xogħol li l-banda tagħna ikollha matul is-sena, kif ukoll mhux b' inqas artikli fuq Beltna fejn din is-sena qed niċċelebraw il-275 sena bħalha titlu ta' Belt Pinto kif ukoll mhux b'inqas artikli fuq il-patrun tagħna San Ġorġ Martri.
Jiena bħala editur ta' din il-ħarġa ma nistax nagħmel kollox waħdi għalhekk nieħu gost naħdem ma' dawn in-nies għax ix-xogħol jinqasam fuq kulħadd u mhux fuq persuna waħda. Għalhekk nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil dawn is-sinjuri li ġejjin; Christian Micallef, Alfred Micallef, Ġorġ Fenech, Ġorġ Aquilina, James Agius, Charmaine Mangion u l-aħħar u mhux l-inqas lill-President ta' din l-għaqda mużikali s-sur Charles Micallef.
Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li sabu l-ħin biex jibagħtu l-kitba tagħhom għal din il-ħarġa ta' din is-sena. Dan il-ktieb lil din is-soċjeta' jiġiha jiswa' ħafna flus u bis-saħħa ta' dawn ir-riklami li hawn fuq din il-ħarġa nkunu qegħdin intaffu mill-ispejjeż ta' dan il-ktieb. Għalhekk nappella biex tagħmlu użu minn dawn ir- riklami permezz li tixtru jew tagħmlu użu mingħandhom.
F' ismi u f'isem sħabi ta' dan il-bord editorjali nawguraw lil din l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri fejn din is-sena fetħet il-festi tagħha fejn qed tiċċelebra l-125 sena mit-twaqqif ta' din il-banda.
Nagħlaq din il-kitba tiegħi billi nawgura l-festa t-tajba lill-kumitat amministrattiv, lill-bandisti, soċi, benefatturi, ammiraturi tal-għaqda tagħna kif ukoll lil sħabna l-anzjani, il-morda, lill-emigranti kif ukoll mhux b'inqas lill-għaqdiet kollha tal-parroċċa.
**Viva San Ġorġ Megalomartri.**



**Bil-wieqfa mix-xellug: George Aquilina, Charmaine Mangion, James Agius**
**Bil-qiegħda mix-xellug: George Fenech, Josef Aquilina, Alfred Micallef**

Il-Bord Editorjali fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri jixtieq jirringrazzja lil dawk il-kittieba, kontributuri u lil kulmin għoġbu jirreklama f'din l-edizzjoni.

Għalhekk inħeġġu lill-qarrejja jagħmlu użu mis-servizzi reklamati f'din il-pubblikazzjoni.

Anthony Vella
(TA' ĠANNI L-GHAWDXI)
Confectionery
*14 Triq iz-zebbug*
*Zebbug, Malta*
*Tel- 21463513 u Mob 79538389*

NOUGAT
No connection with any other firm.

Għall-aqwa kwalità ta'
- qubbajt
- ħelwa tat-Tork
- donuts
- imqaret

Irrikorru għand
**Twanny ta' Ġanni L-Għawdxi**




**Il-festa t-tajba lil kulhadd**

# FTIRA MENU

GORMINA
BAKERY & CONFECTIONERY

**Ftira Inċova:** *Caponata, tuna, anchovies, sliced green olives, capers, onions, tomatoes, mixed herbs, olive oil*



€6.50



**Ftira tax-Xikel:** *Chopped gammon, fresh cheeselets (ġbejniet), curry onions, garlic, garlic butter, funnel seeds, sesame seeds, mixed herbs*

€7.50

**Ftira tal-Bidwi:** *Tomato sauce, onions, aubergines (brunġiel), marrows (qarabali), mixed peppers, tomatoes, cheeselets, black olives, capers, garlic, mixed herbs*



€7.50



**Ftira Għonella:** *Tomato sauce, potatoes, maltese sausage, fresh cheeselets, onions, funnel & sesame seeds, mixed herbs*

€8.00

**Ftira tas-Sajjied:** *Tomato sauce, parsley, smoked salmon, shrimps, fresh cheeselets, curry onions, garlic, black olives, capers, tomatoes, mixed herbs*



€8.50

Gormina, Mosta Road, St. Paul's Bay, SPB 3111, Malta ORDER YOUR PIZZA NOW: 27 585 786



# Messaġġ mill-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca, President ta' Malta 2018

Huwa ta' pjaċir tiegħi li nibgħat dan il-messaġġ ta' ħajr lill-membri u l-benefatturi tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi.

L-impenn dejjiemi tagħkom biex issostnu u ssaħħu l-wirt kulturali Qormi u dak Malti, huwa ta' ispirazzjoni għall-komunità tagħna.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Ġorġ Martri għandha tkun dejjem opportunità fejn il-komunità tkun imħeġġa biex tipparteċipa ħalli b'hekk inħeġġu għall-inklużjoni.

Filwaqt li huwa importanti li nżommu t-tradizzjonijiet tagħna ħajjin, huwa importanti wkoll li nibqgħu nfittxu modi kif insiru aktar innovattivi ħalli jibqgħu relevanti anke għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

Għalhekk irrid nifirħilkom għall-opportunitajiet li toħolqu għaż-żgħażagħ Qriema kemm waqt il-jiem tal-festa, kif ukoll matul is-sena. F'din l-okkażjoni tal-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ, ma nistax ma nsemmix kemm l-istorja tiegħu għandha tispira lil kull min għandu l-fidi.
Fattur importanti ħafna li għandna niftakru dwar San Ġorġ huwa l-kuraġġ li kellu meta stqarr il-fidi nisranija bla biża' quddiem awtorità ostili u intolleranti.

San Ġorġ, iddedika ruħu għat-tagħlim ta' Kristu speċjalment l-imħabba lil għajru u lil kull min ikun fil-bżonn. Għandna ħafna x'nitgħallmu minn San Ġorġ. Bla dubju l-valuri ta' kuraġġ u tal-lealtà huma fost l-akbar valuri li għandna napprezzaw.
Minn qalbi irrid nerġa' nirringrazzja lill-Għaqda San Ġorġ Martri għall- ħidma sfiqa li qed twettqu fi ħdan il-komunità Qormija.
Bla dubju, b'ħidmietkom qed tgħaddu messaġġ b'saħħtu ta' solidarejtà u ħbiberija, b'hekk għandna biex inkunu kburin bil-legat li se tħallu.

**Jiena kburija ħafna bikom.**

**Viva San Ġorġ**


MOGGIES & DOGGIES
Dedicated animal lover with years of voluntary work
behind her, is now offering her service to the public
Professional Grooming by Jenkins Maria
Victory street, Qormi, QRM 2050
Mob : 99130805
Tel : 21499300
LIKE US ON facebook
For an appointment call us or send us a
message on facebook

**Spanish Floor Tiles 60x60cm First Choice from €14.00 per Sq. Mtr**

**Wide Range of Bathroom Furniture to Choose From at Discounted Price**




**Mdina Road, Qormi. Tel: 21 441 051**

**Opening Hours: Mon to Fri: 4.00pm - 7.00pm**

**Saturday: 9.00am - 12.30pm**

BATH MARKET

## SPECIAL DISCOUNTS ON VANITY UNITS

## COMPLETE BATHROOM

- Toilet & Flushing with Seat Cover and double flush mechanism to save water!
- Wash hand basin with pedestal
- Acrylic bath with over flow
- Sink & bath SINGLE LEVER mixers,
- 1 set of soap dishes & accessories
- 25 sqr. mtrs. Wall & floor first quality tiles from a wide selection



€400

**VanityUnit Lisboa**
60cm Wide White
(Also available in 80cm & 100cm)
Water tap not included



€419

**VanityUnit Capilla**
80cm Wide Capilla white
(Also available in 60cm & 100cm)
Water tap not included



€490

**VanityUnit Alcudia**
100cm Wide Wengue
(Also available in 80cm)
Water tap not included



€419

**VanityUnit Bisel**
80cm Wide White
(Also available in 100cm)
Water tap not included

**Email: bathline@maltanet.net**


FurPlay Butcher
Mdina Road
Qormi
Testaferrata Street
Zurrieq
Specialising in Fresh Maltese Rabbit
Free Delivery when ordering by
phone or by e-mail
Tel: 21491640 - 21642651
Mob: 99491640 - 99476643
E-mail: furplay@gmail.com



Sindku

**Is-Sur Jesmond Aquilina**

Nixtieq nibda dan il-messaġġ billi nifraħ lill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri għall-anniversarju li qiegħda tiċċelebra din is-sena fejn fiha qed jitfakkar il-125 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda.

Mingħajr dubju l-Banda San Ġorġ hija waħda mis-sisien ewlenin li jsawru l-Festa Ġorġjana, iżda mhux biss, il-Banda San Ġorġ tifforma parti wkoll mill-istorja Qormija.

It-tradizzjoni u l-kultura f'Ħal Qormi huma magħġuna mal-baned tagħna. Il-baned illi taw sehemhom kemm fil-ferħ u kemm fin-niket. Il-wirt kulturali u l-patrimonju miġbur fis-Sede tal-Għaqda huma imprezzabbli.

Ma nistax ma nsellimx lill-presidenti u l-membri fil-kumitati u l-benefatturi illi ħallewna u lil dawk li fil-preżent qegħdin jindokraw 'il din il-ġawhra Qormija .
Tislima wkoll lis-surmastrijiet u l-bandisti li tant iferrħu lill-Qriema.

AD MULTOS ANNOS u San Ġorġ, il-Patrun tal-Għaqda jibqa' jħarisha u jixħet barka fuqha u fuq il-membri tagħha.

**Nawguralkom ilkoll il-Festa t-Tajba.**




74, TAL-BAJJADA STREET, QORMI
Tel: (00356) 2144 3439 Fax: (00356) 2144 6112 Mobile: 9949 6800, 9949 7643, 9949 6601, 9949 8301


Paul ta' Kalc
56, Bishop Scicluna Street
Qormi
7905 4833

# NENU
## THE ARTISAN BAKER



# *"Agħmel inti li imħabbtina tkun fil-ħidma mhux fil-kliem"*

L-Arċipriet

**Dun Mario Mangion**

**"Agħmel int li imħabbtina, tkun fil-ħidma mhux fil-kliem"**

Kemm hu mirqum dan il-kliem, fl-innu popolari "Fjur ta' Martri" miktub mill-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. Kliem li juruna li San Ġorġ, ma ħabbx lil Kristu biss bil-kliem u fil-mumenti faċli, imma baqa' jħobb u jistqarr lil Kristu bix-xhieda ta' ħajtu sat-tixrid ta' demmu. Kultant jiġini dubju jekk dan il-kliem tal-innu popolari hux qiegħed jinftiehem ħażin! Xi wħud minnha donnhom qegħdin jifhmu li għandna neskludu l-imħabba tagħna mill-kliem, b'mod speċjali f'dawn il-jiem tal-festa. Hija ħasra li xi ċelebrazzjoni ta' ferħ trid bilfors tkun imtappna min-nuqqas ta' imħabba fi kliemna lejn l-oħrajn. Kliem iebes, tgħajjir, kliem ħażin u ta' disprezz lejn persuni u lejn qaddisin oħra, żgur li ma jurix imħabba. Żgur li Dun Karm Psaila ma riedx ifisser dan kollu meta kiteb: "agħmel inti li imħabbtina tkun fil-ħidma mhux fil-kliem". Aktar naħseb li kien qiegħed jirreferi għall-fatt li għal San Ġorġ, l-imħabba lejn Kristu ma kinitx biss paroli u ċapċip, imma kienet tfisser li jxammar il-kliem u jgħin lill-batut u lil dawk l-aktar vulnerabbli. X'jiswa li nagħmlu xhur sħaħ nippreparaw għall-festa, nonfqu tant flus fil-festa, nagħmlu ġimgħa sħiħ attivitajiet barra, nċapċpu bil-qalb quddiem ix-xbieha ta' San Ġorġ, u nkantawlu l-innu? X'jiswa' dan kollu jekk imbagħad nibqgħu qalbna magħluqa għal dawk ta' madwarna, jekk imbagħad inkunu lesti li noffendu lil xulxin u lill- qaddisin oħra? Żgur li din mhix xhieda li tixbah lil dik ta' San Ġorġ.

L-imħabba vera u sinċiera lejn San Ġorġ, titlob minnha aktar minn sempliċi ċapċip u kant. Titlob minnha li nxammru l-kliem u nersqu lejn min hu batut u abbandunat, u nippruvaw ngħinuh u nagħtuh dinjità. Titlob minnha li niddefendu r-riġal tal-ħajja mill-bidu sat-tmiem tagħha. Titlob minnha li fi kliemna u għemilna nirrispettaw lil xulxin b'mod speċjali lil dawk li ma jaqblux magħna. L-imħabba tagħna lejn San Ġorġ titlob minnha li nersqu aktar lejn Kristu f'dawn il-ġranet ta' festa u li nsibu ċans biex nagħmlu qrara tajba u tqarbina.

Ejjew ma nħallux lil min f'qalbu ma hemmx imħabba vera lejn San Ġorġ, imma hemm biss pika bla sens u materjaliżmu, itellifna milli niċċelebraw festa kif verament jixraq u kif jafu jiċċelebraw dawk deovti ta' San Ġorġ.

**Viva San Ġorġ.**


Charles Bakery
Terence Camilleri
Naċċettaw ordnijiet ta' ikel tal-*parties* u kull tip ta' ħelu tradizzjonali u aktar
80, Triq il-Blata, Ħal Qormi
*(quddiem il-maħżen ta' San Ġorġ)*
Mob: 9987 3772
*Ħinijiet: 6.00am – 1.00pm*


KL glass
34, Industrial Estate, Hal Luqa
email: klglass@maltanet.net
tel/fax:21257088 Mob: 99472104

# Pace Fire Prevention

## Fire and Safety & Security Services



*Supply and install intruder alarms, CCTV systems, fire alarms & access control*



## Fire Extinguishers



- *Fire Extinguishers for domestic, commerical industrial application.*
- *Fire Blankets and Smoke Alarms.*
- *Service and refilling of all types of Fire Extinguishers*
- *Awareness Training*
- *All work carried out by qualified instructors.*



**Sales and Service Centre:**

**Vallender No9, Dun Gwakkin Schembri Str, Qormi QRM 2790**

Tel: 21 472416 Fax: 21 444924 Mob: 9942 4449

E-mail: info@pacefire.com.mt

www.pacefire.com.mt




# *Lejn il-125 sena mit-twaqqif ta’ din l-Għaqda*

Il-Presdient tal-Għaqda

**Is-Sur Charles Micallef**

Għaddiet sena oħra ta’ amministrazzjoni impenjattiva b’risq din l-Għaqda ferm għal qalbna. Sena mimlija b’diversi proġetti, b’uħud minnhom jitlestew u oħrajn li għadhom fil-proċess. Permezz tal-artiklu tad-Direttur Ġenerali Massimo Azzopardi, ser tkunu tistgħu tifhmu aħjar l-impenn kbir li kellna matul din is-sena sabiex inkomplu nsebħu dan il-Palazz, propjetà ta’ din l-Għaqda. Dan kollu seta’ jkun possibli grazzi għall-kumitat immexxi mil-mibki President Emeritus Ismael Mizzi hekk kif fi żmien l-amministrazzjoni tiegħu kienet ittieħdet id-deċiżjoni ferm għaqlija li tinxtara din il-propjetà biex b’hekk din l-Għaqda mhux biss saret sid darha, iżda tista’ tamministra darha skont il-bżonnijiet u x-xewqat tagħha.

Żewġ proġetti li diġà saru u li huma għal qalbi ferm huma t-tisbiħ tas-Sala l-Ħamra u t-twieqi ta’ fuq iż-żona tal-bar li jagħtu għas-swali. Is-Sala l-Ħamra sarilha t-tisbiħ mistħoqq u t-teżori imprezzabbli li fiha ġew organizzati fil-vetrini tagħhom u nnumerati f’arkivju. Teżori li jixhdu l-istorja kbira li tħaddan din l-Għaqda. L-ispejjeż għat-twieqi l-ġodda inġabru mis-soċji u l-benefatturi stess. Dan juri l-fiduċja li s-soċji qed juru fl-amministrazzjoni ta’ din l-Għaqda. Proġett ieħor li tlesta din is-sena huwa dak tal-bibien tal-ġewż tas-sala l-ġdida maħduma minn Silvio u Ġorġ Debono, familja li mhux biss taħdem għal din l-Għaqda iżda għall-Parroċċa tagħna wkoll.

Il-Kummissjoni Ċelebrazzjonijiet 125 Sena li hija responsabbli sabiex jittellgħu l-attivitajiet sabiex niċċelebraw il-125 sena mit-twaqqif ta’ din l-Għaqda qiegħda taħdem bla qies biex, mhux biss jittellgħu dawn l-attivitajiet, iżda ukoll sabiex jinġiebu l-fondi neċessarji biex isiru. Il-Programm huwa mħejji. Jonqos biss il-ħeġġa tagħkom is-soċji sabiex tattendu għal dawn l-attivitajiet li qegħdin jitħabbru minn żmien għal żmien.

Is-Sezzjoni Sports ukoll kellha s-suċċessi tagħha fejn minbarra li għandna żewġ timijiet tal-biljard fil-kompetizzjonijiet Nazzjonali, fis-sala Mro Abel J. Mizzi, bdew isiru t-turnaments u l-klassifiċi nazzjonali tal-biljard.

Il-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti qed tagħmel xogħolha bi tmexxija serja. Din mhux biss qed taħdem sabiex torganizza l-briju u ċ-ċelebrazzjonijiet fil-festa

tagħna, iżda qed tieħu ħsieb ukoll sabiex isiru proġetti ta' tisbiħ fis-sede tagħna, proġetti li ser jibqgħu l-marka ta' dawn iż-żgħażagħ.
Kummissjoni oħra ferm attiva hija l-Kummissjoni Banda. Grazzi għal din il-Kummissjoni, il-banda tagħna tista' ttella' diversi servizzi mużikali, speċjalment fil-Parroċċa tagħna bħal fil-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-festa ad unur il-Patrun tagħna San Ġorġ Martri. Din il-Kummissjoni dejjem tagħmel l-almu tagħha sabiex il-banda tagħna tagħmel unur kemm lilha kif ukoll lill-Parroċċa tagħna.
Fis-Seduta ġenerali ta' din is-sena kien imiss li jkollna Kumitat ġdid sabiex iservi għas-sentejn li jmiss. Nirringrazzja lis-soċji u l-bandisti li b'vot unanimu reġgħu ħatruni bħala l-President ta' din l-Għaqda għal sentejn oħra. Nirringrazzja lill-membri li ħadmu fl-aħħar Kumitat Amministrattiv u lil dawk il-membri li għal xi raġuni jew oħra ma setgħux ikomplu jagħtu sehemhom f'din l-Amministrazzjoni. Nawgura lill-membri tal-Eżekuttiv preżenti eletti fis-Seduta Ġenerali ta' din is-sena sabiex inkomplu naħdmu għall-ġid ta' din l-Għaqda. Nirringrazzja, kemm bħala President u anke personalment, lill-ex Segretarju Patrick Brancaleone għax-xogħol li għamel f'din il-kariga matul dawn l-aħħar għaxar snin. Din is-sena s-sur Patrick Brancaleone wrieni x-xewqa li jibqa' jaħdem bħala arkivista u membru fil-Kummissjoni Banda, xogħol ferm għal qalbu. Nawgura lis-Segretarja l-ġdida, is-Sinjorina Rosalie Grech sabiex f'din il-kariga tkun ta' ġid għal din l-Għaqda.
Nagħlaq din il-kitba billi nawgura festa mill-isbaħ lilkom ammiraturi, soċji, benefatturi u bandisti ta' din l-Għaqda.




HOME LED MALTA
Lighting Design and Installation
Mob: 9919 1917/8, 7703 5554, 27035554
Email: homeledmalta@gmail.com | www.homeledmalta.com
Android TV Box - Live streaming for FREE!
XBMC MEDIA CENTER
WiFi
YouTube
3D
Full HD 1080p

# AJC Tuition Centre

Anthony and Judith Coleiro

**Qualified Teachers**
21446178 Mob: 79405067
ajctutition@gmail.com

**Primary:**
year 4 to Bench Marking

**Secondary to MatSec:**
Maths, Physics, Accounts, English, Maltese, Arabic, Chemistry, French, Spanish.




Summer Resits AVAILABLE

**1 to 1 and Home Tutoring**

**Intermediate or A'Level:**
Maths, Maltese, Accounts





# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda 2018

President GħKB

**Avv. Noel Camilleri**

Il-festi dedikati lill-qaddisin patruni huma sinonimi mal-ħajja tal-ibliet u l-irħula tagħna. Huma espressjoni reliġjuża, kulturali u tradizzjonali li jiffurmaw parti integrali tal-ħajja tagħna bħala poplu. Is-sehem tal-Każini tal-Banda f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huwa wieħed fundamentali li aħna bħala Għaqda Każini tal-Banda flimkien mal-każini u mal-komunità rridu naħdmu biex naraw li jissaħħaħ u jinfirex aktar. L-għan aħħari għandu jkun li aktar żgħażagħ jieħdu sehem aktar attiv mhux biss fl-organizzazzjoni tal-festi imma anke fl-amministrazzjoni tal-każini tagħna.

Huwa fatt li l-każini tagħna fihom infushom huma skola tat-tagħlim; mhux biss mużikali imma anke tagħlim fl-amministrazzjoni u tal-valuri sbieħ tal-ħajja. Il-każini jistgħu u għandhom ikunu post fejn fihom jissawru aktar is-sens ta' lealtà u ta' appartenenza, valuri b'saħħithom u sbieħ mgħoddija lilna minn missirijietna u l-Knisja Kattolika. Għalhekk inħeġġeġ biex fl-organizzazzjoni tal-festi tagħna nkomplu nagħtu spazju lit-talent għani taż-żagħżagħ tagħna. Madanakollu inwissi wkoll lill-istess żgħażagħ biex iġibu ruħhom b'aktar maturità u serjetà waqt il-festi u dan biex jagħtu eżempju tajjeb kemm lil żgħażagħ bħalhom kif ukoll lil min huwa iżgħar minnhom.

Iċ-ċelebrazzjonijiet fil-festi tagħna jistgħu jkunu sbieħ daqskemm jistgħu jkunu koroh. Kollox jiddependi b'liema mod jiġu organizzati u ċċelebrati, u kif b'kapaċità, iż-żgħażagħ tagħna jgħollu l-livell tal-festi ħalli verament ikattru s-sens ta' appartenenza lejn il-każin, aktar u aktar lejn il-komunità fejn jgħixu. Barraminnhekk l-imġiba taż-żgħażagħ għandha tirrifletti s-sens ta' qima sabiħa u nadifa lejn il-qaddis patrun ħalli nkomplu naħdmu fuq, u nkattru l-fidi tagħna. Mingħajr fidi persuna tħossha mitlufa, u titlef parti sostanzjali wkoll mis-sens tal-identità personali tagħha.

Bħala Għaqda Każini tal-Banda rridu naħdmu sabiex inkunu l-punt fundamentali ta' referenza u eżempju. Irridu naċċertaw li l-festa tibqa' verament ċelebrazzjoni li fiha l-komunità tkun magħquda fit-tiġdid tal-valuri kulturali u tradizzjonali kif ukoll dawk reliġjużi u soċjali. Iridu nkomplu naħdmu ħalli s-sens ta' appartenenza

jissaħħaħ u jinxtered b'mod partikolari maż-żgħażagħ tagħna ħalli lkoll naraw li l-festi tagħna jintużaw b'mod li verament iservu ta' ġid għal kull min jieħu sehem fihom.

F'isem l-Għaqda Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u ngħid grazzi lill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri u 'll-membri għall-impenn volontarju tagħhom. Inħeġġeġ li dil-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet sbieħ ta' festa li tgħaqqad u tkattar is-sens ta' appartenenza u li l-poplu jagħraf b'liema responsabbiltà, serjetà u maturitá, il-każini tal-Banda kapaċi jiċċelebraw il-festa ħalli nħarsu s-sbuħija u s-sens reliġjuż tagħhom.



# L-ahhar tislima lil Kav Mro. Abel. J Mizzi












IL-KELMA
TAL-MULEJ


Grazzi
Surmast
1924 - 2018











# 125 sena ta' ħiliet Ġorġjani

Is-Segretarja

**Isem**

Kif kull omm tisqi lil ulieda, hekk ukoll għamlet din l-Għaqda tul dawn il-125 sena. Matul is-snin l-imgħoddija l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri dejjem ħadmet u stinkat sabiex tpaxxi 'll-Ġorġjani Qriema, b'mod speċjali f'din is-sena ferm importanti fejn qed niċċelebraw il-125 sena Anniversarju mit-twaqqif tagħha. Anniversarju li jirrikjedi bosta ħsieb, impenn u ħidma sabiex inkunu nistgħu intellgħu attivitajiet ta' kalibru. Dan ma setax ikun possibli mingħajr il-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv, il-benefatturi kif ukoll dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu ta' għajnuna għall-Każin. Nixtieq qabel xejn nirringrazzja lill-President tal-Għaqda għall-fiduċja li qed juri fija hekk kif għal dawn is-sentejn li ġejjin ser inkun qed nokkupa l-kariga ta' Segretarja sabiex flimkien mal-membri l-oħra tal-Kumitat inkomplu naħdmu bi ħġarna għal din il-festa.
Wieħed ma jistax jinsa' l-impenn kontinwu tal-Kummissjoni Ċelebrazzjonijiet 125 Sena, li ġiet imwaqqfa sabiex tħejji ċelebrazzjonijiet xierqa marbuta ma' dan l-Anniversarju. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha ta' din il-Kummissjoni li qegħdin jaħdmu qatigħ bl-għan li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jibqgħu imniżżla fl-istorja ta' din l-Għaqda. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Joe Bugeja tar-riċerki li jagħmel fuq il-Banda tagħna. Anniversarju ieħor li qed niċċelebraw fi ħdan din l-Għaqda huwa il-25 sena tal-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti. Kummissjoni li mhux biss torganizza il-briju u s-sorpriżi fil-marċi iżda taħdem is-sena kolla billi ttella' diversi attivitajiet b'riżq il-festa.
Bħala parti mit-tħejjija għall-anniversarju tal-125 sena, saru xi xogħolijiet ta' rinnovazzjoni fis-swali tal-Każin tagħna, dan ix-xogħol kollu jaqa' taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Ġenerali Massimo Azzopardi. Proġett li grazzi għall-ħidma volontarja seta' jitwettaq, għalhekk nirringrazzja lil dawk kolla li taw is-sehem tagħhom f'dan il-proġett.
Pilastru importanti fl-Għaqda tagħna hija l-Banda. Dan jistgħu jixhduh l-impenji mużikali tal-Banda tul is-sena speċjalment fil-Ġimgħa Mqaddsa u l-festa ta' San Ġorġ Martri. Il-Kummissjoni Banda flimkien mal-Kumitat Amministrattiv dejjem stinkaw sabiex jinżamm il-livell għoli fis-servizzi li l-Banda dejjem irnexxielha tilħaq. Il-Banda tagħna minn dejjem kienet ta' importanza kbira fil-qasam mużikali

kemm f'Ħal Qormi kif ukoll barra minn xtutna. Eżempju ċar ta' dan huwa il-post prominenti li l-Banda tagħna għandha fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fejn iddoqq quddiem il-Vara l-Kbira. Tajjeb li nsemmu wkoll li l-Banda San Ġorġ Martri kienet l-ewwel Banda Qormija li daqqet fil-Purċissjoni tal-Għid il-Kbir.
Waħda mix-xewqat li bosta membri fi ħdan din l-Għaqda ilhom juru kienet li l-aħħar tlett innijiet li ddoqq il-Banda fil-Ġimgħa l-Kbira jerġgħu jiġu kantati. Wara ħafna snin ta' dan in-nuqqas, din ix-xewqa inqatgħet u l-poplu Qormi tpaxxa bil-versi sbieħ ta' dawn l-innijiet, l-istess innijiet mill-pinna tas-Surmast Emeritus Abel J. Mizzi.
Ħajr ukoll lis-Surmast Direttur Archibald Mizzi u lill-Assistent Surmast Peter Cini għall-impenn tagħhom sabiex jgħallmu lill-aljievi tagħna, kif ukoll lill-bandisti tal-post li jagħtu s-servizz tagħhom tul is-sena kollha kemm f'Ħal Qormi kif ukoll f'irħula oħra.
Kif diġà semmejt iktar qabel, din l-Għaqda dejjem ħadmet u stinkat, tant li kienet l-ewwel Banda li introduċiet l-ewwel bandisti nisa f'pajjiżna, dan juri kemm il-Banda tagħna minn dejjem emmnet fil-ħiliet ta' wliedha.
Dan ix-xogħol kollu ma jkunx possibbli mingħajr l-għajnuna ta' kull wieħed u waħda minnkom, għalhekk inħeġġiġkom sabiex intom ukoll tagħtu s-sehem tagħkom. Dawn il-proġetti kollha ma jkunux possibbli mingħajr l-għajnuna finanzjarja tagħkom. Nagħlaq dal-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil Patrick Brancaleone eks Segretarju ta' din l-Għaqda għall-ħidma tiegħu matul is-snin l-imgħoddija.
Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil Qriema Ġorġjani.

Tony Zammit

Instrument Repairer and Silver Plating

The Blessing, 24, St. Peter Street, Qormi

Mob: 99867670



# Karigi 2018

Wara is-Seduta Ġenerali ta' nhar il-Ħadd 25 ta' Frar 2018, fejn ġie approvat il-Kumitat il-ġdid għas-sena 2018 – 2020 mis-soċji tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri, il-President tal-Għaqda is-Sur Charles Micallef ħatar lil kull membru fil-kumitat bir-rwol sabiex l-Għaqda tagħna tibqa dejjem mixja l' quddiem u tissaħaħ.

Dawn huma l-kariġi li kull membru ġie afdat fit-tmexxija tagħhom:

| | |
|---|---|
| **President:** | Charles Micallef |
| **Viċi-President:** | Patrick Brancaleone |
| | Joe Mamo |
| **Segretarja:** | Rosalie Grech |
| **Direttur Ġenerali:** | Massimo Azzopardi |
| **Viċi-Direttur**: | Jonathan Zammit |
| **Viċi-Direttur (Responsabli mis-Swali tal-Każin)**: | Joe Testa |
| **PRO:** | Melanie Mifsud |
| **Kaxxier:** | Alfred Micallef |
| **Viċi Kaxxier u Responsabli mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti:** | Omar Ablett |
| **Responsabli mis-Soċji:** | Gorg Chircop |
| **Responsabli mill-Board tal-Attivitajiet:** | George Fenech |
| **Membri Board Attivitajiet:** | Jean Pierre Fenech |
| | Omar Ablett |
| | Gorg Chircop |
| **Delegati tal-Banda:** | Melanie Mifsud |
| | Charyl Azzopardi |
| **Arkivista:** | Patrick Brancaleone |
| **Responsabli mill-Bandisti tal-post:** | Melanie Mifsud |
| **Sezzjoni Sports:** | Tony Cassar |





# *Wasal il-125 sena anniversarju*

Il-Kaxxier

**Is-Sur Alfred Micallef**

Wasal il-125 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri. Kien fl-1893 meta twaqqfet din il-banda li hi imsemmija għall-patrun tal-Qriema. Kif wieħed jaf meta każin ikollu okkażjoni jrid aktar xogħol u flus, sabiex wieħed ikun jista' jagħmel aktar festi. Kif tafu s-sena l-oħra jiena ħadt il-kariga ta' kaxxier u mhix faċli li tagħmel xogħol ta' kaxxier speċjalment fil-każin tagħna minħabba li aħna bħala każin nipparteċipaw fil-Ġimgħa l-Kbira, fl-lrxoxt u fil-festa tal-Patrun. Imma biex nagħmlu dan kollu hemm bżonn li jidħlu aktar soċi, ikollna aktar dħul, aktar volontiera u aktar benefatturi u fl-aħħar inħeġġeġ biex il-bandisti tal-post jipparteċipaw f'kull marċ li nagħmlu kemm fir-raħal u kemm barra mir-raħal.

Dwar ix-xogħol li qiegħed isir fil-każin irridu ħafna flus u ma nistgħux nagħmlu xogħol fil-każin jekk ma jkollniex nies li jagħtu daqqa t'id f'kollox; kemm fil-flus u anke jiġu jgħinu fix-xogħol tal-każin. Dan qiegħed ngħidu minħabba li ftit li xejn qegħdin insibu għajnuna speċjalment fix-xogħol li qiegħed isir fil-każin. Is-sena li għaddiet ħabbarna li qegħdin niġbru €2 fix-xahar u minkejja li kien hemm min tana €2 fix-xahar jiena bħala kaxxier ma ninsabx sodisfatt. Sfortunatament kienu ftit dawk li ġew jagħtu din id-donazzjoni ta' €2 fix-xahar. Għalhekk qiegħed inħeġġeġ lil kull min iħobb il-każin tagħna jiġi darba fix-xahar il-każin u jagħti €2 donazzjoni. Kif jgħid il-Malti, kull qatra tgħodd!

**Nawguralkom il-festa t-tajba.**

# TWANNY

# ironmongery

For

Plumbing & Electrical

Material At Unbeatable

Prices

*WE SUPPLY TO*

*CONTRACTORS AND*

*TRADESMAN*

Anici street, Qormi

21484913



# Palazz mill-Qriema għall-Qriema

Id-Direttur Ġenerali

**Is-Sur Massimo Azzopardi**

Waslet is-sena 2018. Sena li timmarka anniversarji importanti ħafna għalina l-Ġorġjani Werqisti. Sena li l-preparamenti għaliha ilhom li bdew dawn l-aħħar erba' snin. Wara li ġie ffurmat il-kumitat il-ġdid erġajt ġejt fdat bil-kariga ta' Direttur Ġenerali tal-għaqda tagħna. Kariga li tfisser sfidi u sagrifiċċji kbar, sfidi li nidħol għalihom b'qalbi kollha għax naf li warajja ser insib lilkom. Għal dawn l-anniversarji, ħadna ħsieb li s-sede tagħna tkun imżejna bl-aħjar mod possibbli. Hekk kif wieħed jibda tiela' t-taraġ l-antik tal-każin, malajr jinduna bit-tibdil kbir u għall-aħjar li sar. Tibdil li hu frott ta' kullana ta' xogħolijiet ta' restawr fil-parti l-antika u ta' tisbiħ fil-parti l-ġdida.

Is-sena l-oħra tlesta x-xogħol fuq it-tromba tat-taraġ l-antik u l-kuritur li jagħti għas-swali. Issa kien imiss li dawn jiżżejnu b'numru ta' inkwatri. Fuq parir ta' diversi persuni, inbidlu l-inkwatri kollha f'din il-parti. Flokhom saru sett ġdid li juru fil-qosor l-istorja ta' din l-Għaqda tagħna. L-inkwatri tal-kuritur kienu regalati mis-Sur Sunny Falzon u l-familja tiegħu, waqt li r-ritratti kienu regalati mis-Sur Matthew Briffa. L-inkwatri tat-taraġ ingħataw mill-familja Bugeja. Dawn l-inkwatri ser ikunu qed jikkumplimentaw il-pittura tal-Gran Mastru Pinto li issa qiegħda żżejjen dan it-taraġ.

Hekk kif wieħed jitla' mit-taraġ l-antik, ħarstu żgur ser tmur fuq is-sala l-ħamra. Eżatt wara l-festa 2017 tkompla x-xogħol fuq din is-sala, li issa ser tkun qed iġġib l-isem ta' Manoel Pinto de Fonseca. Fuq parir ta' artisti stabbiliti, kien deċiż li tinbidel l-iskala tal-kuluri tal-ħitan. Iz-zokklatura ġiet indurata minn Dominic Scerri. Iż-żewġ bibien l-antiki ġew xkatlati u miżbugħin mil-ġdid. George Portelli ħa ħsieb ix-xogħol tal-induratura ta' dawn il-bibien u tas-sopraporti ta' din is-sala. Sopraporti restawrati jitolbu purtieri ġodda, purtieri li ġew regalati lill-Għaqda mis-Sur Josef Aquilina. Is-Sinjuri Frans u Josette Mintoff, irregalaw żewġ anġli dekorattivi. Is sur Ġorġ Fenech ħadem żewġ siġilli sabiex fijom jitpoġġew id-dokument tal firma ta Pinto kif ukoll replika tal George Cross.



Is-sala ta' biswit is-sala l-ħamra ukoll ħadet xejra ġdida. Din is-sala nżebgħet bi lwien aktar ċari. Fuq pariri ta' Joseph Bugeja u Josef Aquilina, din is-sala inbidlet f'mużew żgħir u għalhekk inbidlet l-għamara u nbidlu l-inkwatri. Is-sala l-blu (Sala Nikola Montebello) wkoll ingħatat dawra. F'din is-sala infetħu mill-ġdid it-tliet twieqi, sabiex b'hekk jiżdied id-dawl. Bl-għajnuna tas-Sur Victor Casha u bosta membri tal-kumitat dan ix-xogħol sar f'ħakka t'għajn. Twieqi ġodda jeħtieġu aperturi ġodda. Kien għalhekk illi mill-iskema ta' ġbir li għamilna għall-aperturi, inġabret is-somma ta' €2,100. Dawn il-flus intefqu f'materjal bħal injam, għodod u żebgħa. Ix-xogħol tal-injam inħadem b'mod volontarju minn Ġorġ Fenech, membru tal-kumitat. Ix-xogħol tal-ħġieġ sar u ġie regalat minn Ray u Kurt Psaila. Bosta membri oħra taw daqqa t'id fiż-żebgħa ta' dawn l-aperturi.










Mis-sala l-blu, wieħed jgħaddi għall-atriju tas-sala l-kbira. Dan il-post illum ma jintgħarafx. Qabel il-festa kien inkesa t-taraġ bl-irħam, rigal tal-kumpanija Grech Marbles. Il-ħitan u s-saqaf kienu miksija u dekorati mill-ġdid, xogħol li ma nafx kif kont inlestih li ma kinitx għall-għajnuna ta' Toni Zammit. Il-bosta ritratti li kienu fil-kuritur issa ser ikunu murija permezz ta' żewġ "Picture Frames", regalati lill-Għaqda mis-Sur Joe Bugeja. Dan il-post ser ikompli jiżżejjen bil-pjanu storiku regalat lill-Għaqda mill-eks surmast direttur Abel J. Mizzi, pjanu li mit-tastiera tiegħu ħarġu wħud mill-aqwa marċi u innijiet f'Malta.










Minkejja dan ix-xogħol kollu fil-parti l-antika, ma nsejniex il-parti l-ġdida. Propju wara l-festa, beda minnufih ix-xogħol fuq is-saqaf tat-taraġ tar-raġġ. Fuq disinn tiegħi stess inbeda x-xogħol tal-ġibs u l-istucco. It-tlestija ta' dan il-proġett ma kienx ikun possibbli li ma kinitx għall-għajnuna kbira li sibt mingħand Tony Zammit. Fuq l-ornamenti ħadmu l-artist Joseph Micallef li naqax il-mamma, Natalino u Ġuzi Xuereb li ħadmu l-kontraformi, Joe Mamo u Christian Micallef għax-xogħol fl-elettriku, Ludvick Vella għax-xogħol ta' kisi u Toni Zammit għax-xogħol ta' tibjid. Ma' dawn l-imgħallma ingħaqdu bosta żgħażagħ li wkoll taw daqqa t'id sabiex dan il-proġett jitlesta fil-ħin u bl-inqas spejjeż possibbli.


















Is-sala l-kbira u l-kmamar ta' magħha ma nsejnihomx. Fis-sajf tlesta x-xogħol fuq il-kamra tal-arkivju, fejn issa l-ammont kbir ta' mużika li għandha l-Għaqda tista' tintrefa' b'mod aħjar. Tkompla x-xogħol fuq il-kamra tal-kumitat, waqt li beda x-xogħol fuq wieħed mill-imħażen. Għall-festa ser inżanżnu żewġ bibien oħra għal din is-sala l-kbira. L-injam tal-ġewż Amerikan kien tħallas mill-Assoċjazzjoni San Francesco. Ix-xogħol fl-injam ħareġ mill-qalb kbira ta' Ġorġ Debono waqt li ibnu Silvio ħa ħsieb il-lostru, kollu ħidma volontarja. Il-ħġieġ ta' dawn il-bibien huwa xogħol ta' Kurt u Ray Psaila.

Sabiex jitfakkar il-125 anniversarju mit-twaqqif tal-banda tagħna, fl-intrata ser titwaħħal irħama kommemorattiva. Irħama oħra ser tkun dik li tfakkar nies li








għamlu ġieħ lil Ħal Qormi u li għexu f'dan il-post. La konna ser inżejnu l-intrata b'dawn l-irħamiet kien xieraq li niżbgħu mill-ġdid din l-intrata. Dan ix-xogħol sar b'rigal mis-Sur Twanny Agius u la konna bil-lant bqajna għaddejjin bis-saqaf tal-bottegin ukoll. F'din il-biċċa xogħol sibna l-għajnuna ta' Frans Mintoff li għamel tajjeb għall-ispiża taż-żebgħa.

Issa li sal-festa ser inkunu dorna dawra sew dan il-palazz tagħna minn ġewwa, ħarsitna tmur fuq il-faċċata. Grazzi għall-għajnuna tal-Perit William Lewis, ksibna l-permessi meħtieġa sabiex nibdew ix-xogħol. Wara l-festa ser jibda x-xogħol fuq il-faċċata. Il-pjan tagħna huwa li dan il-proġett ikun lest sa Ottubru. Il-faċċata ser tkun imżejna b'żewġ irħamiet artistiċi, xogħol l-aħwa Antoine u Christopher

Mifsud. Dawn l-irħamiet ser ikunu għal wiri fil-jiem tal-festa. F'dawn il-jiem ukoll ser ikun hemm għall- wiri wkoll id-disinn tal-ħabbati l-ġodda, disinn tal-artist Għawdxi Manuel Farrugia.
Kif ser tkunu qed taraw b'għajnejkom, dan il-palazz tagħna ser ikun qed jilbes libsa ġdida. Dan ix-xogħol kollu seta' jsir biss grazzi għall-għajnuna mill-bosta voluntiera u benefatturi. Il-pjanijiet tagħna kienu ambizzjużi u ftit kienu dawk li emmnu li ser inwettquhom. Iżda għax kellna lilkom warajna, dak li ħafna ħasbu li ma kienx possibbli għamilnih possibbli. Fit-twettiq ta' din il-ħolma kienu ta' spalla kbira għalija Joe Testa u Jonathan Zammit, assistenti diretturi kif ukoll Josef Aquilina u Joseph Farrugia fuq ix-xogħol ta' dekorazzjoni. L-aħħar kelma bix-xieraq tmur lill-familji tagħna, li għalkemm iġarrbu n-nuqqas tagħna, ikomplu jħeġġuna sabiex inkomplu b'din il-ħidma tagħna sabiex dan il-każin tagħna jkun id-dar tal-Ġorġjani kollha ta' rieda tajba.
Ngħalaq dan il-messaġġ tiegħhi billi min qalbi nawgura lill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti fil-25 Anniversarju tagħha. Żgur li kienu 25 sena ta' suċċessi kontinwi.

**Viva l-Għaqda għażiża tagħna.**






PRO

**Is-Sinjorina Melanie Mifsud**

Nixtieq nibda dawn il-kelmtejn tiegħi billi nirringrazzja lilkom is-soċji talli erġajtu ppermejtu li nagħti sehmi f'din l-Għaqda tant għal qalbi. Wara s-seduta ġenerali li saret fi Frar, ġejt maħtura bħala l-PRO tal-Għaqda. Kariga li hija ferm ġdida għalija, madanakollu ser nagħmel l-almu tiegħi kollu biex b'dil-ħidma ġdida, l-Għaqda jibqa' jkollha s-suċċessi li dejjem kellha.

Din is-sena hija ferm importanti għalina l-Werqisti, peress li qed niċċelebraw żewġ anniversarji importanti ħafna għall-Għaqda tagħna. L-ewwel anniversarju huwa l-125 sena mit-twaqqif tal-Banda tagħna, fejn nistgħu ngħidu li l-Banda tagħna tul dawn is-snin kienet ta' unur għal beltna kif ukoll għall-pajjiżna. It-tieni anniversarju huwa l-25 sena mit-twaqqif tal-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti, fejn tul dawn is-snin, dawn iż-żgħażagħ ħadmu bis-sħiħ biex jgħollu isem l-għaqda u jagħtu l-kontribut sħiħ tagħhom fiha.

Kif kulħadd jista' jobsor biċ-ċelebrazzjonijiet ta' dawn l-avvenimenti, ix-xogħol żdied mhux ħażin; bil-membri tal-Kumitat u tal-Kummissjonijiet jaħdmu bi sħiħ biex isir kollox tal-għola livell u jkunu ta' suċċess. Minnbarra x-xogħol li jinvolvu l-anniversarji, il-ħidma tul ix-xhur tas-sena hija importanti ħafna biex jintlaħqu l-għanijiet aħħarija fil-jiem tal-festa. Dawn iġibu magħhom xhur sħaħ ta' ħsibijiet, pjanijiet u ħidma kemm fuq xogħol manwali ġewwa s-sede kif ukoll ħidma rigward ġbir ta' fondi li huwa xogħol bżonnjuż immens biex inkunu nistgħu nimxu 'il quddiem fil-ħidma tagħna. Bħalma tistgħu taraw, jekk tagħtu titwila fis-swali tas-sular ta' fuq, taraw li din is-sena kien hemm ħidma impenjattiva ħafna fejn tidħol manutenzzjoni biex dejjem insebbħu darna.

Ta' min isemmi wkoll is-sehem attiv li kellna fil-Ġimgħa Mqaddsa. Din is-sena tnediet CD ġdida ta' marċi funebri kompożizzjonijiet ta' diversi surmastrijiet, liema kollezzjoni nkorporat it-tliet innijiet bil-kant ferm popolari ta' Mro Abel J. Mizzi. Din is-sena l-Għaqda tagħna ħadet ħsieb ukoll li terġa' tagħti ħajja lil tradizzjoni

antika fil-Ġimgħa l-Kbira, billi mill-ġdid reġgħu tkantaw it-tliet innijiet rispettivi fid-dħul tal-Vara l-Kbira, id-Duluri l-Kbira (id-Depożizzjoni) u d-Duluri x-Xiħa. Sehem il-Banda tagħna fil-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa, għalqu bil-Banda tagħna takkupanja fil-Purċissjoni tal-Għid il-Kbir quddiem il-vara artistika ta' Kristu Rxoxt, bil-melodiji tant popolari, uniċi u mill-isbaħ tal-valzi u l-marċi tal-Għid.

Dan ix-xogħol kollu ma kienx ikun possibli mingħajr il-ħidma kontinwa ta' sħabi l-membri tal-Kumitat, il-membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti, il-Kummissjoni Banda, il-Kummissjoni 125, il-Bord Attivitajiet, il-Bord Editorjali, is-soċji, il-benefatturi, il-bandisti u l-membri fi ħdan din l-Għaqda glorjuża. B'hekk nibqgħu nagħtu ġieħ lil Patrun tagħna San Ġorġ Martri.

Il-Festa t-tajba.




# Presidenti Emeriti



Is-Sur Victor Formosa



Is-Sur Clive McNally

## Direttur Emeritus



Is-Sur Guido Saliba

# Bandisti Regolari



Is-Sur Tonio Fenech



Is-Sur Twanny Zammit

## Direttur Spiritwali



L-Ar`. Dun Mario Mangion

# Membri Emeriti



Is-Sur Ninu Agius



Is-Sur {or[ Debono



Is-Sur {or[ Schembri



Il-Kav. Charles Cilia



Is-Sur Lukardu Borg



Is-Sur Twanny Zammit

# Membri Onorarji



Is-Sur Josef Aquilina



Is-Sur Guido Zammit



Is-Sur Walter Pawley



Rev. Kan. Lawrence Zammit



Is-Sinjura Mary Mamo



Is-Sinjura Rita Aguis



Is-Sur Joseph A. Bugeja



Is-Sur Silvio Debono



Is-Sur Frans Mintoff



Is-Sur Romano Tabone



Is-Sur Silvio Pace



Is-Sur Raymond Psaila



Is-Sur Mario Chirchop



Is-Sur Nenu Galdes



Is-Sur Victor Casha


MaxiTrade Ltd.
Est. 1993
Maxi Trade Limited
Triq il-Ħarifa,
Qormi
Tel/Fax: 21496873
Mobile: 9947 0371
email: maxitrade@onvol.net.mt
www.maxitrade.com.mt


Cut'n'Curl
By Graziella
Upstyles and Makeup for any occasion
Cuts and Colours Latest Techniques
100% Frizz Free Keratin Treatment
Gel, Gelish and Acrylic Nails
Manicure and Pedicure
Tel:21470553 / Mob: 99855252
email: graz_82@hotmail.com
111, St Francis Square,
Qormi

# Jeffrey Theuma

# Fresh is Best



# Il-Wied ta' Ħal Qormi

# Lux Design



**Hair services**
Brazilian keratin treatment
Human hair extensions with affordable prices
Colour, cuts and lights (latest techniques)
Up styles for all occasions

**Beauty treatment**
Waxing: Eye's, lips, chin and arms
Professional makeup for all occasions

**Nail treatment**
Gel or Acrylic
Profesional nail art
Micropittura
Gelish
Parafin wax
Manicure
Pedicure



IL-FORN TA' L-GĦAWDXI

• WOOD FIRED PIZZA •

# MENU



44, Triq il-Vitorja, Qormi

Tel: 7944 4202 - 2144 4202

## Traditional Gozitan Ftira

**Ftira tal-Ġbejniet Friski**................€6.00
Local fresh Cheese and Mozzarella

**Ftira tal-Kapunata**..........................€6.00
Tomato sauce, Mozzarella, Kapunata, Maltese Sausage, Boiled Egg and Potatoes

**Ftira Ġobon tat-Tursina**...............€6.50
Mozzarella, Blue Cheese, Fresh Cheese, Fresh Tomatoes and Potatoes

**Ftira ta' l-Inċova**.............................€6.50
Tomato Sauce, Mozzarella, Anchovies, Capers, Olives, Fresh Tomatoes and Potatoes

**Ftira Għawdxija**...............................€7.00
Tomato Sauce, Mozzarella, Tuna, Capers, Olives, Onions, Fresh Tomatoes, Sundried Tomatoes and Potatoes

**Ftira tal-Koxxa**...............................€7.00
Tomato Sauce, Mozzarella, Gammon (koxxa), Maltese Sausage, Salami and Potatoes

**Ftira Maltija**.....................................€7.50
Tomato Sauce, Mozzarella, Maltese Sausage, Fresh Cheese, Olives, Onions, Fresh Tomatoes, Sundried Tomatoes and Potatoes

**Ftira tal-Majjal**...............................€8.00
Tomato Sauce, Mozzarella, Chopped Pork, Maltese Sausage, Bacon, Onions and Potatoes

**Ftira tat-Tiġieġ**...............................€8.00
Tomato Sauce, Mozzarella, Chicken, Mushrooms, Peas, Onions and Potatoes





# Oasis

*Bar - Restaurant*

**LUQA**





# Opportunities start with a conversation.

Some opportunities are a lifetime in the making.
Some appear out of thin air. Some are achieved through hard work.
The one thing they share is they all start with a conversation.

**We're ready to listen.**

**Call 2260 1000 | www.bnf.bank**

BNF Bank plc is a credit institution licensed by the MFSA to undertake the business of banking in terms of the Banking Act 1994.



Il-Warda
Flower Shop
by Brian Camilleri
Florist

94, Triq ix-Xitwa,
Qormi

tel:21492626 mob:79709996
e-mail:fiorio@maltanet.net




George Cross Store
Simpatia Crai

triq il-Bħajra, Qormi
mob:99465901

# PhotoPoint

**PROFESSIONAL Services:**

**Best Price on : Studio Photography**

**Engagements**

**Baptisms**

**Baby Photo Sessions**

**Family Photo Sessions**

**Parties & Events.**

**PROFESSIONAL *Service* & *Best Price***

**214, Victory street Qormi - Tel: 21491713**

# JONATHAN HAIR SALON





HAIR
NAILS &
BEAUTY





ST. EDWARD STREET,
QORMI

MOB. 9944 2688

CATERERS
FOR ALL FUNCTIONS

**Pinto**

*Pastizzeria & Confectionery*

**Tel: 27442887**
**Mob: 99943394**

**RAYS SHOPPING CENTRE**

RAYMOND AQUILINA

Victory Street Qormi

99477246/79390561/21441379
aquilina.matthew@hotmail.com

RSC


George's
Salon
George's Salon,
142 St Bartolomeo Str Qormi
T: (+356) 2744 8234
M: (+356) 7744 8234
Opening hours: 9.00 am - 5.30pm,
Tuesday - Saturday.


Anici
Confectionery
ex Joe's Confectionery
Anici Street Qormi
Tel: 21484667
- Caterers for all occasions
- Now with larger variety of confectionery items and daily needs
- Hot snacks freshly baked daily
- Cakes, Frozen Pastries and muh more
aniciconfectionery@outlook.com
Facebook: Anici Confectionery


Cheveux De Luxe
Hair & Beauty
Triq il-Helsien Qormi
Tel: 2756 3019
Mob: 9923 8857
HABIA QUALIFIED
Nathalie Pace


Cab Service
24/7
Tel 27220000
Mob 77701834/5
trevorbenfield@gmail.com

DESIGN
X SIGNS
CLUB HOUSE
LARGE FORMAT PRINTING
DESIGN CENTRE
86, Victory Street,
Qormi.
2700 0084 / 9944 1466

10% DISCOUNT
on presentation of this advert

# At Snowhite Laundry, our mission is to guarantee premium service in handling all your laundry and dry-cleaning needs.

- **Bay Street Complex**
  Level 0, St. George's Bay, St. Julians
- **Park Towers Mall**
  Level 1, Spinola bay, St. Julians
- **Factory Outlet**
  Tal-Hlas Road, Qormi
- **Door-to-Door Service**
  Free collection and delivery from your home or office Tel: 2148 7000

SNOWHITE
The Laundry
Established 1955



CARPETS - CURTAINS - QUILTS - UNIFORMS - SUITS - WEDDING DRESSES
DELICATES - UPHOLSTERY - COMMERCIAL LAUNDRY & DRYCLEANING - LINEN HIRE

Snowhite Laundry - Tal-Hlas Road, Qormi, QRM 5011
Tel: 2148 7000 Fax: 2144 9302 info@snowhitelaundry.com www.snowhitelaundry.com


NAILS IN MOTION
CHERYL
7747 0473




PINU GARAGE

**Pinu Garage**
240, Main Street, Qormi

2149 6615
7944 6930
johancurmi@hotmail.com
Pinu Garage

## Starline Autoparts

Clutches
Bearings
Brake Pads
Belts Batteries
Shock Absorbers
Water Pumps
Disc Brakes
Wishbones

For all car models

91, Mdina Road
Qormi QRM9019
t: 21445090 m: 99491999
Find us on Facebook!

## Alfgatt Autoparts

Lamps
AC Services
Bonnets Wings
Bumpers Mirrors
Window Winders
Windscreens
Accessories
Doors

For all car models

18, Luqa Road
Qormi QRM9073
t: 21490270 m:99868411
Find us on Facebook!

TA' DERNIS
PROPERTIES

# WE ARE FLEXIBLE TO YOUR NEEDS





## APARTMENT 1A 110sqm



## APARTMENT 4A 116sqm



## APARTMENT 6A 116sqm



A | 128, Triq San Bartolomew, Qormi, QRM 2184 W | www.tadernis.com E | info@tadernis.com M | 9986 0983


Mark Farrugia
Mf billiard services
Mob: 7904 6168
Reclothing Billiard Tables
email: mf.billiard.services@gmail.com
best english cloth


Baked
Fresh
Daily
Pizza moħmija fil-forn tradizzjonali tal-ħatab
Friday & Saturday from 6pm onwards.
FMC Motors
G.MOLTON CO. LTD. - COATING SOLUTIONS
TAR-RABBAT QORMI
We are Here
Evangelical Baptist Church
Triq Hal-Qormi
Triq Spiteri Fremond
Vjal De La Cruz
San Bastjan Church
Qormi Hockey Club
No connection with any other company
Andre's
Bakery | Pizza
Snacks | Take Away
Traditional Maltese wood fired oven for the best Pizza in town
Valletta Road, Qormi
Tel: 2149 1902 / Mob: 9944 3741
Opening Hours:- Monday to Saturday from 7.00am – 3.30pm







**Il-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti Qriema ppreżentat sett ta' sitt pavaljuni lill-President tal-Għaqda s-Sur Charles Micallef. Xogħol kollu maħdum mill-qalb ta' Żgħażagħ Werqisti.**

# Ħruġ min-niċċa 2017

## marċ mill-Banda San Ġorġ Martri











# Marċ tal-Ħamis 2017

## it-Tieni Jum tat-Tridu



















L-aqwa u l-ikbar marċ fil-Belt Pinto

# *Programm ta' Lejliet il-Festa*

## mill-Banda San Ġorġ Martri

























# Marċ tal-Ħadd Filgħodu 2017

## mill-Banda San Ġorġ Martri





















# Ġimgħa L-Kbira 2018



Il-Banda San Ġorġ Martri f'posta quddiem il-Vara l-Kbira


il-Kbira

# Kristu Irxoxt 2018



Il-Banda San Ġorġ Martri f'posta quddiem Kristu Rxoxt



# Sorprizza 2017

Marco Aquilina
Photography
79720927

# Bandisti Ġodda 2018
## mill-Akkademja Giorgio Zarb



***Bil-wieqfa:* Martin Cassar**

***Bil-qiegħda mix-xellug:* Shezenne Cassar, Mro. Archibald Mizzi, Pres. Charles Micallef, Mro. Peter Cini, Jorrin Busutill**





Surmast direttur

**Mro Archibald Mizzi**

Merħba għall- festa oħra tal- patrun tagħna San Ġorġ Martri.  Festa li tkun ilek taħdem għaliha sena sħiħa bla waqfien għax fejn tidħol il- mużika l- każin tagħna jeħodha bl- akbar serjeta' għax il- kazin minn dejjem kien u għandu għal qalbu l- mużika.

F'dawn l- erba' kelmiet nixtieq nagħmel appell lill-ġenituri kemm hu importanti li t-tfal jitgħallmu l-mużika. Importanti għall- formazzjoni tagħhom. Bniedem mingħajr kultura, x'inhu?

L-għaqda tagħna toffri tagħlim b' xejn u anke strumenti  f' ambjent sabiħ. Klassijiet moderni, nista' ngħidilkon li l-istudenti li hemm bħalissa kif jgħidu l-Inglizi 'LOOKING FORWARD'  biex jiġu għal- lezzjoni.

Nixtieq nagħmel appell biex aktar bandisti tal-post jattendu għall- kunċerti li jsiru matul is- sena fis-servizzi li l- banda tagħna għandha u fl-aħħhar u mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lill-kumitat amministrattiv u lill-kumissjoni banda tax-xogħol li jagħmlu u li dejjem imxejna id f' id għax b' hekk biss tista' timxi 'l quddiem.

Nispiċċa biex ngħid li ftit tal-ġimgħat ilu tlifna lil missieri li ħadem bla heda għal każin barra li kien surmast għal ħafna snin kien anke fil-kumitat. B'hekk f'ismi u f'isem ħuti l-ewwel nixtiequ nirringrazzjaw lill-Għaqda Mużikali San Ġorħ Martri għar-rispett li urew u lil dawk kollha li attendew għall- funeral u qasmu magħna f'mument hekk diffiċli. GRAZZI mill-qalb.

**Nawguralek il-festa t-tajba**



# 125 sena ta' Mużika

Assistent Surmast u għalliem
tal-istrumenti tar-Ram

**Mro Peter Cini**

Ninsab onorat li għal sena oħra qed nikteb l-artiklu fil-programm tal-festa u din is-sena speċjali peress li qegħdin infakkru l-mija u ħamsa u għoxrin sena mit-twaqqif tal-Għaqda tagħna.
Fl-1993 meta l-Għaqda ċċelebrat l-mitt sena kont għadni alliev. Għadni niftakar kollox ċar: ħerqan biex infittex noħroġ indoqq u kont nattendi kull servizz li l-banda kien ikollha kemm fir-raħal kif ukoll f'festi fejn kienet tkun mistiedna.
Minn dakinhar għaddew ħamsa u għoxrin sena u nħoss li l-għaqda tagħna għamlet passi kbar kemm bħala banda u kemm bħala sede. Illum nistgħu ngħidu li għandna palazz mgħammar b'kollox u kif jixraq għaż-żminijiet tal-llum. Dan kollu mertu għall-President u l-Kumitat ħabrieki li tħaddan l-Għaqda.
Ma nistax ma nsemmix lid-direttur ġenerali tal-każin, is-Sur Massimo Azzopardi li s-sena kollha ssibu għaddej minn proġett għall-ieħor jaħdem senza interessi flimkien mas-Sur Toni Zammit u membri tal-kumitat. Meta nara dawn in-nies u anke lill-kummissjoni żagħżagħ li jaħdmu minn qalbhom għall-għaqda tagħna, nimtela b'kuraġġ kbir u nħossni li qiegħed nagħmel parti minn familja magħquda.
Nixtieq permezz ta' dal-artiklu nieħu l-opportunità li nsemmi lill-alliev tiegħi Jorrin Busuttil (Euphonium) li ħareġ jdoqq għall-ewwel darba mal-banda fil-Millied u minn hawn nawguralu kull suċċess fil-qasam mużikali.
Nixtieq nappella lill-ġenituri kollha biex iħeġġu lill-uliedhom biex jibdew jistudjaw il-mużika; dan mhux telf ta' ħin, anzi bil-kontra, għax il-mużika hija arti sabiħa u li meta tiskopriha tinduna xi tkun qed titlef jekk ma tippratikahiex.
Infakkar illi l-għaqda tagħna toffri t-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas u anke tipprovdi strument mingħajr ħlas, jiġifieri titilfux din l-opportunità għax jaf uliedkom għandhom talent mużikali li għadhom ma ntebħux bih.
Minn hawn nirringrazzja lill-President u l-Kumitat attwali tal-fiduċja li dejjem juru fija u lis-Surmast tal-għajnuna li nsib mingħandu; lill-Kummissjoni Banda tal-appoġġ kontinwu u tal-ħidma tagħhom sabiex il-banda tagħna dejjem toħroġ bl-unuri f'kull servizz kemm ġewwa u kif ukoll barra r-raħal. Nirringrazzja wkoll lill-allievi u l-bandisti tagħna tal-paċenzja u s-sagrifiċċju li jagħmlu fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri.
**Nawgura l-festa t-tajba lill-Qriema kollha.**



Flat ceiling with bulkhead
AGIUS
AD
DECORATIONS LTD.
7, Triq il-Wied, Ħal Qormi
Tel : 21 472068, 21 803654
Fax : 21 485595
Mob : 99476936, 79253740
E-Mail : agiusdecor@onvol.net
60x60 soffits
• Wall Panelling
• Pvc Soffits
• Folding Doors
• Skirting
• Gypsum Soffits
• Partitioning
• Coving
• Blinds
• Curtain Rails
• Roller Nets
• Laminate Flooring
Flat ceiling with borders
Wall panelling




Find us on Facebook
Albert Mifsud
id-Deffien
Funeral Services
7, Triq il-Gunġlien - Qormi
M: 7932 2796
9960 6504
Prezzijiet Baxxi
B'Kwalita għolja ta' Servizz

## Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri, Ħal Qormi
*A.D. 1893*

# Programm ta' Lejlet il-Festa

fi Pjazza San Franġisk, nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju 2018
mit-8.00 p.m. 'il quddiem





**Innu Ħal Qormi**
Mużika - Sebastian Camilleri, Kliem - Kav.Ġorġ Bianchi.
Kor - Coro bel Canto

**Fjur ta' Martri**
Mużika - Giuseppe Camilleri, Kliem - Dun Karm Psaila

**Commemoration Day**
Mużika - Kav. Abel J. Mizzi

**Game of *Thrones***
Mużika - Ramin Djawadi, Arr.. J.Brown

**Mamma**
Mużika - C.A. Bixio, Ikanta - Edmond Apap

**Let Her Go**
Muzika - Michael Rosenberg, Arr.- Archibald Mizzi,
Ikanta - Matthias Brancaleone



**Queen in Concert**
Mużika - Queen, Arr. Ray Schiberras
*Jidderieġi l-Assistent Surmast Peter Cini*

*Mistiedna Speċjali*
## Xarulù
mal-Banda San Ġorġ Martri



**Charles Chaplin**
Arr. Marcel Peeters, Animazzjoni - 4teenth productions

**Innu San Giorgio**
Mużika - Vincenzo Carabott,
Baxx - Albert Butiġieġ, Kor - Coro Bel Canto

**Innu tal-Banda**
Muzika - A.Muscat Azzopardi, Kliem - Kav. Ġorġ Bianchi

*Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni ta' Archibald Mizzi*
*Produzzjoni : Kummissjoni Banda San Ġorġ Martri*
*Preżentazzjoni : Joe Chetcuti*

# Kummissjoni Banda

L-Għaqda tagħna din is-sena qed tiċċelebra il-125 sena anniversarju mit-twaqqif tagħha. 125 sena ta' ħidma kbira b'impenn mużikali. Għaqda li minn dejjem kienet strumentali biex twassal il-lingwa tal-mużika lill-partitarji u lill-ammiraturi tagħha. Ix-xogħol tal-banda huwa xogħol impenjattiv ħafna li jieħu ħafna ħin. Dan ix-xogħol isir possibbli meta jkollok banda mmexxija minn amministrazzjoni tajba grazzi għas-Surmast Direttur Archibald Mizzi u l-Assistant Surmast Peter Cini li qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom biex ikollna l-aqwa banda possibbli u li preżentement qegħdin jgħallmu ukoll lill-alljievi tal-għaqda tagħna. Flimkien mas-surmastrijiet, jaħdmu bi sħiħ il-membri tal-kumitat kif ukoll id-delegati tal-banda biex dejjem nagħtu l-aqwa prodott.

Matul din is-sena wkoll, komplejna nsaħħu l-ħidma tagħna fil-qasam tat-tagħlim tal-alljievi tagħna permezz ta' proġett imtella' mill-Aġenzija Żgħażagħ. F'Ottubru li għadda ġew organizzati 'Master Classes' għall-alljievi tagħna b'kollaborazzjoni mal-Banda Sant' Andrija ta' Ħal Luqa. Din kienet attività mill-isbaħ għall-alljievi tagħna fejn l-istudenti tal-istrumenti tar-ram kellhom lezzjonijiet mingħand Giuseppe Recchia, għalliem Taljan b'esperjenza kbira fil-qasam tal-mużika, kif ukoll mingħand Daniel Vella, mużiċista bravu immens. L-alljievi tagħna ħadu sehem bi ħġarhom ma' dawk tal- Banda Sant' Andrija għal din l-attività li barra li serviet bħala esperjenza ta' tagħlim kienet ukoll esperjenza sabiħa ħafna fejn tgħallmu wkoll minn xulxin.

Bħal kull sena f'din il-kitba nagħtu rendikont tal-attivitajiet tal-Banda tagħna lilkom soċji u ammiraturi ta' din il-banda. Wara l-festa kbira tas-sena l-oħra, komplejna bil-ħidma tagħna bis-servizzi li l-banda tagħna tagħmel fix-xhur tas-sajf. L-ewwel appuntamenti kienu ż-żewġ servizzi li l-banda tagħna tagħmel għal festa oħra ad unur il-Patrun tal-Qriema San Ġorġ fil-gżira Għawdxija. Dawn iż-żewġ servizzi huma għal qalbna ħafna għalhekk nagħmlu l-almu tagħna biex dawn is-servizzi jkunu ta' suċċess. Fil-festa Għawdxija nagħtu sehemna l-Ħamis fejn nassistu għat-tlugħ tal-istatwa ta' 'San Ġorġ Patrun tal-Għawdxin', kif ukoll nieħdu sehem fil-marċ tal-Ħadd filgħodu.

Is-servizzi tagħna jkomplu f'Awwissu fejn indoqqu għall-festa ta' Santa Marija, f'Ħad-Dingli. Din is-sena l-Kummissjoni Banda ħadmet biex iżżid servizz ieħor, b'hekk f'Settembru kellna servizz għall-festa ta' Marija Bambina, fin-Naxxar fejn konna mistednin mill-Banda Peace.

Waqt li kienu għaddejjin is-servizzi tas-sajf, il-Kummissjoni Banda kienet qed taħdem u tipprepara biex f'Novembru jsir ir-Recording għas-CD ta' dis-sena tal-



**Bil-wieqfa mix-xellug: Elisa Fenech, Rosalie Grech, Patrick Brancaleone, Charyl Azzopardi, Melanie Mifsud**
**Bil-qiegħda mix-xellug: Mro. Archibald Mizzi, Pres. Charles Micallef, Mro. Peter Cini**

Marċi Funebri, liema CD ntlaqgħet tajjeb ħafna minnkom. Lejn tmiem is-sena 2017, il-banda ħadet sehem fil-marċ tal-Milied fejn din is-sena il-Kunsill ħa ħsieb itella' attività quddiem is-Sede tal-Kunsill Lokali, b'risq il-Malta Community Chest Fund. Għal din l-attività kienet mistiedna l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca, fejn mal-wasla tagħha s-surmast direttur tal-Għaqda tagħna Archibald Mizzi dderieġa t-tlett baned Qriema għad-daqq tal-Innu Malti.

Mal-bidu ta' dis-sena bdew jiġu ffinalizzati il-preparamenti għal sena impenjattiva ħafna. Bdejna billi fit-18 ta' Frar tnediet is-CD il-ġdida tal-marċi funebri; u tajna sehemna, bħal dejjem, bi pjaċir u b'unur fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira quddiem il-Vara l-Kbira, u tal-Għid il-Kbir quddiem l-istatwa tal-Irxoxt.

Ftit wara fil-jum tant għażiż tat-23 ta' April, il-festa liturġika ta' San Ġorġ Martri, il-banda tagħna żammet l-appuntament annwali tagħha mal-partitarji b'marċ li beda minn quddiem il-knisja arċimatrici u arċipretali ta' San Ġorġ Martri u li jispiċċa quddiem is-Sede tagħna bil-banda takkumpanja l-istatwa ta' San Ġorġ li kienet mogħtija lil din l-Għaqda mill-partitarji Werqisti fl-2013.

Il-preparamenti tal-festa għal dis-sena waslu wkoll lejn tmiemhom. Il-Kummissjoni Banda qed taħdem bi sħiħ biex ikollha għal sena oħra l-aqwa marċi. Għaddejin ukoll il-preparamenti għall-programm ta' Lejliet il-Festa bil-banda taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Archibald Mizzi, kif ukoll għal xi siltiet oħra taħt il-bakketta tal-assistent Surmast Peter Cini.
Kif wieħed jista' jinduna l-ispejjeż mużikali ta' din l-għaqda huma kbar, iżda meta wieħed jemmen f'xi ħaġa jagħti dak kollu li jkun meħtieġ sabiex din tkompli tikber u tissaħħaħ. Hekk jagħmel il-Kumitat ċentrali flimkien mal-Kummissjoni Banda u l-bandisti tal-post. Għalhekk inħeġġiġkom biex tkunu ġenerużi magħna, ħalli in-noti sbieħ ta' din il-banda jibqgħu jikbru u jagħmlu aktar suċċess.
Nirringrazzjaw lill-bandisti tal-post tagħna għal-lealtà, is-sagrifiċċju u l-impenn li jagħtu lejn il-Banda, filwaqt li nawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd.




Alfred Gatt
For all types of
original iron works.
Over 40 Years Experience
285, Victory Street, Qormi QRM 2502
Tel/Fax: 21 444 096
Mob: 99 837 566
www.alfredgattandsons.com
contact@alfredgattandsons.com



# L-ewwel ħamsa u għoxrin sena

Responsabli mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti

**Is-Sur Omar Ablett**

Merħba
Reġa wasal ix-xahar ta' Ġunju, ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tal-patrun tal-Qriema kollha.
Huwa ta' unur għalija li ilni għal dawn l-aħħar ħames snin responsabbli miż-żagħżagħ fi ħdan l-Għaqda. Din is-sena jaħbat l-anniversarju tal-ewwel ħamsa u għoxrin sena mindu twaqqfet il-kumissjoni żgħażagħ, fejn iktar inħosshom li qishom għaddew ħamsa u għoxrin ġurnata milli ħamsa u għoxrin sena.
Niftakarni daqsxejn ta' tifel meta fil-bitħa tal-każin twaqqfet il-KŻW. Minn dak iż-żmien 'il hawn qatt ma ħarisna lura imma dejjem 'il quddiem b'ħafna motivazzjoni. Kienu snin ta' ħidma għall-kummissjoni kif ukoll għall-każin. Erfajna r-responsabbiltà li nieħdu ħsieb il-briju tal-ikbar marċ ta' Beltna, il-famuż marċ ta' San Ġorġ taż-żiemel u b'wiċċi minn quddiem nista' ngħid li dejjem konna uniċi fis-sorpriżi li ħdimna.
Bħala kummissjoni ntellgħu ħafna attivitajiet matul is-sena kollha, bħal festini li jsiru fis-sede tal-każin tagħna, ikliet u attivitajiet bħal Carwash. Il-kummissjoni tagħti l-għajnuna tagħha fejn jidħol xogħol ta' preparazzjonijiet għal ċertu programmi, għajuna fl-attivitajiet u manutenzjoni fis-sede taħt id-direzzjoni tas-Sur Massimo Azzopardi. Dan huwa l-pjaċir tagħna; li naraw l-Għaqda tagħna tkun minn ta' quddiem.
Nirringrazzja lil dawk kollha li mexxew din il-Kummissjoni qabli u lil kull membru li tul dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena taw sehemhom. Nirringrazzja wkoll lid-direttur Massimo Azzopardi u lill-PRO Melanie Mifsud tal-għajnuna tagħhom matul is-sena kollha. L-iktar u mhux l-inqas grazzi kbira lill-sħabi membri fil-kummissjoni li jaħdmu bla waqfien għal din il-festa grandjuża.

**VIVA SAN GORG**



**Bil-wieqfa mix-xellug: George Aquilina, Gilmour Fenech, Melanie Mifsud, Dylan Agius, Jeremy Bugeja**
**Bil-qiegħda mix-xellug: Massimo Azzopardi, Pres. Charles Micallef, Omar Ablett**


San Ġorġ ta' Għawdex
2017
Il-Banda San Ġorġ Martri mistiedna ddoqq f'żewġ
marċijiet f'Għawdex għall festa ta' SanĠorġ


J M GARAGE
MINI BUS SERVICE
Johan Micallef
+356 79854481
micallefjohan@yahoo.com



Arkivista

**Is-Sur Patrick Brancaleone**

Insellmilkom ħbieb,

Fi Frar ta' din is-sena, wara li saret is-seduta ġenerali, jien wrejt ix-xewqa li ma nerġax nokkupa l-kariga ta' segretarju għal ħafna raġunijiet. Ħassejt li ħdax-il sena f'din il-kariga kienu biżżejjed u ħassejt li huwa aħjar għall-Għaqda li jidħol xi ħadd ġdid biex b'hekk nagħtu ċans għall-ideat ġodda u l-Għaqda tibqa' timmatura. Il-kumitat aċċetta x-xewqa tiegħi u minfloki laħqet is-Sinjorina Rosalie Grech li minn hawn nixtieq nawguralha kull suċċess fil-ħidma l-ġdida tagħha bħala segretarja ta' din l-Għaqda u nwiegħdha l-għajnuna tiegħi. Il-Kumitat il-ġdid reġa' fdali l-kariga ta' Arkivista. Din il-kariga tirrikjedi ħafna xogħol għall- għaqda bħal tagħna fejn is-sena kollha nkunu impenjati speċjalment fejn tidħol banda.

Din is-sena hija speċjali għall-għaqda tagħna hekk kif qegħdin niċċelebraw il-125 sena mit-twaqqif tagħha. Din l-okkażjoni tinvolvi aktar xogħol u preparamenti mill-arkivista, hekk kif iridu jiġu preparati l-mużika li tkun ser tindaqq fil-programmi, preparamenti għall-irrekordjar u mitt ħaġa oħra li trid issir biex dejjem noħorġu sodisfatti wara kull attività. Dan ix-xogħol nagħmlu minn qalbi, u għalhekk persważ li l-membri tagħna japprezzaw din il-ħidma.

Min hawn nixtieq nirringrazzja lil sħabi l-membri tal-Kumitat, lill-Kummissjoni Banda li naħdmu tajjeb ħafna flimkien, lis-surmast Archibald Mizzi u lill-Assistent Surmast Peter Cini kif ukoll lil sħabi l-bandisti tal-post għall-għajnuna kontinwa tagħhom.

Issa li qegħdin niċċelebraw fil-ġranet tal-festa tal-Patrun tagħna San Ġorġ Martri, żgur li kull minn ġej jiċċelebra magħna se joħroġ sodisfatt mill-ħidma tagħna bħala għaqda.

Jien min-naħa tiegħi nixtieq nawgura l-festa tajba lil kulħadd u żgur li se jkollna festa li tagħmilna ġieħ bħala Qriema.

TAL-BLAT STORE
for your daily needs and more

19, Valletta Road, Qormi

27011380

Loyalty Scheme Available

FREE DELIVERY

Find us on: facebook®





# Ħidmet il-Kummissjoni Ċelebrazzjonijiet 125 Sena

Segretarju

**Is-Sur Giovann Attard**

Tliet snin ilu twaqqfet din il-Kummissjoni sabiex tħejji programm ta' attivitajiet sabiex ifakkru il-125 anniversarju mit-twaqqif tal-banda. Fl-ewwel laqgħa tagħha, din il-kummissjoni kienet ipproponiet li l-programm ta' attivitajiet ikun jinkludi wkoll diversi anniversarji oħra li jaħbtu bejn Ottubru 2018 u l-festa tas-sena 2019. F'Ottubru li għadda l-programm kien finalizzat u beda x-xogħol fuq it-twettiq tiegħu. Kif jixhed il-motto magħżul, l-attivitajiet ser jikkonċentraw fuq l-impenn mużikali tal-Għaqda tul is-snin. Il-programm imħejji huwa wieħed imżewwaq sew. Programmi mużikali li jolqtu l-gosti ta' kulħadd, numru ta' attivitajiet li ser jipprovdu opportunitajiet ġodda liż-żgħażagħ tagħna u numru ta' wirjiet. L-ewwel uġigħ ta' ras kienet il-finanzi. Il-Kumitat, meta approva l-programm, kien għamilha ċara li dan il-programm ta' attivitajiet ma kellux ikun ta' piż għall-Għaqda. Għal din l-isfida daħlet għaliha Lisa Fenech, li minnufih bdiet il-ħidma tagħha għal ksib ta' fondi u sponsorizzazzjoni. Bil-fondi kważi kollha taħt rasna bdejna naraw ix-xogħol ta' dawn it-tlett snin ta' ħidma jieħu l-forma.

L-ewwel attività uffiċjali kienet ir-REDS MASSED BAND, attività li ġabret flimkien l-aqwa baned f'Malta li jġibu l-kulur aħmar. Baned bħal La Valette, La Stella (Rabat Għawdex), San Ġorġ ta' Bormla, San Gejtanu tal-Ħamrun u baned li tul dawn l-aħħar 125 sena ikkollaboraw ma' din l-għaqda ewlenija tal-parroċċa tagħna. It-tieni attività kienet l-inawgurazzjoni tax-xogħol ta' tisbiħ tal-każin tagħna. Din l-attività kienet preseduta mill-Eċċ. Tagħha il-President ta' Malta. F'din l-attività spikkat ħilet il-Qriema b'mod speċjali dawk membri tal-Għaqda tagħna.

Fil-jiem tal-festa ser jitħabbar il-programm għall-kumplament tas-sena, programm impennjattiv u li żgur ser ipoġġi lil Ħal Qormi fuq il-mappa tal-attività kulturali. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lill-membri ta' din il-kummissjoni; Josef Aquilina, Giovann Attard, Lisa Fenech, Mro Archibald Mizzi, Charyl Azzopardi u Massimo Azzopardi għall-ħidma kbira li wettqu. Grazzi wkoll lis-Sur Joseph Bugeja tal-għajnuna u l-pariri tiegħu speċjalment fil-qasam tal-ksib ta' fondi u storja. Fl-aħħar u mhux l-anqas lilkom sostenituri ta' din l-Għaqda, li mingħajr



Bilwieqfa mix-xellug: Giovann Attard, Josef Aquilina, Neville Mangion
Bilqeg]da mix-xellug: Massimo Azzopardi, Pres. Charles Micallef, Mro. Archibald Mizzi


the
REDS
massedband








the REDS massedband


the REDS massedband
PIZZA







# L-Isports fi ħdan l-Għaqda tagħna

Responssabli Sezzjoni Sports

**Is-Sur Tony Cassar**

Għas-seba' sena konsekuttiva, l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri żammet iż-żewġ timijiet tal-billjard. Tim A ser ikun qed jilgħab fl-ewwel diviżjoni u Tim B ser jerġa' jkun qed jilgħab fit-tieni diviżjoni wara li kien ferm viċin li jiġi promoss għall-ewwel diviżjoni imma tilef il-logħba deċisiva finali.
Ma nistgħux ma nsemmux xi ħaga pożittiva immens li din is-sena għall-ewwel darba, il-kumitat tas-sezzjoni sports għamel l-arranġamenti neċessarji biex il-klassifiċi tal-Malta Pool Association jibdew isiru ġewwa l-Każin tal-Banda San Ġorġ Martri.
Irridu nsemmu wkoll li f'dawn il-klassifiċi tal-individwali li saru fil-każin ħadu sehem xi plejers miż-żewg timijiet tagħna fejn saħansitra Daniel Paul Grima, li jilgħab fit-tim A tal-Każin, irnexxielu jikkwalifika u jikseb post fit-tim Nazzjonali ta' Malta għall-kampjonati Ewropej li ser isiru ġewwa pajjiżna. Fil-futur ġejjieni ser isiru iktar klassifiċi individwali fil-Każin tal-Banda San Ġorġ Martri, bil-għan li minnhom jintgħażlu t-timijiet nazzjonali ta' Malta għall-kampjonati tad-dinja.
Irridu ngħidu li din kienet il-ħolma tas-sezjoni sports, li nġiebu dawn il-klassifiċi tal-Malta Pool Association fil-każin tagħna u għalkemm ma kinitx xi ħaġa faċli, ta' min isemmi li wara ħafna diskussjonijiet mal-MPA irnexxielna u issa s-sala tal-każin tagħna hija mgħammra b'xejn inqas minn sitt biljards u mejda tal-isnuker li kollha jistgħu jiġu użati fl-istess ħin.
Bla dubju ta' xejn ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil min b'xi mod għen biex din il-ħolma ssir realtà, speċjalment lill-isponsors u l-benefatturi kollha tagħna li huma l-unika appoġġ finanzjarju li għandna lejn it-timijiet tal-biljard matul is-sena.
Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtiequ nirringrazzjaw lil sħabna l-plejers taż-żewġ timijiet li jagħmlu dejjem l-għalmu sħiħ tagħhom u sagrifiċċji kbar biex jattendu għall-logħob kollu kif ukoll jittrenjaw matul is-sena; lill-Kumitat Sezzjoni Sports u lill-Kumitat Amministrattiv tal-Każin tal-fiduċja sħiħa li dejjem juru fija biex inżomm l-isem ta' dan il-każin fl-ogħla rispett possibli.
Minn qalbi f'isem it-timijiet tal-biljard nixtiequ nawguraw il-festa t-tajba lill-Ġorġjani kollha.

# Timijiet tal-Billiard 2018
## fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri





Aġenzija
Żgħażagħ









**Iż-żgħażagħ tagħna jipparteċipaw f'seminar organizzat mil-Aġenzija Żgħażagħ**

# Jean
Food Store

## Offers

Spend €60 & you get 1pkt x6
water 2L FREE

Spend €100 & you get 3pkt x6
water 2L FREE
or
€5 Voucher from Jean Food Store

**FREE DELIVERY**

**63, Rock Street, Qormi**

**Tel: 2701 3072**

**JEAN FOOD STORE**



# Kummissjoni Attivitajiet

Responsabli mill-Board tal-Attivitajiet

**Is-Sur George Fenech**

Għeżież qarrejja,

Minn din il-paġna, ħa nagħtukom rendikont fuq l-attivitajiet li jsiru matul is-sena, b'riżq il-festa, il-banda u l-bżonnijiet inġenerali tal-każin. Kull xahar inżomm appuntament magħkom is-soċi, bandisti u partitarji, billi nagħmlu attivita' jew tnejn fis-sede tagħna u anke barra mill-Każin. Kif ukoll jkun hemm attivitajiet li jittellgħu mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti.

Fost l-attivitajiet li jittellgħu mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti, hemm xi ikliet matul is-sena., jiġi organizzat il-BBQ ta' qabel il-festa, fejn ħafna mill-Partitarji jiġu bi ħġarhom għal dan il-BBQ kbir quddiem il-Każin.Il-Kummissjoni Żgħazagħ tieħu ħsieb ukoll li torganizza 'Ikla għad-Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira'. F'din l-attivita' jsir ikel tipiku Malti u jintwerew il-purċissjonijet imgħoddija tal-Ġimgħa l-Kbira. Iż-żgħażagħ ta' din is-soċjeta' jorganizzaw ukoll 'Car Wash', fejn jekk jippermetti t-temp dejjem jkunu suċċess. Dawn iż-żgħażagħ ukoll jieħdu ħsieb li jorganizzaw u jferrħu lit-tfal billi jorganizzaw erba' attivitajiet. Dawn huma l-festin ferm popolari tal-Halloween, fejn joħorġu lit-tfal Trick or Treat fit-toroq tagħna, tiġi organizzata 'Santa Claus coming to town' fejn Santa Claus flimkien ma' personaġġi assoċjati mal-Milied iqassmu r-rigali fid-djar tagħkom. Jiġi organizzat ukoll il-Festin tal-Karnival fejn din is-sena sar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Kif ukoll tieħu ħsieb biex iżżomm lit-tfal fil-briju tal-festa billi torganizza festin għat-tfal ta' qabel il-Festa.

Il-Kumitat Ċentrali jieħu ħsieb jorganizza attivitajiet fosthom 'Christmas Dinner Dance', fejn din is-sena sar Bella Vista Hotel u grazzi lilkom li attendejtu kien 'Fully Booked'. Fi Frar, kien imiss issir attivita' għal jum il-maħbubin, fejn ġie organizzat 'Valentine's Dinner' ġewwa Soreda Hotel. Din is-sena l-mawra sal-gżira Għawdxija saret fid-19 ta' Marzu 2018, fejn f'din l-attivita' morna nżuru l-vari tal-Ġimgħa Mqaddsa f'din il-gżira. Għal darba'ohra din l-attivita' kienet suċċess kbir, fejn kellna żewġ 'privates' mimlija. Ġie organizzat ukoll l-Easter Breakfast, fejn kien hemm konkorenza qawwija, u minn din il-kitba nixtieq nirringrazzja mill-qalb lis-Sur Frans Mintoff li kien l-isponsor ewlieni għal din l-attivita'. Organizzajna ukoll



**Bil-wieqfa mix-xellug: Omar Ablett, Jean pierre Fenech, George Chirchop**
**Bil-qiegħda mix-xellug: George Fenech, Pres. Charles Micallef, Alfred Micallef**

il-'Mothers' Day lunch', fejn ukoll kellna konkorrenza tajba ħafna. Barra dawn l-attivijatijiet, jiġu organizzati xi ikliet fis-sede tagħna minn żmien għal żmien.
Nixtieq minn qalbi ngħid grazzi lilkom li tattendu għal dawn l-attivitajiet. Bis-saħħa tagħkom, il-Każin ikun jista' jimxi 'il quddiem. Grazzi ukoll lill-membri volontarji kollha, kif ukoll lil benefatturi li jgħinu fl-attivitajiet li jkollna.
Filwaqt li nerġa' ntenni r-ringrazzjamenti tiegħi, nawguralkom il-Festa t-Tajba ad unur il-Padrun tal-Qriema kollha San Ġorġ Martri.



# Il-sede tal-Banda San Ġorġ u l-familja Psaila

Membru Onorarju

**Is-Sur Joseph A. Bugeja**

Ħafna mill-binjiet antiki fl-ibliet u l-irħula tagħna kieku kellhom fomm, kienu jirrakuntawlna stejjer interessantissimi. Waħda minn dawn il-binijiet hija dik li llum hija s-sede tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri. Dan il-lok sas-sena 1927 kien l-abitazzjoni anċestrali tal-familja Psaila. Min kienu ta' Psaila? Dun Ġwakkin Schembri fil-kitba tiegħu dwar il-ħajja reliġjuża u soċjali fil-parroċċa San Ġorġ Martri, jagħtina l-arblu tar-razza tal-familja Psaila[1]. Kienu bosta minn dawn il-membri tal-familja Psaila li kellhom sehem importanti fil-ħajja tal-Belt Pinto, fosthom:

**Dun Tiermu Psaila;** qassis djoċesan, wieħed mix-xiehda fiċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni tal-knisja ta' San Ġorġ Martri fl-1731. Ismu jidher imnaqqax fil-lapida ingastata ma' wieħed mill-pilastri ċentrali tal-knisja arċipretali.

**Indrì Psaila;** perit imqabbad sew li fost ix-xogħlijiet tiegħu insibu l-pjanti tal-kappella ta' San Franġisk ta' Paola. Il-Perit Psaila kien il-persuna li ħadmet sabiex jinġieb Malta il-ġisem qaddis ta' San Massimo, li rregalah lill-parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

**Mons. Pietru Pawl Psaila;** iben il-perit Indrì Psaila, professur tat-Teologija u d-Dommatika u li fl-1809 kien inħatar bħala l-kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Balzan. Fi żmien il-pesta tal-1813, liema mxija kienet laqtet b'mod l-aktar kiefer lil Ħal Qormi, Dun Pietru Pawl, b'sogru kbir għal ħajtu kien ikun Ħal Qormi jassisti lil Qriema ħutu. Kien għalhekk ferm xieraq li fl-1815 l-isqof ħatru bħala l-kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ Martri fejn serva sas-sena 1821. Fl-1834 Dun Pietru Pawl inħatar monsinjur tal-Katidral waqt li fl-1850 il-Papa Piju IX kien onorah bit-titlu ta' prelat domesiku. Dun Pietru Pawl serva ukoll bħala Aġent Rettur tal-Università ta' Malta.

**Giuseppe Raimondo (Ġiżmondo) Psaila;** nutar, li kellu l-uffiċju tiegħu fejn illum hemm l-uffiċju tal-każin San Ġorġ. Kien nutar imqabbad ħafna u fost il-kuntratti

ffirmati għandu kien hemm dawk għall-akkwist tal-artijiet sabiex fuqha tinbena l-knisja ż-żgħira ta’ San Sebastjan[2]. Serva għal diversi snin bħala r-reġistratur tal-qorti muniċipali bejn l-1856 u l-1877[3].



**Epifanio Psaila;** iben in-nutar Ġismondu, l-aħħar dixxendent tal-familja Psaila. Epifanio Psaila kien wieħed mill-benefatturi tal-balavostri tal-irħam tal-presbiterju fil-knisja arċipretali ta’ San Ġorġ Martri. Fl-ewwel deċenju tas-seklu għoxrin, serva bħala l-President tal-Banda San Ġorġ. Fis-sena 1877, Epifanio kien ħa post missieru bħala reġistratur fil-qorti tal-pulizija ġudizzjarja tad-distrett ta’ Ħal Qormi[4].

Hija ferm ħasra li filwaqt li f’Ħal Qormi hawn pjazza msemmija għal Mons Pietru Pawl Psaila u sala f’każin imsemmija għal din il-familja, ma hemm xejn f’din id-dar anċestrali tagħhom li jfakkar ħidmet din il-familja għall-ġid tal-Qriema.

Noti

1 *Schembri G: Mill-Ħajja Reliġjuża u Soċjali tal-Parroċċa San Ġorġ: Il-Knisja Parrokjali ta’ San Ġorġ Erba Sekli ta’ Storja, J. F. Grima, Editur*

2 *Peresso V.: Kuntratti u Dokumenti dwar il-Knisja ż-Żgħira, Sliem u Ħajja, Ħarġa Lulju 2015 Nru 217. Publikazzjoni Parroċċa San Sebastjan. L-kuntratti li saru għand in-nutar Psaila kienu: 7.v.1874, xiri ta’ dar fi Strada San Benedetto (li wara tpartet ma dar fi Strada San Bartolomeo); 16.vi.1874 xiri ta’ dar fi Strada San Bartolomeo; 26.vi.1874 konċessjoni għal qtugħ tal-ġebel li kien ser jintuża għall-bini tal-knisja.*

3 *NSO, Malta Blue Books, Establishment. perjodu: 1856-1877*

4 *NSO, Malta Blue Books, Establishment. perjodu: 1878-1908*







**Nifirħu lis-Sur Joe Testa, Is-Sur Omar Ablett u s-Sa. Melanie Mifsud li l-lejla ingħataw l-ġieħ "Għarfien il-Ħila" mogħti waqt iċ-ċeremonja ta' Jum Ħal Qormi.**

**Dan il-ġieħ qiegħed jingħatalhom bħala rikonoxximent tas-servizz tagħhom fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri A.D 1893.**

# VENDING 2000





***FOR ANY TYPE OF***
***AMUSEMENT MACHINES***
***BILLIARD TABLES***

**Tel: 356 2149 6544**
**Mob: 7949 6544**
**7949 8250**





# Ħal Qormi Tiegħi

President Emeritus

**Is-Sur Victor Formosa**

Jien ili nieqes minn Ħal Qormi għal dawn l-aħħar erbgħin sena. Fl-antik konna ngħidu 'għomor ta' bniedem'. Għall-grazzja t'Alla dan m'għadux il-każ għax qed ngħixu wisq aktar minn hekk. Meta żżewwiġna konna noqoħdu fi Triq Aniċi fi blokk ta' żewġ appartamenti faċċata ta' fejn kien joqgħod il-mibki tabib George Hyzler. Hemmhekk għixna għaxar snin sakemm sifirna lejn il-Kanada. Imma għal uliedi, speċjalment għal dawk li jgħixu l-Kanada, dak kien żmien li għadhom jitkellmu dwaru kull meta nibdew nitkellmu fuq l-imgħoddi tagħna. Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, tal-Għid il-Kbir u ta' San Ġorġ li kollha kienu jgħaddu minn taħt il-gallarija tagħna, il-praspar li kienu jagħmlu, is-sitwazzjonijiet sbieħ u koroh li konna niffaċċjaw, kollha kienu u għadhom iqumu fid-diskussjonijiet li kienu jsiru mal-ħbieb kemm f'Malta imma aktar u aktar fil-Kanada.
Naturalment, għat-tlitt ibniet tagħna, Ħal Qormi kien fejn għexu l-aħjar żmien ta' ħajjithom. Meta sifirna fl-1978, il-kbira kellha disa' snin u t-tnejn l-oħra tmienja u sitta. Għalihom Triq Anici kienet iċ-ċentru ta' Ħal Qormi. Meta erba' snin ilu ġiet waħda minnhom għall- btala f'Malta, l-ewwel ħaġa li talbitni kienet li nipprova noħodha fl-appartament fejn konna noqogħdu li fil-fatt sar klinika fuq l-ispiżerija ta' Karl Hyzler.  Qtajtilha xewqitha grazzi għal Karl u tgħidx kemm emozzjonat ruħha meta għaddejna minn kamra għall-oħra. Għaliex qed insemmi dan? Għax kull wieħed u waħda minnkom li qed taqraw dan l-artiklu qed taħsbu u tgħidu l-istess. Kemm raħal twelidna jfisser u jibqa' jfisser għalina l-Qriema.
Jiena twelidt fi Triq Dun Marju kantuniera ma' Triq il-Barrakki fejn hemm pjazzetta żgħira li f'naħa minnha fl-antik kien hemm ħanut tal-inbid minn fejn in-nanna Ċetta kienet tibgħatni nixtri l-luminata. L-aħħar li għaddejt minn hemm bil-karozza biex nibqa' sejjer il-wied u nevita t-toroq dojoq tar-raħal, kien fis-sajf li għadda u rrid nistqarr li domt biex nagħraf eżatt il-binja ta' fejn twelidt. L-uniċi drabi li fl-imgħoddi kont ngħaddi bil-mixi minn hemm kien meta kont il-President tal-Banda San Ġorġ u kont nimxi mal-banda meta konna ngħaddu mill-inħawi ta' wara l-knisja bħala parti mill-programm tal-festa ta' San Ġorġ.
Minkejja li l-fiżjonomija tat-toroq ta' wara l-knisja minn naħa ta' fuq fejn illum nirreferu għalih bħala ta' Farsina sa Fuq tal-Blat inbidel sostanzjalment għall-aħjar, Triq Dun Marju xorta għadha f'moħħi kif kienet bl-isqaqien u l-bibien b'diversi

kuluri ta' żebgħa li bosta drabi kienu jieħdu lewn frisk għall-jiem tal-festa ta' San Ġorġ. Aktar 'l isfel kantuniera ma' Triq San Ġorġ, kont immur naqta' xagħri għand Ġanni l-parrukkier fi pjazzetta żgħira oħra fejn kien hemm għadd ta' ħwienet tal-ħaxix u jidhirli wkoll wieħed tal-laħam.

Dan l-aħħar, jien u l-mara qattajna l-Milied u l-ewwel tas-sena mat-tfal tagħna fil-Kanada. Għamilna hemm ħdax-il ġimgħa u kelli ċans niltaqa' ma' bosta Qriema li għażlu li jgħixu l-Kanada. Waqt li konna nkunu qed nieħdu l-kafè u ftit pastizzi li jogħġbuni aktar minn ta' Malta, naħseb minħabba d-dqiq u l-ilma li huma itjeb minn tagħna) il-kliem dejjem kien jaqa' fuq ir-raħal tagħna, il-Belt Pinto, il-festa ta' San Ġorġ jew il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid. Meta kulħadd kien jitlaq lejn triqtu, għax bosta minnhom ikollhom isuqu mhux ħażin biex imorru għal żewġ pastizzi, ma kontx nieqaf naħseb u sa ċertu punt nistagħġeb kif dawn in-nies li ilhom il-Kanada għal għexieren ta' snin u jgħixu eluf ta' mili 'l bogħod minn Malta jibqgħu daqstant marbuta ma' raħal twelidhom. Meta jitkellmu, jitkellmu b'passjoni fuq dan ir-raħal f'nofs Malta imma li għalihom huwa dak kollu li hu Malti. B'din l-istess passjoni, għadd ta' rġiel u nisa Qriema raw li jibqgħu ifakkru l-festa ta' San Ġorġ u kull sena jiltaqgħu flimkien biex jiċċelebraw f'Toronto dak li ma setgħux jibqgħu jagħmlu f'Ħal Qormi.

Sinjal pożittiv ħafna li ma stajtx ma ninnutax f'dawn l-aħħar snin, kien il-ħerqa u l-entużjażmu tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-jiem tal-festa. Ma nistħix ngħid li t-Tnejn meta noħorġu l-istatwa ta' San Ġorġ u Ġorġi tagħna jixref għal ftit mumenti fuq iz-zuntier, għajnejja jixxarbu bid-dmugħ meta nara dik il-wirja ta' imħabba u għożża lejn il-patrun tagħna. Tfal żgħar fuq l-ispalla ta' missierhom ixejru xi bandiera jew biċċa palma, iż-żgħażagħ li jinfexxu fi kliem ta' tifħir lejn San Ġorġ u aħna l-kbar li ngħoxew naraw dak l-entużjażmu u ferħ spontanju.

San Ġorġ, jiena nqis ruħi bħala ibnek. L-għeżież ommi u missieri ma jċanfrunix għax qed ngħidlek hekk. Huma rabbewni fi Triq il-Blata taħt il-kampnar tal-knisja ddedikata lilek u nisslu fija imħabba liema bħalha lejk. Imħabba, li minkejja ż-żmien u ċ-ċirkostanzi kollha li għaddejt minnhom, ma tixxejjen qatt. Imma Ġorġi tagħna nixtieq pjaċir mingħandek. Din il-ġimgħa tal-festa, aktar minn kull żmien ieħor tas-sena, żomm idejk fuqna. Tħalliniex ninsew li inti mhux biss statwa imma l-megalomartri ta' Kristu li għaraft tagħżel it-tajjeb mill-ħażin u ma warrabt qatt minn quddiem għajnejk u minn ġo qalbek lil Alla. Għinna mis-sema nibqgħu fit-triq li twassalna lejn il-Missier tagħna u mhux dik li twassalna lejn l-irdumijiet tat-telfien. Meta tgħaddi mit-toroq tar-raħal tagħna din il-ġimgħa, itfa' ħarstek lejn id-djar tagħna, bejtiet ta' familji kollha differenti minn xulxin imma kollha magħqudin fl-imħabba tagħhom lejk. Ibqa' magħna fil-ferħ u fit-tbatijiet tagħna, fit-tlugħ u l-inżul tal-ħajja, fil-mumenti diffiċli li ż-żminijiet li qed ngħixu fihom illum iġiegħluna niffaċċjaw.

Fi kliem Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali tagħna, "Mhux il-ġid, mhux il-foħrija kienu l-għana li ħabbejt, fidi sħiħa, imħabba kbira it-teżor li bih thennejt." Hekk irridu inkunu, bħalek, San Ġorġ patrun tagħna. Għinna int.

Il-festa t-tajba lill-Qriema kollha.







**L-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri A.D 1893 preżenti għall-inawgurazzjoni tar-Restawr tat-Tribuna tal-Gramastru Pinto.**

# TOM - MIX Ltd

Owner
*George Micallef*

30 Years Experience

- Haulage Contractors
- Customs Clearance
- General Transport
- Machinery Removals
- Transport Door to Door
- Warehouse Storage
- SAFES RELOCATION



George Mob - 77471516
Jesmond Mob - 99283222
Robert Mob - 99471516



**Grace House, Valletta Road,**
**Qormi QRM3618**

**Tel - 21470923**
**www.tommix.com.mt**



# 125 sena ilu

**Fr Reno Muscat**

Is-sena 1893 hija s-sena li fiha twaqqfet il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi. Forsi nimmaġinaw li 125 sena ilu l-ħajja f'Malta kienet bħalma hija llum, iżda niżbaljaw jekk naħsbu hekk. Biex nifhmu xi ftit il-qagħda ta' pajjiżna f'dawk iż-żminijiet nistgħu nduru fuq kitba li saret propju fl-istess sena li twaqqfet il-banda tagħna.




Il-ktieb li qed insemmi huwa The Story of Malta tal-kittieb Amerikan Maturin Murray Ballou. Dan il-kittieb twieled fl-1820 u ppubblika għadd kbir ta' kotba kemm dwar il-vjaġġi li għamel matul ħajtu kif ukoll stejjer u drammi. Huwa miet sentejn wara li ħareġ il-ktieb dwar Malta. Fil-fatt dan kien it-tielet l-aħħar ktieb tiegħu; mimli b'riflessjonijiet dwar Malta kif ukoll gwida tal-post.

Ballou jgħidilna li biex wieħed jasal Malta kellu jew jaqbad il-vapur minn Marsilja, li kien jitlaq minn dak il-port kull ħmistax jew inkella kien jista' jasal sa Napli u jimbarka minn hemm. Kien hemm rotot oħra biex wieħed jasal f'pajjiżna imma l-imsemmija kienu l-aktar komdi. Hu jgħidilna li dawk li jinżlu Malta,x' aktarx li kienu jagħmlu dan għal ftit ħin biex imbagħad ikomplu l-vjaġġ tagħhom lejn id-destinazzjoni tagħhom, iżda jżid, li min ried jibqa' Malta, kien hawn x'tara. Isemmi l-Ħaġar Qim u l-Imnajdra, il-Buskett u San Anton. Għal min ried jikri kamra f'Malta jsemmi l-Hotel Angleterre li kienet tinsab ġewwa Strada Stretta fil-Belt Valletta.

Il-vapur kien jorbot max-xatt tal-Belt u l-kittieb isemmi li f'xatt wieħed kien jiltaqa' ma' bosta tallaba. L-irġiel ħafjin lebsin qmis u sidrija, b'qalziet imxammar 'il fuq mill-għaksa u miżmum b' terħa madwar il-qadd. In-nisa, ħafjin ukoll, aktarx libsin

ilbies iswed, mgħottija b'għonnella li lanqas tħallik tagħraf waħda minn oħra. Dan kien il-poplu tal-klassi baxxa, klassi li kienet titkellem bil-Malti, ilsien li skont Ballou huwa taħlita ta' Għarbi u Taljan. Iżda fejn jidħlu l-Maltin ta' klassi għolja, in-nobbli u n-negozjanti, f'dan il-ktieb insibu li dawn kienu differenti. Ilbieshom kien aktar ixaqleb lejn dak Ewropew u n-nisa, meta kienu jmorru t-teatru kienu jkunu lebsin id-deheb u l-ħaġar prezzjuż. Dawk ta' klassi għolja, fil-parti l-kbira tagħhom kienu jitkellmu bit-Taljan filwaqt li n-negozjanti kienu jitkellmu bl-Ingliż u xi wħud anke bil-Franċiż.



Il-kittieb Amerikan isemmi wkoll lill-kleru. Huwa jgħid li f'Malta kien hawn madwar elfejn saċerdot. Is-saċerdoti kienu jilbsu s-suttana sewda bil-kappell iswed kbir fuq rashom. Huwa jinnota li l-maġġoranza tal-membri tal-kleru kienu mżaqqin mhux ħażin u dan kien jagħmel kuntrast bejnhom u t-tallaba tal-port. L-awtur jinħass xi ftit jew wisq antiklerikali, forsi xi ħaġa mhux tas-soltu għal Malta tal-1893, biss dan il-ktieb żgur ma kienx għall-poplu komuni Malti u għalhekk seta' jikteb li jrid.

Jagħtina stampa ċara tal-Belt Valletta u ta' Strada Rjali. Huwa jibqa' impressjonat bl-ambjent tal-Belt, fejn jgħid li l-bosta koppli u kampnari, minkejja li m'humiex minaretti, jagħtu lill-Belt Valletta dik il-bixra orjentali. Ballou kien midħla tal-ambjent orjtentali għax kien jivjaġġa ħafna. Dwar Strada Rjali huwa jagħtina



stampa sabiħa ta' din it-triq prinċipali tal-belt kapitali tagħna. Huwa jsemmi l-bosta uniformijiet militari jew navali li wieħed jiltaqa' magħhom f'din it-triq. Hawnhekk l-awtur jgħid li jiltaqgħu l-bosta kulturi, kemm dik tal-Afrika ta' Fuq kif ukoll dik Ewropea. Il-kuluri fl-ilbies jagħmlu lil din it-triq aktar ħajja minn kull parti oħra tal-gżira. F'din it-triq wieħed jara 'L-Ingliżi jippassiġġaw bl-ilbies għani tagħhom, is-sinjur bil-kappell fuq rasu u bil-bastun taħt abtu u s-sinjura bil-libsa kollha frilli u bizzilla sal-għekiesi, bl-umbrella ċkejkna biex tilqa' mir-raġġi qalila tax-xemx, xi Grieg għaddej liebes l-ilbies tiegħu, u fuq kollox il-Malti, ħafi, wiċċu maħruq bix-xemx, xhieda tal-ħidma bieżla tiegħu. Hawnhekk huwa l-post fejn jiltaqa' kulħadd, l-għani u l-fqir, il-Malti u l-barrani, dak li liebes iż-żarbun u l-ħafi. Hawnhekk wieħed jista' jara l-ħajja tassew ta' Malta.

F'dan l-ambjent twieled il-Każin tal-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi – żmien differenti għal kollox minn dak tal-lum.














**Jum Ħal Qormi - 275 Sena b'titlu ta' Ċitta' Pinto**
**L-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri**
**flimkien ma tlett baned Qriema**
**L-Assistent Surmast Peter Cini jidderiġi t-tlett baned Qriema**
**waqt l-Innu ta' Ħal Qormi**




Carmelo Saliba
CS
Service Station

Fuel Station
Puncture Repairs
New Tyres
Wheel Balancing
Car Wash
Car Accessories
Car Care Products
Lubricants

St Sebestian Street c/w Main Street, Qormi
email: gagujs@maltanet.net • mobile: 9982 6675

PIZZA My HEART

# PIZZA MY HEART

Opening Hours
Tuesday till Sunday
From 17.00 till 22.30

Tel 21441912
Victory Street, Qormi

*Free Delivery*



# IL-BARUNI von STADL U L-GĦOTJA TAL-ISEM BELT PINTO LIL ĦAL QORMI

Dr Joseph F. Grima

Din is-sena li qegħdin fiha, l-2018, taħbat il-275 anniversarju minn meta Ħal Qormi ngħata l-ġieħ ta' belt bl-isem ta' Città Pinto jew Belt Pinto. Fl-1743, kien l-ewwel raħal f'Malta li ngħata dan il-ġieħ minn Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann biex warajh ingħataw l-ismijiet ta' belt lil erba' lokalitajiet oħrajn fl-aħħar kwart tas-seklu tmintax. Fit-titlu ta' din il-kitba naraw imsemmi l-Baruni von Stadl u allura weħidha tiġi l-mistoqsija: Min kien? X'kellu x'jaqsam mal-għotja tal-ġieħ ta' belt lil Ħal Qormi?

L-għotja tal-ġieħ ta' belt kien fiha tliet stadji: 1) it-talba mill-Kappillan Dun Ġużepp Vella biex ir-raħal jingħata il-ġieħ mitlub; 2) tiftix, verifikazzjoni, kummenti u l-parir dwar dak li nkiteb fit-talba; 3) id-deċiżjoni aħħarija jekk it-talba tintlaqax jew le. U hawn, l-aktar fit-tieni stadju, jidħol fl-istorja ta' Ħal Qormi l-Baruni von Stadl. Imma, qabel kollox, naraw min kien dan il-persunaġġ.



*Il-Baruni Ferdinand Ernst von Stadl*

**Jissieħeb fl-Ordni ta' San Ġwann**

Ferdinand Ernst von Stadl twieled fl-20 ta' Lulju 1684 fil-kastell tal-familja fi Stadl an der Raab, fl-Awstrija, iben il-Baruni Johann Rudolf u l-Kontessa Maria Clara Galler von Schwanberg. Wara li temm l-istudji tiegħu fl-1699, Ferdinand Ernst għamel dik li n-nobbli kienu jqisu bħala l-grand tour li fiha żar diversi artijiet fl-Imperu Qaddis Ruman (il-Ġermanja) u l-Italja fejn mar Venezja, Firenze, Ruma u Napli. Wara wasal għad-deċiżjoni li jissieħeb fl-Ordni ta' San Ġwann, x'aktarx influwenzat minn zijuh Seyfried il-Konti Galler von Schwanberg li kien Kavallier ta' San Ġwann. Ġie aċċettat bħala novizz fl-Ordni f'Mejju 1702, fl-età ta' 18-il sena, u naturalment issieħeb fil-Lingwa tal-Ġermanja li kienet tinkludi wkoll il-kavallieri mill-Awstrija u l-Bohemja. F'Novembru 1706, Ferdinand Ernst von Stadl saritlu l-investitura bħala kavallier fil-Knisja tal-Vitorja l-Belt Valletta.



*L-Arma Ġentilizja tal-familja von Stadl*

Il-Kavallieri kienu marbutin li jagħtu servizz militari fuq ix-xwieni għal mill-anqas erba' mawriet ta' sitt xhur il-waħda. Hekk għamel il-Kavallier Stadl li ta s-servizz navali tiegħu fuq ix-xini kaptana (il-flagship) tal-Ordni u ġġieled bi qlubija kontra l-għadu Mislem fl-ibħra ta' Kreta. Talli ddistingwa ruħu fil-ġlied, ingħata pensjoni annwali ta' 300 fjorin imperjali. Dan kellu jkun il-bidu ta' karriera ċelebri fi ħdan l-Ordni, karriera li fiha ngħata diversi karigi u promozzjonijiet kif ser naraw. Serva lill-Ordni taħt dawn il-ħames Gran Mastri: Raimondo Perellos (1699-1720), Marcantonio Zondadari (1720-22), Antonio Manoel de Vilhena (1722-36); Ramon Despuig (1736-41); u Manoel Pinto de Fonseca (1741-73).

**Karriera**

F'Jannar 1710, Stadl ġie appuntat Conservatore della Nobiltà u f'Ottubru 1712 intgħażel Auditore (awditur) tal-Lingwa tal-Ġermanja u, mill-ġdid, awditur f'Marzu 1726. Ta' min isemmi li l-ħatriet fl-Ordni ta' San Ġwann kienu dejjem għal sentejn. Għal darbtejn, fl-1727 u fl-1731, Stadl kien jirrappreżenta lil-Lingwa tal-Ġermanja fil-Kunsill tal-Ordni, l-ogħla organu amministrattiv li kellhom il-Kavallieri.

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Ordni kienet it-tmexxija u l-organizzazzjoni tal-qawwa navali. Għaldaqstant, sa mill-1596 kienet teżisti l-Kummissjoni tax-Xwieni – magħmula minn sitt membri li bejniethom kien jirrapreżentaw il-pajjiżi mnejn oriġinaw il-Kavallieri fl-Ewropa – li kellha fi ħsiebha l-organizzazzjoni u t-tmexxija finanzjarja tal-iskwadra tax-xwieni. (Kien hemm kummissjoni oħra għat-tmexxija tal-vaxxelli.) Stadl kien membru ta' din il-Kummissjoni darbtejn, fil-perjodi 1719-21 u 1726-28. Stadl kellu konnessjoni oħra max-xwieni tal-Ordni għax bejn l-1722 u l-1724 kien il-Kaptan tal-Kaptana (il-flagship) tal-iskwadra. Jidher li kien wera effiċjenza kbira f'din il-kariga għax fl-1725 inħareġ digriet dwaru li fih kien aċċertat li hu kien eliġibbli għall-promozzjoni ta' Gran Kruċ, Balliju u Prijur tal-Bohemia u l-Ungerija.

Stadl okkupa wkoll il-pożizzjoni onorarja ta' Kaptan tal-Belt u kellu fi ħsiebu l-organizzazzjoni tal-festi tradizzjonali tat-30 ta' April u l-1 ta' Mejju. Sadattant, ġie assenjat il-Kommanderija ta' Gross-Tintz u, aktar tard, dik ta' Troppau u Mackaw fis-Silesia (illum parti mill-Ġermanja u l-Polonja). Il-kommanderiji tal-Ordni fl-Ewropa kienu jrendu dħul finanzjarju tajjeb kemm lill-kaxxa tal-Ordni kif ukoll lil min kien imexxihom, u allura l-Kmandant kien ikun mistenni li jżurhom biex jaċċerta li jitmexxew kif suppost. Stadl għalhekk ħtieġlu jsiefer biex jaqdi dawn id-dmirijiet u fil-fatt wettaq tibdil għall-aħjar fil-Kommanderiji ta' Grobnig u Gross-

Tintz.  Fit-23 ta' April 1737, f'Jum San Ġorġ, ingħata t-titlu ta' Gran Kruċ u allura sar membru permanenti tal-Kunsill tal-Gran Mastru.

F'Jannar 1741, miet il-Gran Mastru Despuig u allura saret elezzjoni għall- mexxej ġdid. Wieħed mill-kandidati li tressqu mil-Lingwi tal-Ordni kien il-Baruni von Stadl mil-Lingwa tal-Ġermanja. Li wieħed jintgħażel bħala kandidat għall-maġisteru kien ifisser li kien maħbub u li kien hemm fiduċja fil-kapaċitajiet tiegħu. Iżda l-għażla waqgħet fuq Manoel Pinto de Fonseca li jidher li kellu opinjoni għolja ta' von Stadl għax, fis-sentejn ta' wara, fdalu diversi ħatriet fosthom l-ogħla kariga fit-22 ta' Mejju 1742: dik ta' Seneskalk li kienet tingħata għal tul ħajjet il-persuna magħżula.

Id-dmirijiet tas-Seneskalk tal-Ordni kienu diversi u kienu jinkludu dawn li ġejjin: eżekutur tal-Gran Mastru; kmandant tal-milizzja tal-gżira; it-tmexxija ta' kull ma kellu x'jaqsam mal-palazz tal-Gran Mastru, kustodju tas-siġilli uffiċjali tal-Gran Mastru b'rabta li jikkonsenjahom lill-Kunsill tal-Ordni appena jmut il-mexxej. Kien l-ekwivalenti ta' Gran Kruċ u kemm il-mensa kif ukoll l-attrezzi tiegħu kienu jitħallsu mill-Gran Mastru. Stadl kellu wkoll sehem importanti f'tilwima diplomatika li seħħet bejn l-Ordni u l-Prussja u li ġiet riżolta favur il-Kavallieri. Nistgħu ngħidu li kien qisu l-id il-leminija tal-mexxej.

**Persuna Litterata**

Dokumenti kontemporanji iddeskrivew lil von Stadl bħala personaggio di gran letteratura. Kien imdaħħal fiċ-ċirkli letterarji lokali u kien ħabib tal-Konti Gian Anton Ciantar (1696-1778) li kien storjografu, poeta u kittieb prolifiku tant li kien aggregato nell'Accademia delle belle lettere di Parigi. Kien ukoll ħabib tal-istoriku eminenti Għawdxi Gio Pietro Francesco Agius de Soldanis (1712-70) li kien l-ewwel Librar tal-Biblijoteka li twaqqfet f'Malta fl-1763. Fl-1726, Stadl ħallas għall-pubblikazzjoni ta' Serenata (kitba ta' Gio Jacopo Alborghetti b'mużika ta' Paolo de Dominici) b'dedikazzjoni lill-Gran Mastru de Vilhena.

De Soldanis ħalla miktub li "il-Balliju Seneskalk Fra Ferdinand Ernesto Stadl, li kien iħobb ħafna l-Istorja, billi ma sabx tagħrif biżżejjed dwar Għawdex fil-ktieb tal-Istorja ta' Abela Della Descrittione di Malta, talabni nagħtih aktar informazzjoni dwar il-gżira ta' Għawdex. Jien ġbart kull tagħrif min fejn stajt insibu u, b'imħabba għall-gżira nattiva tiegħi, bil-mod il-mod irnexxieli ngħaqqad flimkien din l-istorja qasira."  B'dan il-mod. De Soldanis juri biċ-ċar li von Stadl kien wieħed minn dawk li xprunawh biex jikteb l-istorja ta' Għawdex.

Stadl ippubblika jew ħalla manuskritti ta' studji li kiteb hu stess. Fl-1739 kienu nsabu xi fdalijiet Feniċi fil-moll ta' taħt is-Sur tal-Kapuċċini fil-Furjana u de Soldanis ikkonferma li Stadl kiteb dwarhom f'manuskritt tal-1731. L-istess de Soldanis kiteb ukoll li Stadl ippubblika ktejjeb wara s-sejba ta' statwetta ta' għoġol tad-deheb f'Għawdex fl-1729 mill-bidwi Antonio Pace. Fl-1737, waqt tħaffir għall-pedamenti ta' dar, instabet kwantità ta' fuħħar antik li minnhom Stadl żamm lampa taż-żejt li iddeskriviha b'dawn il-kliem f'ittra li bagħat lil de Soldanis: "Żammejt għalija

lampa taż-żejt li hi prezzjuża ħafna għax fiha l-figura ta’ pagun. Il-pagun kien għasfur sagru għal Ġunone u billi din l-alla mara kellha tempju famuż dedikat lilha f’Għawdex, wieħed malajr jista’ jikkonkludi li lampi taż-żejt bħal dawn kienu jinxtegħlu ad unur tagħha mill-Feniċi li kellhom devozzjoni speċjali għal din l-alla mara.”

Ma hemm ebda dubju li Stadl kien bniedem tassew kolt u kien imħarreġ sew fl-istorja antika, l-arkeoloġija, l-awturi Griegi u Latini, ħajjet il-qaddisin, il-Bibbja u l-Istorja kontemporanja. Waħda mill-kitbiet tiegħu kienet dwar l-oriġini tal-orgni fejn ikkontradixxa lill-wieħed awtur kontemporanju dwar id-data u min ivvinta l-orgni. Tolqot direttament lilna l-Maltin hi kitba oħra bit-titlu Apologetica contra il Padre Fazello dei Predicatori, storico siciliano. Dan il-patri kien kiteb li l-għarqa ta’ San Pawl seħħet fi gżira oħra u mhux f’Malta. Stadl uża l-pinna tiegħu biex ixejjen l-argumenti ta’ Fazello.

Iżda l-aħħar kitba tal-Baruni von Stadl kellha tkun memorjal li kkonċerna lil Ħal Qormi.

**Il-Memorjal ta’ Stadl dwar Ħal Qormi biex isir Belt Pinto**

Fis-27 ta’ April 1743, il-Kappillan Dun Ġużepp Vella talab li l-art ta’ Ħal Qormi, imsejħa Terra Curmi, tingħata t-titlu ta’ belt b’isem li jagħżel il-Gran Mastru Pinto stess, talba ibbażata l-aktar fuq il-popolazzjoni mdaqqsa tal-lokal. Iżda l-Gran Mastru, qabel ħa deċiżjoni, talab lis-Seneskalk von Stadl jippreżenta bil-kitba l-opinjoni tiegħu dwar din s-supplika. Hekk għamel Stadl billi ippreżenta memorjal pjuttost twil fi żmien qasir.

Fil-kitba tiegħu, Stadl wera kemm kien bniedem erudit billi esprima x’inhuma l-kwalitajiet, l-attribwiti u r-rekwiżiti biex lokalità tkun tixirqilha t-titlu ta’ belt. Iżda Stadl mar oltre minn dan għax ħallielna miktub tagħrif mill-aktar siewi dwar Ħal Qormi u n-nies li kienu jgħixu fih dak iż-żmien.


L’ITALIA TRIONFANTE
PER LE GLORIOSE GESTA
DELL’ALTEZZA EMINENTISSIMA
DEL GRAN MAESTRO
F. D. ANTONIO MANUEL DE VILHENA,
SERENATA
Da cantarsi l’ultimo giorno di Aprile nella Piazza di Malta,
ED ALLA MEDESIMA ALTEZZA EMINENTISSIMA
DEDICATA
Dal Cavaliere
F. FERDINANDO ERNESTO
Barone de Stadl, Capitano della Città
L’Anno corrente 1726.
IN NAPOLI MDCCXXVI.

*Serenata pubblikata minn von Stadl fl-1726*

Kien hawn f’Ħal Qormi tmien knejjes filjali, aktar minn mitt forn, madwar għoxrin bidwi b’artijiet estensivi (agricoltori), numru aktar ta’ massara, ’il fuq minn mija u ħamsin gabillot, u madwar mitt ġardinar u bejjiegħa ta’ prodotti agrikoli. Bħala professjonisti kien hawn tabib, spiżjar, żewġ kirurgi, avukat, qassis lawrjat fit-Teoloġija, tmien għalliema, għalliem tal-orgni u ieħor tal-kant. In kwantu għas-snajja’, kien hawn tmien ħajjatin, għaxar mastrudaxxi, ħames skrapan, tlieta li jiżbgħu u jagħtu kuluri lid-drappijiet, armier, tnejn jaħdmu fuq it-torn, sitt barbiera, żewġ nagħla (li jnegħlu l-bhejjem), u numru bla għadd ta’ furnara.

Ir-riġment Qormi kien kompost minn 439 suldat. Kien hawn numru ta’ negozjanti fosthom tmienja tal-qoton u tad-drappijiet, u tlieta tal-kittien. Il-popolazzjoni kienet tinkludi wkoll mhux anqas minn sitta u sittin familja ta’ benestanti li kienu jgħixu mir-renti li kellhom. Il-kleru kien jikkonsisti minn sitta u sittin ruħ imqassmin hekk: erbgħin qassis u l-oħrajn bejn djakni, sud-djakni u kjeriċi. Għal dak li kellu x’jaqsam ma’ gvern lokali, Ħal Qormi kien suġġett għall-Kaptan tal-Virga u l-Ġurati tal-Imdina.


Dell'Altezza Vostra Eminentissima
Um.mo Dev.mo, ed obb.mo Ser.re, et obed.mo Relig.o il
Bali Senescalco: Barone de Stadl.
Magri Angelu Aierlem = Habita relatione, Terram Curmi erigimu
in Civitatem, imponentes ei nomen Pinto = Dat in Pal.o die XXV.
May 1743 = Fr. Motter aud.

*Serenata pubblikata minn von Stadl fl-1726*

**Fil-memorjal tiegħu, von Stadl esprima l-opinjoni li Ħal Qormi kien eliġibbli biex jingħata t-titlu ta’ belt.** B’riħet dan, fil-25 ta’ Mejju 1743, il-Gran Mastru Pinto ħareġ dan id-digriet li bih iddikjara li Ħal Qormi kellu jkun magħruf bl-isem ta’ Città Pinto, jew Belt Pinto: Habita relatione, Terram Curmi erigimus in Civitatem, imponentes ei nomen Pinto.

**Il-Mewt ta’ von Stadl**

Ferdinand Ernst von Stadl ma tantx dam ħaj wara dan l-avveniment. Kellu attakk qawwi tal-gotta (podagra) u fl-aħħar xhur ta’ ħajtu bata minn uġigħ kbir. Miet konfortat mis-Sagramenti fid-29 ta’ Diċembru 1743 fl-età ta’ 59 sena u ndifen fil-Kappella tal-Epifanija (li kienet tappartjeni lil-Lingwa tal-Ġermanja) fil-Knisja Konventwali (illum il-Kon-Katidral) ta’ San Ġwann fil-Belt Valletta. Miet bla testment u allura, kif kienet ir-regola, l-Ordni ta’ San Ġwann kien l-eredi universali tal-proprjetà kollha tiegħu.



*Il-qabar tal-Baruni von Stadl fil-Kon Katidral ta’ San Ġwann*




**yum! yum!**

**PASTIZZERIA & PIZZERIA**

** Margherita * Funghi * Napolitana * Vegetarian **
** Capricciosa * Quattro Stagioni * Quattro Formaggi*
** Hawaian * Pepperoni * Maltija * Al Tonno * Amatriciana*
** Calzone (Closed Pizza) * Al Diavolo * Marinara **
** Yum! Yum! Special * Mexican Piccante * Meat Lovers*
** Al Salmone * Fiorentina * Rucola/Parma Ham*
** Al Cacciatore * Nettuno * Kiddies Pizza*

Tel: 2147 2616 Mob: 7944 2074
20, Vjal il-Ħelsien, Ħal Qormi

**Friday, Saturday, Sunday & Public Holidays**

**Pizza 12 inch**




**Awguri lit-tim ta' Qormi F.C. wara li ġew inkurunati rebbieħa tal-ewwel diviżjoni. Lura fil-kampjonat Premier.**





**L-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri A.D 1893 tilqa' fis-sede tagħna lit-tim ta' Qormi F.C. U tawguralhom iktar suċċessi**

# C.Vella
## Autoparts Limited

**273, Triq l-Imdina, Ħal Qormi**

**Tel: 2148 7126 Mob: 9949 8347 Fax: 2149 1375**

# *George Falzon*

**(tal-Vann l-Isfar)**

**għal kull tip ta' Ħaxix u Frott Frisk**

**Armat kuljum (mit-Tnejn sas-Sibt)**

**fi Triq il-Vitorja, Ħal Qormi**

**(ftit 'l isfel miċ-ċentru tas-saħħa)**






# L-Iskultur Qormi Marco Montebello

*30 sena Minn Mewtu (1988 – 2018)*

**Kav. Carmel Bianchi K G O**

Din is-sena huwa t-30 anniversarju mill-mewt tal-bravu skultur Qormi, Marco Montebello. Jixraq tassew li nsellmu l-memorja tiegħu, biex dawk li ma semgħux bil-ħiliet kbar tiegħu, ikunu jafu xi ħaġa dwaru.

Bla dubju ta' xejn, wieħed mill-aktar skulturi magħrufa ta' żmienna kien Marco Montebello li twieled Ħal Qormi nhar id-9 ta' Jannar, 1915. Huwa iben John u Josephine née Zammit. Marco wera l-ġibda lejn l-iskultura minn età żgħira ħafna. Infatti ta' tlettax-il sena hu kien skolpixxa fil-ġebla Maltija, statwa ta' San Bastjan marbut ma' siġra. Il-pittur magħruf Ramiro Calì, meta ra din l-istatwa, inkuraġġih biex jieħu l-iskultura bis-serjetà u ssuġġerielu li jmur jistudja fl-iskola tal-Arti fil-Belt Valletta.

Marco studja d-disinn taħt il-magħruf Robert Caruana Dingli u l-immudellar taħt il-bravu Surmast Antonio Micallef. It-talenti kbar ta` Marco ma damux ma bdew jiġu mfittxija tant li fl-ewwel snin tal-karriera tiegħu beda jiġi kummissjonat biex jaħdem monumenti żgħar għal fuq l-oqbra u xi xogħol f'xi kappelli.

Marco żżewweġ lil Maria née Mangion nhar it-3 ta' Frar, 1935. Minn daż-żwieġ kellhom żewġ ulied, Maria Dolores u Tarcisio. Wara li romol, reġa' żżewweġ Qormija oħra, lil Rożina née Zammit nhar it-12 ta' Lulju 1950. Minn dan iż-żwieġ kellhom żewġ subien; John u George.

Kien bniedem ċajtier u dħuli. Mort kemm il-darba għandu. Darba kien qalli, "Karm, kemm għandi ġirien strambi... ngħidilhom bonġu, u ħadd minnhom ma jgħidli bonġu lura." Bqajt inħares lejh, imbagħad infaqa' jidħaq. Malajr irrealizzajt li kien qed jirreferi għal dawk midfuna fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, peress li l-bottega tiegħu kienet quddiem dan iċ-ċimiterju.

Darb'oħra qalli, "li kieku għadni niflaħ kont nibdel xi statwi li hemm fin-niċeċ mal-ħitan tad-djar. Dan l-għaliex meta għamlithom kont żgħir." Fhimtu l-għaliex qalli hekk, ovvju li llum Marco Montebello huwa meqjus mgħallem fuq l-imgħallmin. Kiber, immatura, u kien gwapp fl-użu tal-mazza u l-iskalpell. Imma dak hu s-sabiħ. Ngħiduha kif inhi, ħadd u qatt ma telaq jiġri... pass pass u wasal.

Marco ħalla dan il-wied tad-dmugħ, f'għeluq it-38 anniversarju mit-tieni żwieġ tiegħu, nhar it-12 ta' Lulju 1988 fl-età ta' 73 sena. Huwa ndifen fiċ-Ċimiterju tal-

Addolorata f'Raħal Ġdid.
Dan l-iskultur ta' ħila kbira miet iżda l-arti fix-xogħol tiegħu għadha ħajja. Jien żgur li dawk li għandhom ix-xorti li għandhom xi biċċa xogħol tal-arti tiegħu, qegħdin jgħożżu l-kapulavur ta' dan l-iskultur bravu Qormi.

**Ix-Xogħolijiet Tiegħu.**

F'Ottubru 1937, fil-gazzetta "Times Of Malta" kien deher ritratt ta' wieħed mix-xogħolijiet ta' Marco Montebello; l-Assunzjoni tal-Madonna. Kif lesta dan ix-xogħol, ġie kummissjonat biex jaħdem statwa kbira tad-Duluri għall-knisja tal-Pietà (Gwardamangia) li saret fis-sena 1939.
Wara t-Tieni Gwerra Dinjija tas-sena 1940, Marco mar fl-istudju tiegħu fil-Marsa. Imbagħad fl-1966 mar fl-istudju f'Raħal Ġdid. Għal raħhal twelidu, Marco ħadem statwa sabha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel jissielet mad-dragun. Fuq rakkomandazzjoni taċ-ċelebri Antonio Sciortino, l-Ordni Agostinjana ta' Malta, fdat lil Montebello x-xogħol tal-Knisja ta' Santu Wistin li tinsab fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, biex isewwi l-ħsarat li ġarrbet fil-gwerra. Fis-sena 1948, Marco għamel l-istatwa ta' Santu Wistin li hemm mal-faċċata ta' din l-istess knisja.
Kieku wieħed kellu jsemmi kull opra ta' arti li target mill-iskalpell u l-ħila kbira ta' Marco Montebello, żgur li jimla ktieb sħiħ. F'dan l-artiklu tiegħi, qed insemmi biss ftit mix-xogħolijiet tiegħu.
Xogħol ieħor ta' Montebello huwa xi wħud mill-evanġelisti li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Filep f'Ħaż-Żebbug. Ta' min isemmi wkoll l-istatwa tal-Madonna li hemm fuq il-faċċata tal-bieb tal-Kappella tal-M.U.S.E.U.M. fi Blata l-Bajda. Din l-istatwa saret fis-sena 1960.
Kapulavur ieħor tal-arti tiegħu, huma l-Appostli li hemm fil-faċċata tar-Rotunda tal-Mosta. Xogħol li żgur titpaxxa tħares lejh.
Fir-raħal sabiħ u pittoresk tas-sajjieda ta' Marsaxlokk, ukoll insibu xogħol ta' dan l-iskultur. Dan qiegħed fuq il-portiku tal-knisja parrokkjali, li juri lill-Madonna flimkien ma' binha Ġesù, rikbin luzzu Malti jbierku lis-sajjieda. Dan ix-xogħol sar fis-sena 1975. Marco ħadem ukoll statwa ġganteska ta' San Franġisk t'Assisi li tinsab fuq il-kampnar tal-Knisja ta' San Franġisk fil-Ħamrun fl-akwati magħrufa bħala ta' Villambrosa.
Semmejtilkom li Marco ħadem bosta monumenti għal fuq l-oqbra. Fost dawn ta' min isemmi dak ta' Toninu Aquilina li nqatel brutalment fil-bidu tas-sittinijiet.
Fil-bitħa tal-Każin tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi, naraw xogħol ieħor ta' dan l-iskultur. Din hija l-istatwa ta' San Bastjan marbut ma' siġra. Din l-istatwa saret fis-sena 1958. Opri oħra ta' Marco f'dan l-istess każin huma, l-mazzettuni u d-dekorazzjoni tal-ħnejjiet.
L-istatwa ta' San Pawl u San Pietru li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Bastjan Ħal Qormi huma wkoll xogħolijiet dan l-iskultur Qormi. Dan ix-xogħol fil-ġebla Maltija, ġie inawgurat uffiċċjalment nhar l-14 ta' ta' Lulju, 1981. Jien kont preżenti għal din iċ-ċerimonja uffiċjali. L-istatwi kienu tħallsu mis-Sur Mikiel Bonello.
La qiegħed insemmi aktar xogħol fil-Belt Pinto, ma nixtieq ma nsemmix ukoll l-istatwa kbira tal-Madonna li qiegħda żżejjen dik li sa ftit tas-snin ilu kienet l-Iskola

Sekondarja Ġużè Galea. Statwa ta' devozzjoni li ssaħħrek tħares lejha u tistiednek tgħid 'Ave Maria' quddiemha. Din tqegħdet f'din l-iskola nhar is-26 ta' April 1950 u tħallset mis-surmast ta' dak iż-żmien, is-Sur Henery Vella.

**L-Istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel fil-bitħa tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri.**

Kburi li jien soċju fl-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri. F'din is-sede għandna ġmiel ta' statwa tiegħu li ħassejt li jkun xieraq li nsemmiha. Din l-istatwa turi lil San Ġorġ Martri qiegħed jissielet biex joqtol lid-dragun. Din l-opra ta' Montebello u l-pedestall li ġie maħdum mis-Sur Ninu Casha (iż-Żina) kienu inawgurati nhar il-21 ta' Settembru, 1947 .

Kien hemm min weġġgħetu żaqqu li din l-għaqda żżejjnet b'din l-opra tal-arti. Xi ilsna xejn kumplimentuzi avversarji ta' dan il-każin tal-banda, kienu għamlu versi biex f'marċ jitkanta hekk...

"Fittxu morru ħallsu 'l Marku
għax kif għamlu, jerġa' jfarrku."

Urtati b'dan l-insult xejn xieraq, il-partitarji u s-soċji tal-każin tal-banda kienu wieġbu lura bi kliem li kantaw b'marċ...

"Aħna lil Marku ħallasnieh
u sa ċurkett tad-deheb tajnih."

Biex insaħħah dan li għadni kif ktibt, tkellimt mas-Sur John Montebello, iben Marku u ġentilment tlabtu biex nieħu ritratt ta' dan iċ-ċurkett li warajh kien hemm kontroversja. Minn hawn nixtieq verament nirringrazzja lis-Sur John Montebello li qata' x-xewqa tiegħi.

**Il-Ġbir għall-Istatwa**

Kien il-ħsieb sabiħ tas-Sur Salvu Debono (ta' Patata) li fil-bitħa tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri jkun hemm statwa ta' San Ġorġ. Mas-Sur Debono ingħaqdu s-Sinjuri Ċensu Agius (ta' Pesiset), Leli Mallia (il-Lejli) u sinjur ieħor li sad-data tal-pubblikazzjoni ta' dal-artiklu għad m'għandix ismu, però naf li mlaqqam ta' Madalen. Dawn is-sinjuri ftiehemu li jagħmlu speċi ta' arbular.

Bejniethom qablu li javviċinaw numru ta' nies li lesti li jħallsu 3 soldi fil-ġimgħa sakemm jinġabru l-flus meħtieġa biex ikunu jistgħu jħallsu l-iskultur. Hekk għamlu, u mhux talli ġabru is-somma miftehma għall-istatwa, talli ġabru iżjed milli kien jinħtieġ. Il-Qriema li kienu kkontribwew għal din l-opra kellhom rashom mistrieħa bl-irġulija tas-Sur Salvu Debono u sħabu u għalhekk ilkoll qablu li bil-flus li kienu nġabru żejda għandu jinxtara ċurkett tad-deheb lill-iskultur bħala rikonoxximent.

**Deskrizzjoni taċ-Ċurkett.**

Fil-faċċata taċ-ċurkett hemm imnaqqxin l-inizzjali ta' Marco Montebello. Fuq naħa waħda taċ-ċurkett hemm il-kitba li turi s-sena 1947 u fuq in-naħa l-oħra d-data tal-21 ta' Settembru.

Fraħt li minkejja li minn din l-inawgurazzjoni għaddew 71 sena, dan iċ-ċurkett li kien ingħata lil Marco Montebello b'kumpliment, għadu miżmum b'għożża minn wieħed minn uliedu.

Ħajr lis-Sur John Montebello, iben l-Iskultur Marco Montebello għat-tagħrif li tani dwar missieru u lis-Sur George Debono iben is-Sur Salvu Debono (ta' Patata) għat-tagħrif li pprovdieli dwar il-ġbir għall-istatwa.

# Gordon's Discount Store

- għall-ħxejjex friski
- cheese counter
- frozen foods
- detergents
- groceries




**Discounts available**
**Free Delivery**
**Mob: 9940 9065**

149, TRIQ SAN BARTILMEW, ĦAL QORMI



# Andrew

*Hairstylist*

**St. Francis Square**
**Hal Qormi**

**Monday Closed**



# San Ġorġ Martri u l-futbol

**Is-Sur Antonio Montebello**

Din is-sena bħalma kulħadd jaf qed tintlagħab it-Tazza tad-Dinja. Xi ħaġa interessanti hi li r-Russja li qed tospita din l-edizzjoni għandha mħabba u devozzjoni kbira lejn San Ġorġ Martri. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq nwassal li San Ġorġ huwa wkoll relatat mal-logħba tal-ballun fejn insibu timijiet u assoċjazzjonijiet tal-futbol msemmijin għalih.

Nibda billi nsemmi l-ewwel klabb tal-football msemmi għal San Ġorġ. Dan il-klabb huwa St George FC li jinsab l-Awstralja fin-nofsinhar tal-Belt ta' Sydney fi New South Wales. Huwa magħruf mill-partitarji tiegħu bħala 'Saints'. Twaqqaf fl-1957 minn emigranti Ungeriżi. Fil-fatt l-ewwel isem tiegħu kien Budapest Club u fl-1965 semmewh St.George Budapest Club. L-istadium tagħhom jismu St.George Stadium li nfetaħ fl-1978 u jesa' 15,000 ruħ. Il-president attwali tal-klabb huwa Ross Gardiner u l-kowċ hu Terry Palapanis. Il-flokk tagħhom huwa abjad bi strixxa ħamra fix-xellug filwaqt li flokk ta' barra minn darhom hu aħmar b'żewġ strixxi bojod fil-lemin u x-xellug. Bħala unuri l-klabb rebaħ il-Kampjonat Nazzjonali tal-1983, il-Kampjonat ta' New South Wales tal-ewwel diviżjoni tal-1962, 1972, 1976. Fl-2013 sar ir-rebbieħ tas-Super Cup ta' New South Wales. Il-klabb spiċċa fit-tieni post fis-snin 1964, 1965, 1967, 1969, 1970, 1971, 1975, 1981 fi New South Wales tal-ewwel diviżjoni. Huwa spiċċa wkoll fit-tieni post fil-Kampjonat Nazzjonali tal-1979, 1982, 1989. Fil-klabb insibu nursery b'saħħitha magħmula kemm minn irġiel kif ukoll nisa.

Fl-Awstralja wkoll jeżisti tim ieħor ta' dilettanti imsemmi għall-istess patrun li twaqqaf fl-2010 bl-isem St George FC Willawong Brisbane kif ukoll assoċjazzjoni tal-futbol iddedikata lil San Ġorġ li twaqqfet 1924 u tiġbor ammont ta' klabbs, grawnds tal-futbol kif ukoll sezzjoni dwar l-irrefjar tal-futbol.




Fil-belt ta’ Addis Adaba fl-Etjopja hemm klabb bl-isem ta’ Saint George Sports Club li twaqqaf fl-1935 meta l-Faxxiżmu tal-Italja invada l-Etjopja. Il-fundaturi tiegħu huma Ayele Atnash u George Dukas. Dan il-klabb twaqqaf bl-intenzjoni li jkun simbolu għall- ħelsien in-nazzjonaliżmu. Meta l-Italja ċediet għall-pressjoni mill-Etjopja, il-klabb spiċċa bħala mudell għal-logħba tal-futbol. Ġara, iżda li fl-1947 il-klabb Derg, organizzazzjoni militari tal-gvern soċjalista fl-Etjopja għamel pressjoni qawwija biex il-futbol ma jibqax jiġi prattikat aktar u minħabba f’hekk is- Saint George Sports Club sfaxxa. Madanakollu 25 sena wara l-futbol reġa’ ġie legali u 4 snin wara dan l-istess klabb reġa’ beda jiffunzjona. Huma jilagħbu fl-Istadju Addis Adaba. Il-president tal-klabb huwa Ato Abinet Gebremeskel u l-kowċ, il-Portugiż Carlos Manuel Vaz Pinto. Interessanti li wieħed mill-benefatturi tal-klabb huwa l-miljunarju Sheik Mohammed Al Amoudi. Il-flokk tal-klabb huwa isfar bil-flokk ta’ barra min darhom huwa aħmar b’żewġ strixxi sofor li jagħmlu l-forma tal-ittra V. Unuri għandu bosta; fosthom ir-rebħ tal-Premier League tal-Etjopja għal 27 darba kif ukoll ir-rebħ tat-tazza Etjopjana għal 12-il darba. Huma rebħu wkoll is-Super Cup Etjopjana għal madwar 16-il darba, filwaqt li t-tazza tal-Belt rebħuha 5 darbiet.



Fir-Renju Unit ġewwa Burton-upon-Trent, Staffordshire nsibu s-St George’s Park National Football Centre li nfetaħ fid-9 ta’ Ottubru 2012 u jitmexxa minn David Sheepshanks. Dan huwa kamp tat-taħriġ tal-futbol u huwa propjetà tal-FA Ingliża u fih jittrenjaw bosta plejers kbar u żgħar, nisa u rġiel. Il-FA Ingliża tħeġġeġ ħafna lill-klabbs reġistrati magħha biex jużawh dan il-kamp. Fih jitħarrġu t-timijiet nazzjonali maskili Ingliżi ta’ taħt il-21, l-20, id-19 u s-17-il sena. Jitħarrġu fih ukoll it-timijiet nazzjonali Ingliżi femminili ta’ taħt l-20, id-19 u s-17-il sena. Jintuża wkoll minn persuni bi bżonnijiet speċjali.  Fih insibu ġinnasju u anke lukanda li tiġbor fiha 28 tim Ingliż għall-irtiri tagħhom qabel xi logħba. Dan il-kumpless jaddatta mal-livell mixtieq tal-UEFA u l-FIFA.




Ma jistax jonqos li ma nsemmix it-tim Malti msemmi għal Ġorġi li jġib l-isem ta’ St George’s Football Club li jinsab f’Bormla u li huwa l-eqdem klabb fl-istorja tal-futbol Malti mwaqqaf fl-1890. Għaxar snin qabel, grupp ta’ żgħażagħ kienu qed isegwu lis-suldati Ingliżi jilagħbu logħba futbol fil-Kwartieri tal-Verdala. Ġara li s-suldati ħadu pjaċir b’dawn iż-żgħażagħ li ġew jarawhom u kien hemm uffiċjal li ta l-ballun li lagħbu bih lil wieħed miż-żgħażagħ biex jibdew jilgħabu l-istess logħba u b’hekk wieħed jista’ jgħid li daħlet f’ Malta din il-logħba.

Twaqqaf l-ewwel klabb tal-futbol bl-isem Santa Margherita segwiti minn żewġ klabbs oħra St Andrews u St Georges. Dawn it-tlett klabbs Bormliżi ngħaqdu bl-isem St Georges bħala klabb fl-1890 u għadu rikonoxxut sal-lum mill-komunità Bormliża. Huma rebħu l-kampjonat Malti darba biss fl-istaġun tal-1916/17. Rebħu unuri oħra fosthom il-Cousis Shield fl-1916/17, 1926/27; rebbieħa tal-Ewwel Diviżjoni fl-1991/92, 2005/06; rebbieħa tat-Tieni Diviżjoni fl-1953/54, 1956/57, 1958/59, 1965/66, 1971/72, 1973/74; rebbieħa tan-Knock Out tat-tieni Diviżjoni fl-1958/59, 1971/72, 1973/74; finalisti tan-Knock Out tat-tieni Diviżjoni fl-1953/54; rebbieħa tat-Tieni Diviżjoni fl-1987/88, 1996/97, 2003/04; Rebbieħa tan-Knock Out tat-Tieni u t-Tielet Diviżjoni fl-1987/88, rebbieħa tat-Tielet Diviżjoni fl-2002/03; rebbieħa tat-Tazza tat-Tieni Diviżjoni Sons ta' Malta fl-1971/72, 1973/74; rebbieħa tat-Tazza tal-Milied 1939/1940; u finalisti tal-FA Trophy fl-1936/37, 1949/50.
Il-kulur tagħhom huwa ikħal u dak ta' barra minn darhom huwa abjad b'żewġ strixxi ħomor. Wieħed mil-aktar plejers magħrufa tagħhom huwa Emmanuel Busuttil magħruf bħala Balolu li kien il-kap tat-tim meta rebħu l-Premier Malti. L-iktar logħba notevoli li lagħbu kienet dik deċiżiva tal-istaġun 1965/66 kontra t-tim ta' Qormi FC li ntlagħbet fil-Gżira Manwel. Kienet partita li rat l-ikbar folla f'dak l-istaġun fil-kompetizzjonijiet kollha tal-MFA. Dakinhar St Georges rebħu lil Qormi FC 2-1. Sakemm qiegħed nikteb dan l-artiklu huma parti mill-futbol tat-tieni diviżjoni u l-klabb huwa mmexxi mill-President John Pavia u l-kowċ huwa Sean Galea.





Klabbs oħrajn bħal FC Barcelona, AC Milan, Bologna FC u Genoa CFC (l-eqdem klabb tal-futbol Taljan) għandhom mal-emblemi rispettivi tagħhom is-salib aħmar ta' San Ġorġ Martri. Hemm anke plejers msemmijin għall-Ġorġi fosthom il-plejer leġġendarju li kien jilgħab fil-pożizzjoni ta' winger mill-Irlanda George Best li kien jilgħab man-Nazzjonal tal-Irlanda ta' Fuq kif ukoll għamel karriera ma' Manchester United fejn beda magħhom mis-sezzjoni taż-żgħażagħ. George Best ħalla din id-dinja fil-25 ta' Novembru 2005 fl-età ta' 59 sena. Insibu wkoll lil George Weah mil-Liberja li kien jilgħab bala striker. Huwa kien jilgħab mal-Liberja u mal-klabbs ta' Monaco, Paris St Germain, AC Milan, Chelsea, Manchester City u Olympique de Marseille u Al Jazira. Hu wkoll il-President tal-Liberja. Hemm ukoll id-difensur Taljan li jilgħab ma' Juventus FC, Giorgio Chiellini.
Permezz ta' dan l-artiklu ppruvajt nuri kemm San Ġorġ Martri huwa meqjus anke fil-logħba popolari tal-futbol. Dan l-isport jibqa' popolari mhux bil-flus biss li jinvolvu fih imma wkoll bil-logħob sabiħ.
**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**

Mamas
Men&Ladies Wear

Victory Street,
Qormi

Tel: 27627850
Mob: 99458716

Find us on
Facebook

Mamas
Men&Ladies Wear





William Montebello
GOLD & SILVERSMITH

Main Street, Qormi
Hdejn il-Knisja ta' San Ġorġ Martri
Telephone: 2138 2126
Mobile: 9989 0686

il-ġojjell
JEWELLERS

Malta Council for the
VOLUNTARY SECTOR



Small Initiatives
Support Scheme

**Ic-cerimonja tal-ghoti tal-grant taht l-iskema tas-Small Initiatives Scheme**

# Mirage
# Boutique

51, Cardinal Sciberras Street,
Qormi - Tel: 2148 7196

*Dry Cleaning Service Available*





# San Ġorġ fil-Liturġija

**P. Anton Farrugia, OFM S.Th.B, S.L.L.**

Matul is-sena liturġika, aħna flimkien mal-Knisja, ngħixu l-misteru tas-Salvazzjoni tagħna li jilħaq il-qofol tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid tal-Mulej li bil-mewt tiegħu qered il-mewt tagħna u bil-Qawmien tiegħu kisbilna ħajja ġdida. Imma l-Knisja tħabbar il-misteru tal-Għid tal-Mulej meta matul is-sena tiċċelebra wkoll l-festi tal-Qaddisin.

Sa mill-bidu, l-Insara bdew ifakkru l-anniversarju tal-mewt tal-Qaddisin Martri tagħhom. F'dawn l-anniversarji, l-ewlenin insara kienu jiċċelebraw il-mewt bħala d-dies *natalis,* il-jum tat-twelid tagħhom għas-sema. Hekk issawru l-ewwel Kalendarji Liturġiċi, kalendarji li bdew bi ftit ismijiet. Kull Knisja partikulari beda jkollha l-Kalendarju propju tagħha bl-ismijiet tal-Martri ta' dik iż-żona, biż-żieda tal-oħrajn taż-żoni tal-qrib u maż-żmien tal-Knisja Universali.

Fost dawn il-Kalendarji Liturġiċi, ta' min isemmi dak tal-Knisja ta' Napli fejn fit-23 ta' April insibu mniżżel it-twelid ta' San Ġorġ Martri, *natalis Sancti Georgi Martyris,* xhieda li fis-sena 847, il-qima lejn San Ġorġ kienet diġà daħlet fil-Punent. Ma' dawn il-Kalendarji, fil-Knisja ta' Ruma bdew jiżdiedu kalendarji itwal u b'aktar tagħrif li saru magħrufin bħala l-*Martyrologia.* Fihom, flimkien mal-ismijiet tal-Martri u l-post tad-difna tagħhom, bdew jissemmew ukoll l-Imperaturi persekuturi u x-xorta ta' martirju li kienu ġarbu.

Kitba li tixbah lil dawn il-Martiroloġji, nsibuha wkoll fil-Knejjes tal-Lvant, magħrufa bħala *Sinassarji* u *Menoloġi*; kotba magħmulin apposta biex jintużaw fil-Liturġija ta'  kuljum u li jiġbru fihom tifħir lill-Martri li tagħhom tkun qiegħda ssir it-tifkira. Tajjeb ngħidu li dawn il-kotba liturġiċi ssawru minn dokumenti pubbliċi magħrufa bħala Acta li nkitbu b'sengħa kbira minn uffiċjali tal-Imperu Ruman.

Nies li kienu prezenti waqt il-martirju jew li għexu f'dan iż-żmien kitbu l-hekk imsejjħa *Passiones.* L-eqdem *Passio* ta' San Ġorġ inkitbet bil-Grieg u x'aktarx li hija dik li jirreferi għaliha d-Digriet tal-Papa Ġelasju għall-bidu tas-Seklu 5. Minn din, jiddependu l-*Passiones* li ġew wara li ssoktaw jimtlew b'żidiet ġodda u xterrdu

sew, l-aktar fi żmien il-Kruċjati, bil-Latin, il-Koptu, is-Sirjak, l-Etjopiku, l-Armen u saħansitra l-Għarbi.
Il-Bollandisti fl-opra monumentali tagħhom *Acta Sanctorum*, igħidulna li San Ġorġ kien suldat qalbieni mill-Kappadoċja u jagħtu s-sena 303 bħala s-sena tal-martirju tiegħu. Jgħidu wkoll li l-qima lejh taf il-bidu tagħha sa minn kmieni wara l-Paċi ta' Kostantinu fis-sena 313. Fil-fatt, Santa Liena, omm l-Imperatur, ewlenija fost il-pellegrini li żaru l-Art Imqaddsa, bniet fuq il-qabar ta' San Ġorġ l-ewwel bażilika. L-ewwel kittieb li jitkellem dwar il-qabar ta' San Ġorġ f'Lidda huwa d-djaknu Teodosju li jikkonferma kif il-kult tal-Qaddis beda f'din il-belt u minn hawnhekk xtered ma' kullimkien.
L-aħħar edizzjoni tal-Martiloġju Ruman, imġedded wara l-Konċilju Vatikan II, li ħarġet fis-sena 2001, meta fit-23 t' April issemmi lil San Ġorġ, tgħidilna li l-qima lejh bdiet tiġi ċċelebrata sa mill-qedem, fil-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent. Mhux ta' b'xejn li isem Ġorġi nsibuh fil-kotba liturġiċi bikrin fl-użu tal-Knisja Latina għaliex f'dik Orjentali, l-kult lejn San Ġorġ u d-dħul tiegħu fil-Liturġija huwa bil-wisq aktar antik.
Hawn ta' min isemmi s-Sagramentarji *Veronense*, *Gelasianum* u *Gregorianum* li huma meqjusa fost l-aktar messalli antiki tal-Liturġija Rumana. Is-S*acramentariun Veronense* hu magħmul minn ġabra ta' talbiet li kienu jintużaw f'diversi bażiliċi Rumani. Fit-23 t'April isemmi lil San Ġorġ f'erba' talbiet differenti. Fis-Sagramentarju Ġelasjan, li nsibu fih il-quddies tal-Qaddisin, għandna talba speċjali tal-Istazzjoni tar-Randan, billi l-knisja ta' *San Giorgio al Velabro*, fejn hemm meqjuma l-qorriegħa ta' ras San Ġorġ, hija waħda mill-knejjes stazzjonali ta' Ruma fejn il-Ħamis wara l-Erbgħa tal-Irmied, issir waqfa ta' talb waqt waħda mill-purċissjonijiet penitenzjali li jsiru fi żmien ir-Randan. Is-S*acramentarium Gregorianum* jagħtina t-tliet talbiet prinċipali tal-Quddiesa, jiġifieri t-talba tal-bidu, t-talba fuq l-offerti u t-talba ta' wara t-Tqarbin kif ukoll prefazju għal jum San Ġorġ.
Interessanti hija s-silta tal-Evanġelju meħuda minn San Ġwann, kapitlu 15, versi 1 sa 7 fejn Ġesu' jsejjaħ lilu nnifsu *d-dielja u lil Missieru l-bidwi,* bil-grieg, georgios kif ifisser isem San Ġorġ.
Sant'Andrija ta' Kreta jagħtina deskrizzjoni mill-isbaħ ta' kif bħala bidwi, Ġorġi ħadem *l-art b'idejh u ġabar ħafna frott fi żmienu. Żera' fid-dmugħ u bil-ferħ ġabar il-ħsad. Żera' fin-niket u ferħan ġarr il-qatet. Fuq art maħduma tajjeb, l-Ispirtu s-Santu niżżel ta' spiss ix-xita, hekk li kabbar il-ħaxix, ħasad il-fidi.*

MIKE SERVICE STATION LTD

MAIN STREET, QORMI QRM 1109 - MALTA
Tel: 2148 7007 / 2149 5279 Fax: 2148 5789
Email: mikess@vol.net.mt

GENERAL MOTOR REPAIRS
AUTO PARTS & ACCESSORIES

THS

The Hair Studio

Misrah Guze Flores Qormi
antkeyan13@gmail.com
Find us on: Facebook Contact no: 77221205

# P.G. GARAGE

**Auto mechanic on Petrol & Diesel Engines**



**Mobile Number**

**99857459**




## RAMBO SNACK BAR

Triq il-Mitħna, Qormi
Ftit 'l isfel mix-showroom ta' Joinwell
**Mobile: 7990 0435**
**Rambo Bar** jiftaħ
mill-3.00am sas-4.00pm u
**Il-Ħadd mill-5.00am sas-1.00pm**

F'**Rambo Snack Bar** issibu kull tip ta' Ħobż bil-Laħam, Perżut u Ġobon, Baguettes bil-Majjal u Bajd, Ftajjar biż-Żejt taż-Żebbuġa. Issibu wkoll Burgers, Pizza, Pastizzi, Qassatat u kull tip ta' Għaġin.

**Rambo Snack Bar** issibu wkoll Sigaretti, Sigarri, Tabakk u Cards tal-Mobile u għażla kbira ta' Ħelu u Ċikkulati.

Jiġu servuti wkoll ħafna appetizers mad-Drinks u Spirti.

Mgħammar ukoll bil-Free Wi-Fi.
u arja kundizzjonata

*Narawkom u nirringrazzjawkom bil-quddiem.*



# San Ġorġ fuq il-muniti

Membru Onorarju

**Is-Sur Walter Pawley**

Il-għaliex il-Patrun tagħna San Ġorġ huwa daqshekk popolari f'kull angolu tad-dinja li minn suldat fl-armata Rumana fir-raba' seklu wara Kristu fi żmien l-Imperatur Dijoklezjanu għadna sal-lum insibu l-immaġini tiegħu kullimkien?
F'dan l-artiklu ser naraw kif maż-żmien xi pajjiżi addottaw ix-xbieha ta' San Ġorġ fuq il-munita tagħhom. Ser naraw ukoll it-tipi ta' flus differenti li fuqhom deher il-Patrun tagħna.



*It-'Tetradrakhma' Bizantina*

**L-Ewwel muniti**

L-ewwel muniti li fuqhom dehret ix-xbieha ta' San Ġorġ ġew prodotti fis-seklu tnax, fil-perjodu Biżantin. Kien proprju fi żmien l-Imperatur Ġwanni II (1118 - 1143) u wara anke fi żmien ibnu Manwel I (1143 - 1180) li kienet saret it-'Tetradrakhma' bix-xbieha ta' San Ġorġ fuqha. Fuq il-wiċċ ta' dawn il-muniti insibu xbieha tal-Imperatur filwaqt li fuq in-naħa l-oħra insibu lil San Ġorġ liebes libsa militari u jżomm lanza f'idu l-leminija u tarka f idu x-xellugija.



*Id-disinn ta' Benedetto Pistrucci*

**L-Ingilterra**

Meta fl-1222 ir-Re Enriku III (1216 - 1272), iddikjara lil San Ġorġ bħala l-Patrun tal-pajjiż, id-data tat-23 ta' April saret festa. Dan wassal biex l-Ingilterra tkun l-aktar pajjiż fid-dinja li qatt ipproduċa muniti li fuqhom jidher San Ġorġ.
L-ewwel darba li x-xbieha ta' San Ġorġ dehret fuq munita Ingliża kien fl-1817 fi żmien ir-Re Ġorġ III (1760 - 1820). Din kienet il-lira tad-deheb u sena wara, fl-1818 ħarġet ukoll l-ewwel ħames xelini tal-fidda. Fuq dawn iż-żewġ muniti naraw lil San Ġorġ fuq iż-żiemel jissara mad-dragun. Id-disinn ta' dawn il-muniti kien fdat f'idejn it-Taljan Benedetto Pistrucci.
Fi żmien ir-renju tar-Reġina Vittorja (1837-1901), id-disinn ta' Pistrucci reġa' ħareġ fuq muniti tal-ħames xelini tal-fidda bejn l-1893 u l-1901. Dawn il-muniti huma

fost il-favoriti tal-kollezzjonisti numismatiċi. Minn barra dawn il-muniti, saru wkoll liri tad-deheb bejn l-1871 u l-1901 li juru lil San Ġorġ fuq iż-żiemel.



*Id-disinn ta' Percy Metcalfe*

Fir-renju ta' Dwardu VII (1902 - 1910) minbarra l-liri tad-deheb, għal kull sena tar-renju ġiet prodotta ħames xelini tal-fidda biex tikkommemora l-inkurunazzjoni tar-Re. Din il-munita kienet prodotta fuq l-istess disinn ta' Pistrucci.

L-Ingilterra ħarġet munita ta' ħames xelini tal-fidda biex tikkommemora l-25 sena anniversarju tar-Re Ġorġ V bħala Re fl-1935. Din kienet l-ewwel munita, li kellha lil San Ġorġ fuqha, maħruġa mill-Ingilterra li ma kellhiex id-disinn ta' Pistrucci. Infatti din il-munita, li kienet ukoll turi lil San Ġorġ fuq iż-żiemel, saret fuq disinn ta' Percy Metcalfe. Apparti l-muniti ta' ħames xelini, ħarġu wkoll il-liri tad-deheb.

Matul ir-renju tar-Re Gorg VI (1937 - 1952) l-Ingilterra kienet ikkommemorat il-'Festival tal-Gran Brettannja' u għal din l-okkażjoni ħarġet munita kommemorattiva ta' ħames xelini bi xbieha ta' San Ġorġ fuqha. Din kienet l-aħħar munita li ħarġet bid-disinn ta' Benedetto Pistrucci, li kien ilu jintuża sa mill-1817.



*Id-disinn ta' Timothy Noad*



*Id-disinn ta' Paul Day*

Riċentament, fl-Ingilterra kien hemm aktar drabi fejn ix-xbieha ta' San Ġorġ ġiet murija fuq muniti taħt il-Monarka preżenti, ir-Reġina Eliżabetta II. Fl-2005 ħarġet Lira tad-deheb b'disinn differenti minn dak li konna mdorrijin naraw fil-passat. Id-disinn ġdid ta' Timothy Noad kien semplici ħafna, pero' ma tantx intgħoġob min- nies, speċjalment mill-kollezzjonisti. Minħabba f'hekk fl-2012, proprju għall-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tar-Reġina Elizabetta, rajna munita ta' ħames Liri b'disinn ġdid ta' Paul Day.



*Id-disinn ta' Christopher Le Brun*

L-aktar munita Ingliża riċenti li turi lil San Ġorġ ħarġet fl-2015. Fl-okkażjoni tal-għeluq is-sentejn mit-twelid tal-Prinċep Ġorġ, iben il-Prinċep William u Catherine, u futur eredi tat-Tron, l-Ingliżi ħarġu munita ta' ħames liri. B'dan id-disinn ġdid li juri lil San Ġorġ fuq iż-żiemel, Christopher Le Brun għoġob lill-bosta.

Apparti l-muniti li semmejna hawn fuq, l-Ingilterra pproduċiet aktar flus li fuqhom jidher San Ġorġ. Fl-1917 minnflok fuq munita, San Ġorġ ġie muri fuq karta tal-flus. B'disinn ta' Bertram Mackennal ġiet prodotta waħda mill-isbaħ karti tal-flus li qatt ġew prodotti, b'valuta ta' Lira Sterlina. Mackennal qasam l-faċċata ta' din l-karta fi tnejn; fuq in-naħa tal-lemin iddisinja l-bust tar-Re

Ġorġ V (1911 - 1936) filwaqt li fuq dik xellugija iddisinja lil San Ġorġ fuq iż-żiemel. Din il-karta tal-flus kienet popolari ferm man-nies ta' dik l-epoka u baqgħet tiġi stampata sas-sena 1927.




Fl-1970 reġa' deher San Ġorġ fuq il-karti tal-flus Ingliżi b'valuta ta' għoxrin Lira Sterlina. Din id-darba però, ix-xbieha ta' San Ġorġ tant kienet żgħira li ma tantx dehret avolja kienet fin-nofs tal-karta. Dan ġara minħabba li ngħatat prominenza lill-immaġini tar-Reġina Eliżabetta II.




**Ir-Russja**

Il-muniti li juru lil San Ġorġ ma ħarġux biss fl-Ingilterra. Fir-Russja, fi żmien il-Kżar Pietru II (1689 - 1725) bdew jidhru muniti bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel.



*Iż-żewġ Kopeck Russa*



*Tliet Rubli tal-Fidda. Disinn ta' A. V. Baklanov, 2009*

Dawn baqgħu jinħarġu anke fir-Renju tal-Kżarina Katerina II (1762 - 1796). Aktar riċenti, proprju fl-1997 reġgħu dehru muniti b'San Ġorġ fuqhom b'disinn modern ħafna. Dawn il-muniti għadhom jinħarġu u użati sal-lum.

Fir-Russja, il-Patrun tagħna huwa ferm popolari. Infatti, l-arma tal-kapitali Russa, Moska, hija San

Ġorġ fuq iż-żiemel. Apparti minn hekk, ma tidħolx ġewwa Knisja Ortodossa u ma ssibx xbieha ta' dan il-Qaddis fejn l-Ortodossi isejħulu 'l-Martri l-Kbir' filwaqt li l-Kopti Ortodossi tal-Eġittu jsejħulu 'il-Prinċep tal-Martri'.

**Pajjizi oħra**

Insibu ħafna pajjiżi li ħarġu xi munita li fuqha kien hemm San Ġorġ, fosthom il-Kanada, l-Awstralja, Ġibiltà, Isle of Man, Jersey u l-Ġermanja. Din il-lista ma tispiċċa qatt.

**Għeluq**

Ma nistax nagħlaq dan l-artiklu jekk ma nsemmix karta oħra tal-flus li kienet ħarġet il-Jugoslavja fl-1920. Dik li hija meqjusa bħala waħda mill-isbaħ karti tal-flus li qatt ħareġ pajjiż madwar id-dinja kollha, b'valuta ta' elf Dinara. Apparti li turi lill-Patrun tagħna San Ġorġ jissara mad-Dragun, il-kuluri fuq din il-karta tal-flus huma mill-isbaħ.




Huwa fatt li l-ebda qaddis ieħor ma jidher fuq munita daqskemm jidher il-Patrun tagħna San Ġorġ. U hawnhekk nagħlaq dan l-artiklu billi nerġa' nistaqsi; Għaliex baqa' daqshekk popolari dan il-Qaddis?

CM
AUTOPARTS

Japanese
Body
& Mechanical
Parts

124, Victory Street,
Qormi
Mobile:
9985 2987 / 9926 0513

JOHN ZAMMIT

*Aluminium Works*

**Mob: 9989 7113**




# All Daily Needs

***Triq id-Deheb Fin, Qormi***

**mob: 9940 9914**



# Xbihat impittra ta' San Ġorġ fil-knejjes parrokkjali Għawdxin

Is-Sur Francesco Pio Attard

Ir-rappreżentazzjoni artistika ta' San Ġorġ fil-gżira li tqimu bħala Patrun, Għawdex, mhix limitata biss għall-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria, fejn l-erba' arzelel u s-saqaf kollu tista' tgħid miksija bi xbihetu, xogħol tas-snin ħamsin u sittin tal-Professur Gian Battista Conti (1878-1971), li jikkumplimentaw ix-xogħlijiet eqdem tat-titular tal-Preti u l-kwadri laterali ta' Zahra, tas-sekli sbatax u tmintax rispettivament. Fil-Bażilika Ġorġjana, ix-xbieha mpittra ta' San Ġorġ tidher mill-inqas fi tlettax-il pittura differenti.

**Il-Bażilika ta' San Ġorġ**

L-eqdem xbieha mpittra ta' tema Ġorġjana li għadha eżistenzi fil-Knisja parrokkjali tal-Belt Victoria hi bla dubju ta' xejn il-kwadru titulari ta' Mattia Preti (1613-1699) fl-1678, li juri l-ikona klassika ta' San Ġorġ bix-xabla misluta f'idu, wieqaf rebbieħ quddiem iż-żiemel bajdani tiegħu, jisħaq taħt riġlejh id-dragun infernali.

Iż-żewġ kwadri laterali, fuq kull naħa tal-altar maġġur li fuqu hemm dan it-titular, huma xogħol ta' Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773) u saru fl-1763. Jidher ċar li tpittru bil-ħsieb li jikkumplimentaw fl-istil u b'xi mod jindirizzaw l-attenzjoni tad-devoti lejn il-kwadru titulari. Dawn iż-żewġ kwadri jġibu żewġ mumenti importanti lejn tmiem il-ħajja tal-qaddis: fuq naħa naraw lit-Tribun nobbli jitressaq quddiem il-Qorti tal-Imperatur Djoklezjanu, waqt li faċċata jidher il-Martirju glorjuż tal-Qtugħ ir-Ras.

Ix-xogħlijiet l-oħra huma iktar riċenti. Sa nofs is-seklu għoxrin, is-saqaf tal-Bażilika kien għadu prattikament vojt. Bħala parti minn proġett ambizzjuż tad-dekorazzjoni kollha, inġab minn Ruma l-artist Gian Battista Conti, li wara li ħeles il-koppla bit-tema tal-Ktieb tal-Apokalissi, mill-1950 sal-1952 pinġa s-sitt kwadri tas-saqaf tal-korsija u l-kappelluni laterali, li f'sitt episodji differenti juru l-ħajja u l-martirju ta' San Ġorġ, imnebbħa mit-tradizzjoni aġjografika u l-Passio tal-martirju tiegħu. Wara dawn, Conti kompla biex bejn l-1953 u l-1958 pinġa l-erba' arzelel, tnejn minnhom juru mumenti fl-istorja tal-gżejjer tagħna li fihom San Ġorġ qabeż għall-poplu tagħna, u t-tnejn l-oħra l-glorja tiegħu fis-Sema u fil-qima tal-ġnus kollha tal-art. B'hekk dan l-artist Ruman għandu l-akbar għadd ta' xogħlijiet ta' pittura fil-Bażilika, fil-parti l-kbira minnhom ta' tema Ġorġjana.

Ta' min jgħid ukoll li flok l-Arzella tal-Abside tal-Kor, qabel kien hemm impittra oħra bl-istess tema, L-Apoteożi ta' San Ġorġ, l-aktar xogħol bikri ta' Robert Caruana Dingli fl-1920, li billi kienet impittra fuq il-ġebel, ġiet mgħottija mill-ġdida.
Ix-xbieha ta' San Ġorġ tidher ukoll fit-tliet kwadri tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi fis-saqaf tas-Sagristija tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li nħadmu fl-okkażjoni tas-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ iċċelebrat fl-2003.

**Xbihetu mxerrda ma' Għawdex kollu**

Imma bosta huma x-xbihat oħra tal-qaddis imxerrda mal-gżira, kemm fit-toroq tagħha, mal-ħitan tad-djar u f'xi niċeċ, u kemm fil-knejjes; dan barra l-ħafna kwadri, statwi u ritratti tal-qaddis mifruxa fid-djar tal-Għawdxin. Dan kollu jixhed għall-kult qadim sew li gawda l-martri tagħna f'Għawdex, fejn tradizzjoni b'saħħitha tikkoloka fi żmien il-Biżantini l-wasla tal-kult Ġorġjan fil-gżira.
Nillimitaw ruħna biex insemmu x-xbihat impittra tal-qaddis li sal-lum insibu fil-knejjes parrokkjali l-oħra ta' Għawdex. Din mhijiex xi analiżi artistika ta' dawn il-pitturi, imma biss deskrizzjoni sempliċi bi ftit sfond storiku u tifsir ikonografiku.

**Fil-Katidral**

Nibdew mill-post fejn hemm l-aktar xbieha riċenti ta' San Ġorġ fi knisja parrokkjali Għawdxija. Dan hu l-Katidral tal-Assunta.




Fl-2004, fin-navata tat-Tramuntana, ġiet mikxufa fil-kappellun tan-nofs il-Kopplettta msejħa 'tad-Djoċesi', li tiċċelebra l-qima li l-Knisja f'Għawdex tagħti lill-Assunta, it-titular tal-Katidral u Patruna speċjali tal-gżejjer tagħna. Biex joħroġ dan, l-artist Pawlu Camilleri Cauchi (1940- ), fuq suġġeriment tal-istoriku Mons. Dr Joseph Bezzina, qiegħed ħdejn xulxin il-qaddisin patruni tal-knejjes parrokkjali ta' Għawdex qed jagħtu qima lil Santa Marija, li tidher bilqiegħda fuq is-sħab u bil-qamar taħt riġlejha, b'dirgħajha miftuħa f'ġest ta' interċessjoni. F'riġlejha hemm għarkupptejh il-Beatu Papa Piju IX, li fl-1864 waqqaf id-Djoċesi ta' Għawdex. Billi f'Għawdex hemm iktar minn parroċċa waħda ddedikata lill-Madonna, l-artist għażel li mal-qaddisin titulari li qed jirrappreżentaw l-erbatax-il parroċċa l-oħra Għawdxija jdaħħal ukoll patruni sekondarji. Kull qaddis jew qaddisa jidher iġorr f'idejh mudell ċkejken tal-knisja tar-raħal tiegħu.
Interessanti li Camilleri Cauchi wera attenzjoni lejn l-ordni storiku tal-qedem ta' kull parroċċa, u għalhekk minn fost dawn il-qaddisin patruni qiegħed l-eqreb lejn Santa Marija t-titular tal-eqdem parroċċa ta' Għawdex: San Ġorġ Martri. Il-qaddis jidher wieqaf, liebes l-armatura ta' suldat Ruman, jaqbad b'idu l-leminija l-mantell bajdani b'faxxi ħomor li juru l-grad tiegħu ta' tribun, bid-dragun misħuq taħt riġlejh. F'idu l-oħra qed iżomm mudell tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ

tal-Belt Victoria kif narawha llum, jiġifieri bin-navi b'kollox. Il-parti tas-salib Latin kienet inbniet fl-1678, waqt li n-navi ġew miżjuda fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Wieħed irid jgħid li sal-bidu tas-seklu għoxrin, fil-Katidral ta' Għawdex kien hemm xbieha oħra ta' San Ġorġ li kienet fost l-eqdem minn dawk kollha li ħa nsemmu. Fis-saqaf tal-Kor, impitter bħall-bqija tas-saqaf minn Ignazio Cortis fis-snin 1880, kien hemm ix-xbihat ta' San Ġorġ u Sant'Ursola, Patruni ta' Għawdex, qed jagħtu qima lil Marija Reġina fuq tron. Mix-xogħlijiet ta' Cortis baqa' biss l-erba' pendenti tal-erojini tat-Testment il-Qadim taħt il-koppla 'finta'. Meta saret il-pittura l-ġdida tas-saqaf minn Gianni Vella (bejn l-1909 u l-1917), San Ġorġ ma reġax iddaħħal.

**Il-Fontana**

Ftit passi biss bogħod mir-Rabat, fil-Knisja parrokkjali tal-Fontana ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù, hemm żewġ xbihat ta' San Ġorġ. Il-Fontana, jew it-Triq tal-Għajn, kif inhu magħruf dan l-irħajjel f'riġlejn ir-Rabat minħabba l-għajn u l-wied sabiħ tiegħu, għandha rabtiet kbar mal-Parroċċa ta' San Ġorġ fil-belt Għawdxija. In-nies ta' dan ir-raħal huma fil-parti l-kbira tagħhom 'Ġorġjani', kif kien ukoll l-ewwel Kappillan Dun Ġużepp Hili, li kien jiġi ħu l-mibki Arċipriet tar-Rabat Mons. Alfons Marija Hili. Barra minn hekk, kien fi Triq il-Għajn li kellha l-ewwel każin tagħha s-Soċjetà Filarmonika La Stella, marbuta tant mal-Parroċċa Ġorġjana Għawdxija.



Il-Fontana saret parroċċa fl-1911, imma s-Santwarju sabiħ tagħha kien diġà lest fl-1905. Minkejja ċ-ċokon tar-raħal u l-faqar tal-parruċċani ħafna minnhom sajjieda, huma bnew knisja eleganti bin-navi b'kollox u għamlu mill-aħjar biex iżejnuha bl-aqwa opri tal-arti. Fost dawn insibu fuq l-altari tal-ġnub xogħlijiet ta' Lazzru Pisani (1854-1932). Hu ħadem ukoll erba' kwadri żgħar għaż-żewġ kappelluni tal-ġnub, tnejn f'kull wieħed. Fuq kull ġenb tal-Altar tal-Madonna tar-Rużarju, insibu l-kwadri ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, il-ġenituri tal-Madonna, waqt li fuq il-ġnub tal-Altar ta' San Ġużepp, Pisani ħallielna kwadri ta' San Ġorġ u San Alfons Maria de Liguori. Dawn il-kwadri laterali nħadmu fl-1907. Hawn jidher ċar li l-artist, fil-figura li jippreżenta tal-qaddis martri, tnebbaħ mill-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-Bażilika Għawdxija tiegħu, xogħol Pietru Pawl Azzopardi fl-1839, u li erba' snin qabel kienet għadha kemm ingħatat kisja polikromatika minn Giuseppe Calì. Il-pittura ta' Pisani hi wisq inqas elaborata mill-istatwa f'dawk li huma dettalji, waqt li juża skema ta' kuluri pjuttost differenti. Il-martri jinsab wieqaf fuq blata u b'ħarstu lejn is-Sema.



Fi żmien il-parrokat tal-ħabrieki Mons. George Bezzina, hu ħa ħsieb ikompli jżejjen is-saqaf kollu tal-knisja b'pittura tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, li inzerta jiġi wkoll ir-raġel ta' oħtu. Dan sar fuq medda twila ta' snin u tista' tgħid li l-opra baqgħet għaddejja sa dan l-aħħar. Fit-12 ta' Ġunju 1988, inkixfet l-Arzella tal-Orgni flimkien ma' xi kwadri oħra li kienu għadhom kemm tlestew fis-saqaf tal-korsija. Fid-19 tal-istess xahar, dawn ġew imbierka mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Hu proprju fl-Arzella tal-Orgni li tidher it-tieni xbieha ta' San Ġorġ f'din il-knisja. Hawn, Camilleri Cauchi jqiegħed lill-Qalb ta' Ġesù flimkien maż-żewġ Persuni l-oħra tat-Trinità fl-iktar parti importanti tal-arzella, bil-Madonna u San Ġużepp fuq kull naħa. Dawn, imbagħad, mill-ġdid huma mdawrin bil-qaddisin titulari ta' Għawdex, u magħhom ukoll Sant'Ursola, Patruna ta' Għawdex flimkien ma' San Ġorġ, San Publiju u Sant'Agata, Patruni ta' Malta, Sant'Indrija, is-Sekondu Patrun tal-Fontana, u San Franġisk minn Paola. Il-benefattur ta' din l-arzella kien Ġorġ Saliba 'il-Ħaxxiex'. Hawn, San Ġorġ, li jidher fil-parti ta' isfel tal-lemin tal-kwadru qed jitkellem ma' San Publiju, jidher bilqiegħda fuq is-sħab, liebes l-armatura ta' suldat u b'wiċċ tassew żagħżugħ, bl-elmu u l-palma f'idu u bid-dragun taħt riġlejh.

**San Lawrenz**



Anki r-raħal ta' San Lawrenz għandu rabtiet qodma mal-Parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex. Wara kollox, it-tnejn għandhom qaddis martri bħala titular.

Il-koppla ta' Ġużè d'Amato hija unika minħabba fis-sura u d-dimensjonijiet tagħha, u tista' titgawda minn ħafna postijiet f'din ix-xaqliba tal-punent ta' Għawdex. Il-proġett tal-pittura tagħha, għal darb'oħra tal-artist Għawdxi l-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, ġie inawgurat fl-1 ta' Awwissu 1995, wara xogħol ta' tliet snin. Il-koppla hi mqassma f'sittax-il felli, f'kumplimentarjetà mal-qafas arkitettoniku mibni fuq sittax-il kolonna kbira li jirrepetu ruħhom sal-lanterna. Is-sittax-il kwadru fil-koppla jirrappreżentaw

qaddisin żgħażagħ martri tal-Knisja. It-tmien figuri weqfin jirrappreżentaw tmien qaddisin, erba' nisa u erbat irġiel, li wrew qlubija fil-martirju tagħhom: ibda minn San Lawrenz, u mbagħad Santa Katerina ta' Lixandra, Santa Margerita ta' Antjokja, Santa Luċija ta' Sirakuża, Sant'Ursola, San Ġorġ, San Bastjan u San Ġustinu. Jalternaw bejniethom imbagħad hemm tmien dekorazzjonijiet ta' stil Barokk li fiċ-ċentru tagħhom l-artist poġġa fi speċi ta' medaljuni l-uċuħ ta' tmien qaddisin martri oħra: San Iġinu, San Kaju, San Klement, San Feliċ I, San Tarċisju, Sant'Anjeże, Santa Marija Goretti u San Pankrazju. Dawn kollha flimkien jirrappreżentaw iż-żgħożija safja tal-Knisja Martri.

Għal darb'oħra hawn naraw lill-qaddis tagħna Ġorġi, fl-iprem taż-żgħożija tiegħu u b'ħarsa kemxejn imqita, liebes l-armatura ta' tribun Ruman u mantar ħamrani b'panneġġ dettaljat, b'id waħda jross mal-armatura ta' fuq sidru l-palma tar-rebħa, u bl-oħra jżomm xabla li tinfed ras id-dragun taħt riġlejh.



**Il-Munxar**

Il-Munxar hu wieħed mill-irħula żgħar ta' Għawdex u l-iżgħar parroċċa fl-età. It-titular tal-Knisja parrokkjali ddedikata lin-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl (1927) hu xogħol Robert Caruana Dingli (1882-1940), li f'Għawdex ħalla bosta xogħlijiet.

Iż-żewġ kwadri li l-istess artist ħadem fuq kull naħa tal-kwadru titulari huma rappreżentazzjonijiet taż-żewġ Patruni ta' Għawdex, San Ġorġ u Sant'Ursola. Fil-każ ta' San Ġorġ fuq ix-xellug, li tpitter fl-1920 u jġib il-firma tal-awtur, għal darb'oħra l-artist fl-ikonografija użata għażel li jikkupja l-istatwa titulari ta' San Ġorġ tar-Rabat ta' Għawdex. Hawn kemm il-kuluri u kemm id-dettalji huma iktar fidili lejn l-oriġinal ta' Azzopardi, f'dik il-qagħda Neoklassika tiegħu. Din il-pittura aktarx toqrob ħafna lejn kif setgħet kienet tidher l-istatwa msemmija qabel l-artist Ġużeppi Briffa reġa' messha fl-1943, u allura għandha valur kważi fotografiku. Kif insibu mniżżel fl-istess pittura, il-kwadru tħallas minn Dr Alfredo Refalo, Reġistratur, li kien mill-Belt Victoria, u dan kien fi żmien ir-Rettur Dun Spir Gauci, billi l-Munxar kien għadu jagħmel ma' Ta' Sannat bħala parroċċa. Maġenb riġlejn il-qaddis hemm ukoll arma li, milli sajt nifhem, tinkorpora fiha, fost l-oħrajn, l-armi tal-familji Refalo u Gauci, il-benefattur u r-Rettur, għalkemm il-ħuġġieġa u l-wiċċ ta' bniedem jonfoħ lejn siġra ma jagħmlu parti mill-ebda waħda mill-armi taż-żewġ kunjomijiet.

**Iż-Żebbuġ**

Żgur li l-aktar xbieha 'moderna' u f'ċertu sens innovattiva ta' San Ġorġ li nsibu fi knisja parrokkjali f'Għawdex hi dik meqjuma fis-Santwarju arċipretali tal-Assunta fiż-Żebbuġ.




Din l-opra artistika hi xogħol ta' Emvin Cremona (1919-1987) u hi wieħed minn par kwadri laterali mpittra fl-1947 li jinsabu fuq kull naħa tal-Altar ta' San Pawl, fil-kappellun laterali fuq il-lemin tal-maġġur. Pariġġu, fuq ix-xellug tal-altar, hemm il-kwadru ta' Sant'Ursola, u għalhekk nifhmu li l-għan għal darb'oħra kien li jiġu rraffigurati ż-żewġ Patruni ta' Għawdex. Dan San Ġorġ aktarx ġie kkummissjonat mill-Arċipriet Francesco Mercieca, li kien devot kbir tal-qaddis, u sar b'donazzjoni ta' Salvu u Grezzja Saliba, bħalma tixhed l-arma fit-tarf ta' isfel tax-xellug.

Interessanti ferm li Cremona f'din il-knisja għandu ċiklu sħiħ ta' kwadri, li huma fost l-aktar kummissjonijiet bikrin tiegħu għal knisja; hu kien għadu qed jistudja, fil-fatt kien fl-aħħar sena fi Slade School, Londra. Ix-xogħlijiet ta' Emvin Cremona, meqjus fost l-aqwa artisti Maltin tas-seklu għoxrin, għandhom stil partikulari ħafna u jintgħarfu l-aktar mill-figuri mtawlin u l-użu paletta ta' lwien qawwija, għalkemm hawn fil-kwadru ta' San Ġorġ għandna karatteristiċi iktar 'tradizzjonali', waqt li jispikka l-kulur aħdar. Il-qaddis, kjarament f'raffigurazzjoni militari, jidher ħiereġ minn sfond arkitettoniku b'disinni ta' żewġ anġli fit-truf tal-arkata li hemm fuqu. F'idu l-waħda jżomm il-korazza kbira lewn il-bronż, waqt li fl-oħra qed iżomm bi kburija l-istendard tar-rebħa bil-bandiera tas-salib aħmar fuq sfond abjad, l-ilwien ta' Kristu Rxoxt – li mbagħad saru tal-bandiera Ġorġjana, għax San Ġorġ hu qaddis tal-Għid –, imma wkoll tal-Ingilterra li tagħha kienet kolonja Malta f'dan iż-żmien. Għalkemm naraw id-denb u l-ġwienaħ tad-dragun taħt riġlejn in-nobbli suldat rebbieħ, wiċċ il-bhima bilkemm jidher, ħlief għall-parti ta' fuq tal-lanza tinfidlu rasu.

**Anki fis-Santwarju Ta' Pinu**

Għalkemm mhijiex parroċċa, għażilt li f'din il-lista ta' xbihat impittra ta' San Ġorġ f'Għawdex ninkludi wkoll dik li nsibu fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, fl-Għarb, u li aktarx ftit devoti ta' San Ġorġ jafu biha. F'dan it-tempju monumentali ddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija, ma nsibux daqstant pitturi imma mużajċi, li jikkumplimentaw ix-xogħol arkitettoniku mirqum fil-ġebla Maltija.

Matul il-korsija kollha nsibu ċiklu ta' tnax-il kwadru rettangolari tal-mużajk



fuq iż-żewġt iġnub ta' sitt niċeċ tal-Appostli, li wieħed jilmaħ bejn it-twieqi u l-arkati. Sitta minn dawn il-mużajċi jirrappreżentaw mumenti mill-ħajja ta' Marija, ieħor l-Inkurunazzjoni tagħha mit-Trinità Qaddisa, u l-aħħar ħamsa huma invokazzjonijiet mil-Litanija Lawretana. Dawn il-mużajċi ġew inawgurati fl-1945, wara li nħadmu l-Italja fuq l-oriġinali mpittra biż-żejt fuq it-tila mill-artist Malti Ġużeppi Briffa (1901-1987). Ma nafux eżatt fejn kienet il-fabbrika tagħhom, għalkemm meta l-kwadri preparatorji ttieħdu għar-restawr, instab miktub fuqhom li għaddew mid-"Dogana di Livorno". Dan ir-restawr sar bejn l-2010 u l-2013 minn Dun Charles Vella u Joanna Hili Micallef, bħala parti minn proġett b'fondi Ewropej li kien iġib l-isem "Niskopru turiżmu kulturali u reliġjuż f'Għawdex", u issa dawn jistgħu jitgawdew fis-swali tas-Sagristija tas-Santwarju. L-ilwien ta' dawn il-kwadri huma ħajja u ferrieħa, il-figuri surreali, waqt li l-istil huwa eklektiku, Romanesk bħal dak tal-knisja, u mħallat xi ftit mal-istil Liberty, kif kienet il-moda tal-epoka.
Il-kwadru tal-mużajk li jinteressana hu dak li jirrappreżenta l-invokazzjoni litanika lill-Verġni Marija bħala Sultana tal-Martri, u dan insibuh fuq il-lemin tan-niċċa bl-istatwa tal-Appostlu San Mattew, waqt li fuq ix-xellug hemm il-kwadru tas-Sultana tal-Appostli. Tarah malli tidħol mill-bieb prinċipali tas-Santwarju u tħares fl-għoli fil-korsija fuq il-lemin tiegħek, fuq it-tieni arkata mill-bieb. Hawn San Ġorġ hu l-ewwel wieħed mil-lemin fost tmintax-il qaddis u qaddisa martri, uħud minnhom wiċċhom mhux viżibbli, biex juri l-għadd bla tarf ta' martri li xerrdu demmhom għal Kristu matul elfejn sena ta' storja tal-Knisja. Fin-nofs tal-kwadru, il-Verġni Mbierka, bilqiegħda fuq tron li hu s-Salib ta' Binha, għandha f'idejha l-kuruna u l-imsiemer tal-Passjoni. Fuq rasha l-kuruna ta' Sultana tal-Martri, għax mhux biss Binha Ġesù kien il-Martri per eċċellenza, imma hi stess batiet miegħu dan l-ogħla sagrifiċċju li bih feda l-umanità.

Bħal xi oħrajn, San Ġorġ ukoll jidher bil-palma tal-martirju f'idu; il-lanza li biha qed jisħaq ras id-dragun imħaxken mal-mant tal-Madonna, fil-parti ta' fuq tagħha tinbidel fi stendard li ħaġa tal-iskantament iġorr il-Bandiera msejħa 'tar-Reliġjon', spiss assoċjata ma' San Ġwann Battista u l-Ordni ta' Malta, jiġifieri ta' salib abjad fuq sfond aħmar. Jista' jkun li l-artist qaleb il-bnadar, għax il-bandiera tal-Irxoxt li soltu naraw f'idejn San Ġorġ minflok hu qegħidha f'idejn Sant'Ursola, fit-tarf l-ieħor tal-ġemgħa tal-martri.

**San Ġorġ maħbub mill-Għawdxin**

Hemm xi elementi komuni bejn il-pitturi kollha li rajna. F'kollha, San Ġorġ jidher liebes l-uniformi militari ta' uffiċċjal Ruman, hu li kien tribun irrispettat fl-armata ta' Djoklezjanu. Fil-pitturi kollha l-qaddis jidher wieqaf, aktarx fuq blata, inkella bilqiegħda fuq is-sħab tas-sema. Hi assenti għalkollox il-figura taż-żiemel abjad li nsibuh warajh jew bil-qaddis riekeb fuqu fi xbihat oħra, għalkemm il-preżenza tad-dragun xorta turi rabta mal-leġġenda famuża meħuda mill-kitbiet tal-Isqof Jacobus de Voragine. F'kull pittura li rajna fil-fatt jidħol id-dragun, simbolu tax-xitan u l-ħażen li fuqu jirbaħ il-qaddis u minnu jiddefendi lill-Knisja ta' Kristu.



Ta' interess partikulari hu kif tnejn mill-artisti li semmejna – Lazzru Pisani fil-Fontana u Robert Caruana Dingli fil-Munxar – jagħżlu li jirraffiguraw lill-qaddis f'xebh kbir ma' kif jidher fil-kapolavur imnaqqax fl-injam minn Pietru Pawl Azzopardi fl-1839 għall-Knisja parrokkjali tiegħu fil-Belt Victoria, l-ewwel statwa titulari ta' Għawdex. Huwa ċar li l-'ikona' ta' San Ġorġ ta' Azzopardi ħalliet impatt deċiżiv fil-perċezzjoni ta' kif artisti lokali oħra ppreżentaw lill-istess qaddis martri fix-xogħlijiet tagħhom, u mhux biss statwi imma anki pitturi. Għandna wkoll tliet xogħlijiet tal-istess artist – Pawlu Camilleri Cauchi – u fil-fatt, l-għajn kritika, malajr tagħraf ċertu xebh fl-istil u l-ideat meta tqabbel it-tliet pitturi.

Fl-aħħar mill-aħħar, dawn ix-xbihat kollha mpittra ta' San Ġorġ fil-parroċċi Għawdxin huma xhieda ħajja li l-imħabba u l-qima lejh qatt ma kienu limitati biss għall-Knisja parrokkjali tiegħu fil-Belt Victoria, speċjalment minħabba li sa mill-qedem in-nies tal-gżira qimuh bħala Patrun tagħhom. L-Għawdxin minn dejjem ħabbewh lil San Ġorġ, u sabu fih Protettur u interċessur qawwi li fi żminijiet ta' tiġrib ħelishom mill-għawġ.

Bibljografija
ATTARD-HILI Aaron, Paul Camilleri Cauchi. The academic colorista, edited by Fr Charles Cini SDB, Malta 2014.
BEZZINA Joseph, Fontana u ġrajjietha, Għawdex 1986.
BEZZINA Joseph, The Gozo Cathedral and the Cathedral Museum. History and guide (= Gaulitana 18), Gozo 42010.
FARRUGIA Joseph–FORMOSA Michael (ed.), San Ġorġ. Volum enċiklopediku fuq San Ġorġ, martri, Malta 2005.
L-Għajn il-Kbira 17 (Ġunju 1989), Ktejjeb tal-Festa tal-Parroċċa tal-Fontana.
Madonna Ta' Pinu 156 (Jannar-Marzu 2011); 166 (Lulju-Settembru 2013); 168 (Jannar-Marzu 2014), Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.
San Lawrenz u l-Knisja tiegħu. 1897-1997, Ktejjeb ta' tifkira maħruġ mill-Kumitat Festi Ċentinarji, San Lawrenz 1997.

L-awtur iżid irodd ħajr ukoll lill-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, Dun Gerard Buhagiar, Tiziana Castillo, Ray Grech, Salvatore Iozzi, Dun Michael Said u JJP Zammit għall-użu tar-ritratti ma' dan l-artiklu.

**Il-Banka tal-Lottu Nru 66**

*tal-Għaqda Mużikali*
*San Ġorġ Martri*
*tawgura l-Festa t-Tajba*
*lill-klijenti kollha.*



GUIDO VELLA
CASH & CARRY

Amleto Spiteri street, Qormi
2144 6496 - 9940 6471



# Rekordings tal-Banda San Ġorġ Martri matul is-snin disgħin.

**Is-Sur Daniel Vella**
**Preżentatur - Marċifest Productions**

Sa mill-bidu tagħha, il-Banda San Ġorġ Martri bdiet tieħu sehem fil-festa titulari ta’ San Ġorġ Martri kif ukoll fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira quddiem il-vara ta’ Kristu fl-Ort . Kien imbagħad mill-1936 li l-banda ħadet postha quddiem il-Vara l-Kbira kif għadha sal-lum il-ġurnata. L-istess banda Ġorġjana sa mill-1895 bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni ta’ Kristu Rxoxt tant li fl-1924 Mro Nikola Montebello ikkompona l-famużi valzi u marċi għal din il-purċissjoni, sett ta’ sebgħa li għadhom meqjusin bħala fost l-aqwa valzi/marċi f`dan il-ġeneru mużikali.
Dawn it-tliet servizzi annwali huma ta’ importanza kbira fil-kalendarju tal-banda anki mill-aspett ta’ rekordings mużikali li saru matul is-snin mill-istess banda.
Permezz ta’ dan l-artiklu ser nagħti ħarsa lejn żewġ settjiet ta’ marċi tal-festa li saru fl-1991 u fl-1993. F’dak iż-żmien il-banda kienet tirrekordja sett ta’ marċi brijużi kull sentejn.

**Is-Sett tal-Marċi - 1991-1992.**

Dan is-sett inħareġ f’casette tape maqsum f`żewġ partijiet u kien jiġbor fih dawn il-marċi:

**L-Ewwel Parti**

| | |
|---|---|
| *Innu Popolari San Ġorġ M.* | *Mro Giuseppe Camillieri* |
| *Patfremar* | *Chev Mro Abel J.Mizzi* |
| *Neloup* | *Mro Archie Mizzi* |
| *Ryanne* | *Mro Henry Attard* |
| *250 Anniversarju* | *Mro Vincenzo Ciappara* |
| *Little Shawn* | *Chev Mro Abel J.Mizzi* |
| *La Corrida* | *Mro Archie Mizzi* |

**It-Tieni Parti**

| | |
|---|---|
| *Il-President il-Ġdid* | *Mro Emmaunel Bugeja* |
| *Manweli* | *Il-Maġġur Anthony Aquilina* |
| *Elrenia* | *Mro Brian Bugeja* |
| *Mary Louise* | *Mro Joseph Sammut* |
| *Paul Rose* | *Mro George Aquilina* |

*Come on the Stripes* — *Il-Maġġur Anthony Aqulina*
*Innu Marċ Banda San Ġorġ Martri* — *Mużika u Kliem ta' Chev. Mro Abel J. Mizzi*
*Innu tal-Banda San Ġorġ Martri* — *Muzika ta' Mro Anton Muscat Azzopardi*
*Versi ta' Dr George Zammit*




F'dan ir-rekording, flimkien mal-Banda San Ġorġ Martri kien ħa sehem il-kor Exsultate Domino taħt id-direzzjoni ta' Rev. Dun Joe Bartolo. Dar-rekording sar ġewwa Boffa Studios ta' 26, Triq Ħaż-Żabbar, Paola. Il-banda kienet taħt id-direzzjoni ta' Mro Chev. Abel J. Mizzi.

**Is-Sett tal-Marċi – 1993-1994**

Fl-1993 L-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri ċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha. Fl-istess sena saru festi kbar u kien xieraq li jsir sett ta' marċi ġodda għall-festa li nħareġ ukoll fuq casette tape maqsum f`żewġ partijiet.
Dan is-sett ta' marċi brijużi jinkludi:

**L-Ewwel Parti**

*F`Għeluq il-Mitt Sena* — *Chev Mro Abel J.Mizzi*
*Lill-Fundatur Giuseppe Farrugia* — *Mro Archie Mizzi*
*Lill-Bandisti u Soċji tal-Werqa* — *Mro Henry Attard*
*Żgħażagħ Werqisti* — *Mro Mario Testa*
*Festa San Ġorġ Association Toronto* — *Mro Archie Mizzi*

**It-Tieni Parti**

*Lill-Attivisti Soċji Nisa* — *Chev Mro Abel J.Mizzi*
*Il-Bandalora l-Ġdida* — *Mro John Theuma*
*7 ta' Ottubru 1893* — *Mro Archie Mizzi*
*Lis-Surmastrijiet Diretturi tas-Socjetà* — *Mro Ray Sciberras*
*Lill-Presidenti tas-Soċjetà* — *Mro Alfred Farrugia*




Ir-rekording ta' dan is-sett ta' marċi brijużi sar ukoll taħt id-direzzjoni ta' Mro Chev. Abel J. Mizzi f'Boffa Studios, Paola .

Dawn ir-rekordings huma parti mill-istorja tal-Banda San Ġorġ Martri, storja li minnha nnifisha hi waħda nostalġika għax tfakkar lill-ħafna membri u partitarji tal-Għaqda f`ħafna ferħ u suċċess li kellha l-banda tul dawn il-125 sena ta' storja.

Il-mumenti feliċi u ta' glorja għal din il-banda tal-Werqa minsuġa f`paġni sbieħ huma xhieda ta' banda mibnija fuq il-passat glorjuż tagħha. Mija u ħamsa u għoxrin sena ta' impenn, għaqal, ħidma u sagrifiċċji li taw il-frott lejn suċċessi u sodisfazzjon kbir li din il-banda Qormija kellha matul dawn is-snin..

Awguri lill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri




Il-bank tiegħek
fil-qalb tal-komunità
L-HSBC huwa l-bank li jinsab fil-qalba tal-komunità tiegħek. B'għarfien internazzjonali u esperjenza lokali, aħna nistgħu ngħinuk tieħu ħsieb aħjar il-finanzi tiegħek. Il-fergħat tagħna huma miftuħin kuljum f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, b'xi wħud mill-fergħat joffru wkoll servizz ta' filgħaxija.
Għalhekk ejja żurna u flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek. L-impjegati tagħna, kollha mħarrġa fil-customer service u mmexxija minn branch manager b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju jinsabu ħerqana biex ikunu ta' servizz għalik.
ĊEMPEL 2380 2380
ŻUR hsbc.com.mt
MUR fl-eqreb fergħa
HSBC
Nirnexxu flimkien
Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444. 100794 – 02/2018



**Kav. Marco Spiteri Binett**

Id-delegazzjoni Maltija tal-Ordni Sagru Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ, ilha bosta snin tiġi mistiedna mill-Wisq Reverendi Arċiprieti sabiex tipparteċipa fit-transulazzjoni u l-vespri lejliet il-festa ta' San Ġorġ Martri fil-parroċċa ta' Ħal Qormi.

L-Ordni Sagru Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ huwa Ordni tal-Kavallieri antik u rikonoxxut internazzjonalment; San Ġorġ Martri huwa l-qaddis patrun tal-istess ordni. Sa mill-oriġini l-aktar remoti, l-ordni wettqet ħafna xogħol għall-glorifikazzjoni tas-salib, l-evanġelizzazzjoni, it-tkattir tal-fidi u d-difiża tal-Knisja Kattolika Rumana. Fil-fatt kienu ħafna Papiet tal-Knisja Rumana li esprimew gratitudni tul iż-żminijiet; evidenza ta' dan huma diversi merti speċjali mirbuħa fil-Lvant. Il-Granmastru u l-kap tal-familja rjali ta' Bourbon, Due Silcilie huwa l-altezza tiegħu l-prinċep Charles ta' Bourbon Due Silcilie, Duka ta' Kastro.

Bħala Granmastru tal-Ordni Sagru Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ , jippromwovi u jikkordina l-attivitajiet umanitarji u kulturali ta' din l-ordni tal-Kavallieri antika. Hija ordni tal-kavallieri mid-dinastija tal-Borboni ta' Napli.

Il-qdusija tiegħu l-Papa appunta lil Emminenza tiegħu Raffaele Kardinal Martino Protodekan bħala kardinal protettur u Gran Prijur.

Id-delegazzjoni Maltija tal-ordni li twaqqfet fl-1995, hija preżentement magħmula minn 35 membru fosthom dixxendenti min-Nobiltà ewlenija Maltija u anke mhux. Kienu ħafna l-Qriema li waqqfu membri sabiex jistaqsu fuq l-ilbies u l-aċċessorji, għalhekk kien maħsub li tkun ħaġa xierqa li jingħata ftit tagħrif fuq xi simboli u lbies li jġorru dawn il-Kavallieri.

Fis-sena 312 AD, ftit snin wara l-martirju ta' San Ġorġ, l-Imperatur Kostantinu l-Kbir, lejliet it-taqbida li waslitu għar-rebħa fejn il-pont Milvio f'Ruma, kellu viżjoni ta' salib u l-kliem ''in hoc signo vinces''(f'dan is-sinjal tirbaħ). Huwa ordna labarum (standard b'bandalora kwadra imdendla ma' virga orizzontali mwaħħla ma' lanza vertikali) maħdum fuqha l-monogramma Grieg XP (Christos). L-armati tiegħu rebħu lil dawk ta' Maxentius u b'hekk waqfet il-persekuzzjoni tal-insara f'Ruma. Minn hemm 'il quddiem l-Italja saret Nisranija u aktar tard l-Ewropa kollha ta' dak iż-żmien.

Bla dubju, is-salib huwa l-aktar simbolu importanti u li jispikka fuq il-Kavallieri tal-Ordni Sagru Militari Kostantinjan ta' San Ġorġ.

Is-salib prinċipali huwa fil-forma li fl-araldika hi magħrufa bħala "flory" jew fjurit għaliex għandu t-truf f'din il-forma. Dan huwa s-salib li Kostantinu ra fil-viżjoni f'Saxa Rubra qabel it-taqbida.

Fuq l-erba' ponot tas-salib wieħed jista' jara' l-inizjali H. S. V., b'referenza mal-viżjoni li Kostantinu ra "IN HOC SIGNO VINCES" (f'dan is-sinjal tirbaħ). Dan huwa wkoll il-motto tal-ordni.

Fin-naħa ta' ġewwa tal-parti mimduda, fuq iż-żewġ partijiet tan-nofs tas-salib, wieħed jinnota l-inizzjali bil-Grieg A u Ω, l-Alpha u l-Omega; l-ewwel u l-aħħar ittri tal-alfabett Grieg. Il-bidu u t-tmiem, referenza għal Kristu fil-ktieb tal-Apokalissi (vers 1:8, 21:6 u 22:13)

In-naħa ta' fuq tas-salib, kważi l-istess qies tal-bażi, wieħed jinnota l-monogramma XP, Chi – Rho li tfisser Christos.

Minn dawn is-simboli li ssemmew, wieħed jinnota l-ispiritwalità profonda rappreżentata fuq dan is-salib tal-ordni. Il-Kavallieri tal-ordni kollha jilbsu dan is-salib madwar għonqhom. Dan is-salib tal-għonq jintlibes mal-kappa u fuq ilbies formali. Hemm tliet verżjonijiet differenti tas-salib tal-għonq. Is-salib deskritt aktar qabel, imdendel ma' żigarella ta' lewn ikħal ċar li jintlibes mill-kategorija tal-Mertu. Is-salib imdendel minn kuruna u żigarella huwa milbus mill-kategorija tal-Grazzja, filwaqt li s-salib imdendel minn żigarella, trofew u kuruna jintlibes mill-kategorija tal-Ġustizzja.

Hija drawwa tal-kavallieri li tintlibes kappa jew mantell waqt ċerimonji ekkleżjastiċi. Din il-kappa ta' lewn ikħal ċar u kullar ħamrani skur, li tinfetaħ minn quddiem, tgħatti l-ġisem kollu mill-ispalla sa taħt l-irkoppa. Il-kategorija tal-Merti jilbsu kullar aħmar biss, filwaqt li l-kullar aħmar b'faxxi lewn id-deheb jintlibes mill-kategorija tal-Grazzja. Kappa b'kullar aħmar irrakmat bid-deheb tintlibes mill-kategorija tal-Ġustizzja. Salib kbir tal-ordni jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-mantell ta' kull kategorija.

Il-bandiera tal-Ordni u d-Delegazzjoni Maltija tiġi fil-forma ta' standard. Dan juri s-salib tal-ordni kbir irrakmat lewn id-deheb fuq bażi bajda, imżejna ukoll bid-deheb, fuq bandalora mdendla mill-lasta l-mimduda tal-istandard. Il-kruċetta hija forma tas-salib tal-ordni magħmula mir-ram.

# Kav. Mro Abele.J Mizzi

**MRO ABELE J MIZZI** twieled nhar it-28 ta' Settembru tal-1924, f'Ħal Qormi, wieħed minn ħames ulied Franġisku Saverio u Victoria née Stivala. Ħa l-ewwel tagħlim tiegħu fl-iskola tas-sorijiet Agostinjani u kompla l-istudji tiegħu fl-iskola tal-gvern u fil-kulleġġ De La Salle. Fl-età ta' għaxar snin beda l-istudji mużikali tiegħu fl-iskola tal-mużika tal-Każin San Ġorġ Martri taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Angelo Pullicino liema studji kellu jwaqqaf minħabba l-gwerra. Fi tmiem il-gwerra ssokta bl-istudji mużikali tiegħu taħt l-assistent surmast Saver Gatt. Fis-sena 1947 iddebutta bħala bandist mal-Banda San Ġorġ Martri.

Barra s-sehem tiegħu bħala bandist, Mro Mizzi ta s-sehmu wkoll fit-tmexxija tal-Għaqda fejn serva għal numru ta' snin bħala d-delegat tal-banda. Fl-1958 serva wkoll bħala aġent president tal-Għaqda. Is-Surmast Mizzi kompla bl-istudji mużikali tiegħu għand is-surmast Carmelo Pace u fl-1958 kiseb id-Diploma A. Mus. L.C.M. Fl-1953 inħatar assistent surmast tal-Banda San Ġorġ Martri waqt li għaxar snin wara, f'Diċembru tal-1963, inħatar bħala s-surmast direttur tal-Banda San Ġorġ Martri.

Mro Mizzi dderieġa l-banda għall-ewwel darba nhar Ħadd il-Palm tas-sena 1964. Taħt id-direzzjoni tiegħu l-banda għamlet passi ta' ġgant. Fis-snin sittin ikkompona t-tliet innijiet li bihom jiddaħlu l-aħħar tlett vari fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Fis-sena 1967 introduċa l-ewwel bandisti nisa fil-baned Maltin. Is-sehem tal-banda fi żmien il-festa titulari ta' San Ġorġ Martri żdied minn tlieta għal seba' servizzi u beda jsir mil-ġdid il-programm ta' lejliet il-festa. Il-qofol tal-ħidma tiegħu wasal fis-sena 1983 meta l-banda diretta minnu rebħet il-konkors nazzjonali tal-baned, l-għola unur nazzjonali li tista' tikseb banda Maltija.

Is-Surmast Mizzi, barra l-Banda San Ġorġ Martri, kien ukoll is-surmast direttur ta' diversi baned oħra fosthom, il-Banda Trinità Qaddisa tal-Marsa, il-Banda Lourdes ta' Raħal Ġdid (bħala l-ewwel surmast) u s-Soċjetà La Stella Levantina ta' Ħ'Attard. Għal numru ta' snin kellu f'idejh it-tmexxija artistika tas-Song Contest li kien jittella' miż-Żgħażagħ Ħaddiema Insara; tal-Anici Song Festival (1970) kif ukoll il-Qormi Song Festival (1982, 1983 u 1984). Fis-sena 2002 kien magħżul bħala surmast temporanju tal-banda tal-Pulizija.

Mro Mizzi ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar il-21 t'April 2018. Il-legat tiegħu huwa wieħed dejjiemi. Fl-arkivju tal-Għaqda jinsabu numru kbir ta' valzi, marċi brijużi, marċi funebri, innijiet sagri, sinfoniji u fantasiji mużikali; xogħolijiet mużikali ta' dan l-iben denju tal-Belt Pinto.




FILARMONICA S. GIORGIO
CURMI



# B'Ġorġi Aħna Mkabbrin Ġawhra Tagħna l-Maltin!

**Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.**

Sena oħra taret u maż-żmien għaddejjin aħna wkoll. Nibda l-artiklu tiegħi ta' din is-sena billi nsellem lis-Surmast Abel J. Mizzi li l-Mulej bagħat għalih propju fil-jiem tal-festa liturġika tal-patrun tagħna San Ġorġ Martri. Ċert illi f'paġni oħra ser tingħata tislima xierqa lil dan il-mużiċista, imma b'mod personali xtaqt insellimlu. Madwar għoxrin sena ilu, meta lanqas kont noħlom illi għad insir Qormi, kont bdejt indoqq bħala bandist barrani mal-Banda San Ġorġ Martri. Dak iż-żmien kien jaqlagħni Mro Mario Testa li kien l-Assistent Surmast, u nistqarr illi mis-Surmast Abel tgħallimt ħafna waqt il-provi b'dik is-serjetà li kien irieġi biha. Niftakar il-kunċerti impenjattivi li kien jippreżenta flimkien mal-bandisti tal-Banda San Ġorġ Martri. Niftakar f'wieħed mill-programmi konna daqqejna l-"Marinarella" u selezzjoni mill-Opra "Turandot". Insomma, memorji li ma jintesew qatt.

Din is-sena ħsibt sabiex għal dan l-artiklu nagħmel riċerka ċkejkna b'dawra madwar pajjiżna; Malta u Għawdex u nibdew naraw daqsxejn it-toroq illi hawn imsemmija għal Ġorġi Tagħna. Nistqarr illi naf kemm hawn devozzjoni lejn dan il-qaddis partikolari, imma qatt ma ħsibt illi huwa wieħed mill-aktar illi għandu toroq imsemmija għalih f'pajjiżna. Ovvjament, nibdew b'**Ħal Qormi**. Kif mistenni, fil-belt Pinto li tagħha San Ġorġ huwa l-patrun, insibu Triq San Ġorġ. Mhux hekk biss, imma nsibu Sqaq San Ġorġ, Trejqa ta' San Ġorġ, Triq Anici, Triq id-Dragun, Triq it-23 ta' April, Triq Kappadoċja u Triq Lydda. B'xi mod, dawn l-ismijiet kollha huma marbutin ma' Ġorġi Tagħna. Naqsmu l-fliegu u nżuru l-Belt Kapitali Għawdxija, ir-**Rabat Għawdex, il-Belt Vittorja**. Hawn insibu Pjazza San Ġorġ ħdejn il-Bażilika Ġorġjana, Triq Anici, Triq it-23 ta' April, Triq Qasam San Ġorġ, Triq San Ġorġ, Erba' Sqaqien fi Triq San Ġorġ u Wesgħa San Ġorġ tal-Ħaġar. Ma tantx hemm spjegazzjonijiet għal dawn l-ismijiet. Ilkoll nafu t-23 ta' April xi tfisser; ilkoll nafu li "Anici" huwa marbut b'mod intrinsiku mal-familja ta' Ġorġi; fil-fatt nirreferu għalih bħala San Ġorġ Anici; kunjom il-ġens ta' San Ġorġ.

Rigward San Ġorġ tal-"Ħaġar" nifhmu isem Medjevali li jirreferi għall-inħawi kollha fejn tinsab statwa, simili ħafna ta' "San Ġorġ Rebbieħ" illi jintrama fil-festa Ġorġjana Għawdxija. Din l-istatwa tinsab fl-aktar parti antika tal-Belt Vittorja.

"Ħaġar", jekk tittieħed b'mod letterali tfisser "ġebel kbir", madankollu skont l-Istoriku Pawlu Mizzi, din in-naħa hija msejħa "tal-Ħaġar" għaliex minnha ħareġ ir-Rabat tal-lum. Id-daqs tagħha, meta mqabbla ma' niċeċ oħra fit-toroq Maltin u Għawdxin hija pjuttost kbira u turi d-devozzjoni antika li San Ġorġ kellu fil-qalba tal-belt kapitali Għawdxija. Din in-niċċa tat l-isem lill-akkwati u rnexxielha żżomm isimha minkejja l-aġġornament taż-żminijiet.

L-Għolja Xebb ir-Ras fejn illum hemm il-**Belt Valletta** kienet parti minn Ħal Qormi sal-1570 meta twaqqfet l-ewwel parroċċa Beltija, dik tal-Madonna tal-Portu Salvu u San Duminku. Sena wara twaqqfet il-Parroċċa tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Triq ir-Repubblika kienet magħrufa bħala Triq San Ġorġ, u sal-lum, il-misraħ ewlieni ta' pajjiżna, quddiem il-Palazz tal-Gran Mastru, l-Armerija, illum il-Palazz tal-President, għadu sal-lum imsemmi Misraħ San Ġorġ. Seħħew diversi ġrajjiet f'dan il-misraħ ewlieni, imma nistgħu nsemmu l-15 ta' April 1942, madwar ġimgħa qabel Jum San Ġorġ ta' 76 sena ilu, qalb it-tifrik tat-Tieni Gwerra Dinjija, meta Malta ngħatat il-George Cross, is-Salib b'San Ġorġ Rebbieħ fuq iż-Żiemel fuqu u llum jifforma parti mill-bandiera nazzjonali ta' pajjiżna.

Ninżlu 'l isfel f'pajjiżna lejn **Birżebbuġa** raħal twelidi. L-eqdem binja fin-naħa t'isfel ta' pajjiżna u f'dan il-lokal ta' San Pietru Appostlu hija l-kappella Medjevali ddedikata lil San Ġorġ Martri; u din il-kappella tat l-isem lil din l-akkwata ta' Birżebbuġa. Fil-fatt, fil-Qajjenza nsibu x-Xatt ta' San Ġorġ, quddiem il-kappella nfisha hija magħrufa bħala l-Bajja ta' San Ġorġ, u ftit lil hinn hemm ukoll Triq San Ġorġ, telgħa qasira iżda sidrija ġmielha u r-reffiegħa jkollhom biċċa xogħol sabiex itellgħu l-istatwa titulari minnha f'nhar il-festa. Fil-**Belt Cospicua, Bormla**, il-Belt tal-Immakulata Kunċizzjoni nsibu Triq San Ġorġ ukoll, imma mhux biss. Niltaqgħu mal-klabb tal-futbol, "St. George's Football Club" u s-Soċjetà Filarmonika San Ġorġ ta' Bormla. Tant huwa hekk, illi l-arma ta' din is-soċjetà mużikali hija San Ġorġ fuq iż-Żiemel, u l-istandard u l-bandiera maġġura huma ta' kulur aħmar, naturalment sabiex juru l-kulur ta' San Ġorġ illi s-soċjetà kburija ġġib ismu.

Jekk naqsmu lejn **Ħal Għaxaq** nintebħu li hemm kemm Triq San Ġorġ kif ukoll Misraħ San Ġorġ f'dan il-lokal ta' Marija Mtellgħa s-Sema. Hekk ukoll f'**Ħal Għargħur**, ir-raħal tat-tramuntana ddedikat lil San Bartilmew l-Appostlu, magħruf illi jqabbel l-imfietaħ tax-xita nhar l-24 ta' Awwissu, niltaqgħu ma' Triq San Ġorġ. Aktar kmieni semmejna l-parroċċa ta' San Pietru Appostlu, Birżebbuġa. **Ħal Luqa** hija ddedikata lil ħuh, l-Appostlu Sant'Andrija; villaġġ viċin il-Belt Pinto u jiċċelebraw il-festa titulari ta' *ħu Pietru u sieħbu fil-Martirju* ġimgħa wara San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Hawn ukoll niltaqgħu ma' Triq San Ġorġ u hija triq pjuttost ċentrali. Hekk ukoll f'**Ħal Safi**, il-post iddedikat lill-Konverżjoni ta' San Pawl.

Iktar kmieni semmejna Bormla. Ejjew immorru sal-**Birgu**, magħrufin għall-imħabba li għandhom lejn San Lawrenz Levita u Martri, il-Patrun tagħhom. Huma l-unika statwa titulari f'Malta li mhix indurata. Mhux għax ma kellhomx flus biex jiżbgħuha, imma għax hija manikkin u jlibbsuha dalmatika mill-isbaħ. F'din il-Belt Vittoriosa wkoll niltaqgħu ma' Triq San Ġorġ, bħalma nagħmlu fil-lokal ġar ta' Ħal

Għaxaq, **il-Gudja**, illi bħal Ħal Għaxaq jiċċelebra l-festa titulari tal-15 ta' Awwissu. Il-lokal Karmelitan tal-Gżira wkoll għandu triq iddedikata lill-kbir Martri ta' Lidda bħalma għandhom iż-żewġ lokalitajiet iddedikati lil Marija Bambina u l-festa tal-Vittorji, jiġifieri l-**Mellieħa** u n-**Naxxar**.
Santa Katarina V.M. għexet fl-istess żmien bejn wieħed u ieħor illi għex fih San Ġorġ Martri, iżda f'Lixandra. Għaddiet mill-istess persekuzzjoni u martirju simili ħafna tal-patrun tagħna. Iż-żewġ lokalitajiet iddedikati lilha, iż-**Żurrieq** u ż-**Żejtun**, jew aħjar il-Belt Beland għandhom triq dedikata lil San Ġorġ Martri. Ta' min insellmu wkoll liż-Żrieraq illi din is-sena qegħdin jiċċelebraw il-200 sena mill-miġja tal-istatwa titulari tagħhom, xogħol Marjanu Gerada. Semmejna ż-Żejtun. Il-kappella Ġorġjana ta' Birżebbuġa kienet tagħmel propju maż-Żejtun; forsi b'hekk oriġina wkoll l-isem ta' Triq San Ġorġ f'dan il-lokal?
Sant'Anna, il-mara ta' San Ġwakkin u Omm Ommna Marija hija n-Nanna ta' Ġesù Bambin u hija l-qaddisa patruna ta' **Wied il-Għajn** jew **Marsaskala**. F'dan il-lokal modern insibu wkoll Triq San Ġorġ, bħalma nsibu f'**Raħal Ġdid**, il-lokal maqsum f'żewġ parroċċi bħal Ħal Qormi, imma Ħal Qormi ddedikat lil żewġ martri qalbiena, filwaqt illi Casal Paola jinsab imrieġi mill-Omm u mill-Iben; il-Madonna ta' Lourdes u Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu.



Inkomplu bil-mawra tagħna u mmorru sa **San Ġiljan** u **Paceville**. Minbarra Triq San Ġorġ, f'dawn l-inħawi ddedikati lil San Ġiljan l-Ospidalier insibu wkoll il-Qasam ta' San Ġorġ u bajja fejn jekk irid imur jgħum, Ġorġi Tagħna jista' jagħżel, għax għandu bajja oħra msemmija għalih. Fil-lokal ta' Marija Addolorata, **San Pawl il-Baħar** niltaqgħu ma' Triq San Ġorġ bħalma nagħmlu f'**Santa Venera**, il-villaġġ ġar tal-Belt Pinto u jqim lil Santa Venera stess, qaddisa ferm popolari f'Acireale bħala l-patruna tiegħu. Jekk nerġgħu naqsmu l-fliegu, **Kerċem**, il-lokal Għawdxi

viċin sewwa tar-Rabat għandu Triq Qasam San Ġorġ. Il-Kerċmin iqimu lil Ommna Marija taħt it-titlu tas-Sokkors u lil San Girgor bħala l-patruni tagħhom.
Ippruvajt kemm jista' jkun inkun korrett fir-riċerka tiegħi; madankollu jista' jkun illi bi żvista nsejt xi lokal. Nispera li l-artiklu ta' din is-sena għoġobkom ukoll għeżież qarrejja u forsi napprezzaw iktar kemm l-irħula u l-bliet tagħna taw importanza lil San Ġorġ Martri, anke minkejja li m'għandhomx xi rabta speċjali miegħu. Nawgura minn qalbi lill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri f'għeluq il-125 sena mill-fondazzjoni, u lill-Qriema kollha, lill-Ġorġjani, l-isbaħ awguri għall-festa l-kbira ta' San Ġorġ!

www.stgeorge.org.mt; is-sit uffiċjali tal-Bażilika Ġorġjana Għawdxija


# JOHN'S GARAGE

**Triq il-Vitorja, Ħal Qormi**
**Tel/Fax: 2148 7409**
**Mob: 9946 0564**



(At the back of the ex-Coca-Cola Factory)

*General Motor Repairs*
*Servicing of all types of cars*
*Agents for*
*Weber & Dellorto Car Parts*
*High Performance Tuning Parts*



# DATI IMPORTANTI MILL-ISTORJA TAL-GĦAQDA MUŻIKALI SAN ĠORĠ MARTRI.

**Is-Sur Mario Fenech**

Din is-sena hija waħda importanti fl-istorja tal-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi hekk kif taħbat il-125 waħda minn meta twaqqfet biex tagħti s-sehem sħiħ tagħha fil-festa ta' din il-parroċċa ta' San Ġorġ Martri kif ukoll f'festi u okkażjonijiet oħrajn kemm f'Ħal Qormi kif ukoll barra mir-raħal.

Kienu bosta d-dati li jibqgħu imnaqqxa b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' din l-Għaqda b'waħda minn tal-ewwel tkun dik tal-Ħadd 7 ta' Jannar 1894 meta l-Għaqda ppreżentat l-ewwel programm mużikali tagħha fil-pubbliku taħt id-direzzjoni tas-surmast Giuseppe Portelli. Dan il-fatt huwa konfermat f'rapport li kien deher f'ġurnal lokali.

F'din l-istess sena, il-Banda San Ġorġ Martri daqqet ukoll fit-tliet festi ewlenin li jsiru fil-Belt Valletta, dawk ta' San Pawl, tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Dumniku.



Mis-sena 1895 il-banda bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Qormi quddiem il-vara ta' Ġesù fl-Ort. Dan damet tagħmlu sas-sena 1935 hekk kif mill-1936 bdiet iddoqq quddiem il-Vara l-Kbira.

Fl-istess sena li fiha bdiet iddoqq fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, il-banda bdiet tieħu sehem wkoll fil-purċissjoni ta' tal-Għid il-Kbir. B'hekk is-sena 1895 kienet waħda tassew impenjattiva għall-Għaqda biż-żieda ta' dawn ż-żewġ servizzi f'żewġ purċissjonijiet daqstant importanti.

Bejn is-snin 1920 u 1924, is-Surmast Direttur tal-banda ta' dak iż-żmien Nicolò Montebello li mexxa l-banda bejn is-snin 1906 u 1924, ikkompona s-sett tal-valzi u marċi tal-Għid li għadhom jindaqqu kull sena f'din il-purċissjoni sal-lum.

Fis-6 ta' Mejju 1934 l-Għaqda sabet is-sede tagħha fil-post li għadha fih sal-lum u nhar it-18 ta' Mejju 1984 permezz ta' att notarili, dan il-post inxtara mill-Għaqda.

Fis-sena 1945 il-banda kienet l-ewwel waħda f'Malta li daqqet waqt xandira diretta minn fuq ir-Rediffusion li kien l-uniku mezz ta' xandir dak iż-żmien.

Wieħed mis-suċċessi l-kbar tal-banda inkiseb nhar l-4 ta' Diċembru 1983 meta kisbet l-ewwel post fil-Konkors tal-Banda tar-Repubbilka.

Fis-sena 1993 il-Banda siefret il-Kanada fejn ippreżentat erba' programmi mużikali għall-emigranti Maltin. Din il-mawra fil-Kanada kienet biss parti żgħira minn programm twil ta' attivitajiet li kienet organizzat l-Għaqda biex jiġi mfakkar iċ-ċentinarju mit-twaqqif tagħha.




Is-sena 2018 għandha tkun ukoll waħda li l-istorja tagħha tinkiteb b'ittri tad-deheb. Il-kumitat, il-bandisti, il-membri u l-partitarji flimkien ħadmu qatigħ biex il-programm tal-attivitajiet jkun wieħed imżewwaq u li jixraq sew lil din l-Għaqda bi storja ta' 125 Sena.

Il-festa t-tajba lil kulħadd,





# Kburin Bik

**Is-Sur Sergio Agius**

Kien l-annu elf u tmien mija,
u magħhom tlieta u disgħin.
Meta nħolqot banda ġdida,
Tista' tgħid li bdiet mix-xejn.

Nhar is-sebgħa ta' Ottubru,
b'ħeġġa kbira l-Qormin.
Għal San Ġorġ għamlu dil-banda,
u anke fetħu l-każin.

Rit.: San Ġorġ Martri l-isem tiegħek,
banda b'isem il-Patrun.
Ġorġi itfa' ħarstek fuqna,
kun int tagħna l-bastun.
Mexxina fit-triq tas-sewwa,
dil-banda qatt ma tinsik.
Inti Ġorġi kburi bina,
u tal-Werqa... kburin bik.

X'banda għandhom ta' Ħal Qormi,
hekk bdew jgħidu l-Maltin.
Standard aħmar b'San Ġorġ fuqu,
rebbieħ hu fuq il-ħażin.

Ġużeppi Farrugia kien l-ewwel tarġa,
għax kien hu l-fundatur.
Banda bl-ewwel nisa jdoqqu,
Ġieħ ir-repubblika rebħet l-unur.

Rit.: San Ġorġ Martri l-isem tiegħek,
banda b'isem il-Patrun.
Ġorġi itfa' ħarstek fuqna,
kun int tagħna l-bastun.
Mexxina fit-triq tas-sewwa,
dil-banda qatt ma tinsik.
Inti Ġorġi kburi bina,
u tal-Werqa... kburin bik.

Kemm ħriġt lil San Ġorġ minn niċċa,
quddiem l-Irxoxt fil-Għid il-Kbir.
Takkumpanja l-Vara l-Kbira,
matul is-snin hekk ilu jsir.

Seklu u ħamsa u għoxrin sena,
tpaxxi l-widna b'sinfonija.
Għall-Ħamis inti magħrufa,
għas-sorpriżi imsemmija.

Rit.: San Ġorġ Martri l-isem tiegħek,
banda b'isem il-Patrun.
Ġorġi itfa' ħarstek fuqna,
kun int tagħna l-bastun.
Mexxina fit-triq tas-sewwa,
dil-banda qatt ma tinsik.
Inti Ġorġi kburi bina,
u tal-Werqa... kburin bik.

X'festa nagħmlulek O Ġorġi,
Knisja, armar u nar sabiħ.
Din il-banda dejjem tikber,
biex lilek din tagħti ġieħ.

San Ġorġ inti mnaqqax f'qalbna,
tal-Feddej tajtna t-tagħlim.
Żomm magħquda lkoll fi ħdanek,
l-għaqdiet kollha tal-Qormin.

# Victoria Store

346, Main Street, Qormi
Tel: 2148 6747

*Il-Festa t-Tajba lill-Klijenti kollha*



# Peppi Store

**23rd April Street, Qormi**
**tel: 2144 0254**

with every €5 spent you get one
FREE DELIVERY
mill-5.30am sa l-12.00pm
mill-4.00pm sa 7.00pm

# Programm tal-Festa ta' San Ġorġ M. M. - Ġunju 2018

**It-Tnejn 11: Napprezzaw il-ħidma ta' xulxin**

L-għaqdiet li jaqsmu fir-responsabbiltà tal-festa, jiġifieri, il-Kumitat Festi Esterni, l-Għaqda tan-Nar 23 ta' April, u ż-żewġ baned tal-parroċċa tagħna, San Ġorġ Martri u Anici, flimkien mal-helpers kollha tal-parroċċa, niltaqgħu flimkien u nieħdu xi ħaġa tal-festa. Magħhom jingħaqdu wkoll dawk li jieħdu ħsieb l-armar tal-knisja għall-festa ta' San Ġorġ. Niltaqgħu fil-bitħa taċ-ċentru mit-8:00pm 'il quddiem.

**Il-Ġimgħa 15: Ħallu t-tfal jiġu għandi**

It-tfal jinġabru ħdejn il-knisja ta' San Pietru fil-5:15pm. Ma ninsewx inġibu magħna fjura. Flimkien nimxu wara l-istatwa ta' San Ġorġ tifel sal-knisja arċipretali fejn nieħdu sehem fil-quddiesa tas-6:00pm.

**Il-Ġimgħa tal-Festa**

**It-Tnejn 18: Ħruġ tal-Istatwa ta' San Ġorġ Martri - Jum il-Familja.**

***Fit-8:00am u f'nofsinhar:*** Ħruq ta' murtaletti.

***Fl-4:30pm:*** Quddiesa.

***Fis-6:30pm:*** Quddiesa fil-knisja arċipretali li fiha nitolbu għall-familji kollha tagħna. Iqaddes Mons Dun Frans Abdilla. Mistiedna speċjali huma dawk il-ġenituri li din is-sena kellhom tarbija. Wara l-omelija ssir il-preżentazzjoni tat-trabi lil Alla taħt il-patroċinju ta' San Ġorġ M.M. Tieħu ħsieb din il-quddiesa l-Kummissjoni Familja.

Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella f'ġieħ il-patrun tagħna San Ġorġ Martri.

***Fit-8:00pm:*** Ħruġ tal-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa bis-sehem tal-Banda San Ġorġ Martri u jsir ħruq ta' salut, kaxxa Spanjola, murtaletti u murtali bil-logħob.

Wara l-ħruġ tal-vara, il-Banda San Ġorġ Martri, tagħmel marċ ma' dawn it-toroq: San Ġorġ, Dun Marju, l-Iżbandola, l-10 ta' Settembru għal San Ġorġ, Dun Marju għal fuq tal-Blat, tal-Blat Housing Estate fejn jinħaraq in-nar tal-art. Il-marċ ikompli għal Triq il-Belt Valletta, il-Mitħna, San Franġisk, it-Tensila, il-Ħabbież, il-Mejjilla u l-Kbira sal-Każin tal-Banda San Ġorġ Martri.

***Fid-9:30pm:*** Ħruq ta' beraq, blalen, sfejjer u murtali tal-kulur, u kaxxa tal-kulur.

**It-Tlieta 19: Għal ħutna bi bżonnijiet speċjali u ħutna anzjani.**

***Fl-4:30pm:*** Quddiesa għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u ħutna l-anzjani; b'hekk fil-ġimgħa tal-festa tagħna nkunu ninkludu anke lil dawn ħutna li huma tant għal qalbna. Imexxi din iċ-ċelebrazzjoni Mons Dun Charles Attard.

Għaż-Żgħażagħ - San Ġorġ sfida ta' ħajja Nisranija.

***Fis-7:00pm:*** Quddiesa għaż-żgħażagħ fil-knisja. Nistiednu liż-żgħażagħ fil-kummissjonijiet tal-każini tal-baned tal-parroċċa tagħna, San Ġorġ Martri u Anici, fil-kummissjoni taż-żgħażagħ tal-Kumitat Festi Esterni u ż-żgħażagħ fl-Għaqda tan-Nar, kif ukoll iż-żgħażagħ fil-fratellanzi u fil-Grupp Żgħażagħ tal-Parroċċa, u liż-żgħażagħ li jħobbu lil San Ġorġ biex naraw kif il-Patrun tagħna joffrilna sfida u kuraġġ għal ħajjitna bħala Nsara fid-dinja tal-lum. Imexxi din iċ-ċelebrazzjoni Dun Bernard Micallef.

***Fit-8:30pm:*** Il-Banda Anici tagħmel marċ li jibda minn Triq George Zammit u jkompli fit-toroq Anġlu Borg, Dun Ġwann Cilia, il-Ħelsien, id-Deheb Fin, is-Sajf, il-Għasel, il-Ħarifa, id-Dielja, ix-Xitwa, il-Bard, il-Ħelsien, ir-Rignu, id-Dragun, il-Vitorja, Dun Ġwakkin Schembri sal-Każin tal-Banda Anici.

**L-Erbgħa 20: L-Ewwel Jum tat-Tridu u Jum il-Vokazzjonijiet**

***Fit-8.00am u f'nofsinhar:*** Ħruq ta' murtaletti.

***Fl-4:30pm:*** Quddiesa.

***Fis-6:00pm:*** Fil-knisja arċipretali ssir il-quddiesa li fiha jitkanta l-għasar votiv ta' San Ġorġ Martri. Nirringrazzjaw lill-Mulej għall-qlub ġenerużi li semgħu is-sejħa tiegħu u offrewlu ħajjithom fis-saċerdozju jew fil-ħajja reliġjuża. Imexxi din iċ-ċelebrazzjoni Dun George Mangion. Wara l-quddiesa ssir il-prietka tat-Tridu. Din is-sena l-prietki tat-Tridu se jagħmilhom il-Kanonku Dun Jonathan Farrugia. Wara l-prietka tat-Tridu, tingħad il-Kurunella lil San Ġorġ Martri, jitkantaw l-Innu u l-Antifona u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika. Mal-Barka Sagramentali jsir ħruq ta' murtaletti.

Kif tispiċċa ċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja, fit-8:30pm, il-Banda Anici tibda marċ u dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ minn fuq iz-zuntier tal-knisja għal Triq il-Kbira, Santa Katarina, il-Barrakki, Stagno, il-Ħelsien, ix-Xitwa, in-Naħal, il-Bħajra, is-Sajf, ir-Rebbiegħa, fejn fid-9.30pm jinħaraq in-nar tal-art. Fl-9.45pm ikompli l-marċ mit-toroq il-Ħelsien, il-Plejju, id-Dragun, Pjazza Ġ. Flores, Pinto, Dun Ġwakkin Schembri għal quddiem il-Każin Banda Anici għal Triq il-Vitorja sal-pjazza tal-Vitorja fejn tittella' l-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ.

***Fl-9:40pm:*** Ħruq ta' beraq, blalen, sfejjer, murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.

**Il-Ħamis 21: It-Tieni Jum tat-Tridu.**

***Fit-8:00am u f'nofsinhar:*** Ħruq ta' murtaletti.

***Fl-4:30pm:*** Quddiesa.

***Fis-6:00pm:*** Fil-Knisja tibda l-quddiesa bl-Għasar iċċelebrata minn Mons Dun Ġwann Galea. Wara l-prietka tat-Tridu, tingħad il-Kurunella, jitkantaw l-Innu u l-Antifona u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika. Mal-Barka Sagramentali jsir ħruq ta' murtaletti.

Kif tispiċċa ċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja, fit-8:30pm, Il-Banda San Ġorġ Martri tibda marċ u dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel minn fuq iz-zuntier tal-knisja għal Triq il-Kbira, Santa Katarina, l-Isqof Scicluna, Pinto, Pjazza Ġużè Flores, Pinto, Cappadocia, il-Vitorja, Anici, il-Kbira sa Pjazza San Franġisk fejn tittella' l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel.

***Fid-9:30pm:*** Ħruq ta' beraq, blalen, sfejjer, murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.

**Il-Ġimgħa 22: It-Tielet Jum tat-Tridu.**

***Fit-8:00am u f'nofsinhar:*** Ħruq ta' murtaletti.

***Fl-4.30pm:*** Quddiesa.

***Fis-6.00pm:*** Fil-Knisja tibda l-quddiesa bl-Għasar iċċelebrata mill-Kan. Dun Lawrenz Zammit. Wara l-prietka tat-Tridu, tingħad il-Kurunella, jitkantaw l-Innu u l-Antifona u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika. Mal-Barka Sagramentali jsir ħruq ta' murtaletti.

***Fit-8:00pm:*** Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri li jibda minn Pjazza Frederick Maempel għat-toroq Kardinal Sciberras, il-Kbira, San Pietru, Santa Katarina u l-Vitorja (in-naħa ta' fuq).

***Fit-8:15pm:*** Programm Mużikali fuq il-planċier mill-Banda Anici fil-pjazza ta' quddiem il-Każin Banda Anici. Wara jsir marċ li jgħaddi minn Triq Pinto għall-Pjazza tal-Vitorja, Triq il-Vitorja, Triq Dun Ġwakkin Schembri sa quddiem il-Każin tal-Banda Anici.

***Fl-10:00pm:*** Ħruq ta' beraq, blalen, sfejjer, murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.

***F'12:00am:*** Nar tal-art fi Triq il-Vitorja.

**Is-Sibt 23: Lejlet il-Festa.**

***Fis-6:00am u fis-6:45am:*** Quddiesa.

***Fit-7:45am:*** Quddiesa ta' ringrazzjament li fiha jitkanta l-Innu ta' Radd il-Ħajr lil Alla - it-Te Deum. Iqaddes l-Arċipriet Dun Mario Mangion.

***Fit-8:15am:*** Mat-Te Deum; Ħruq ta' kaxxa Spanjola u murtaletti.

***F'11.45am:*** Ħruq ta' Murtaletti.

***Fl-4:30pm:*** Quddiesa.

***Fil-5:30pm:*** Quddiesa.

***Fis-6:30pm:*** Transulazzjoni Solenni tar-Relikwja ta' San Ġorġ Martri. Tibda mill-Kappella ta' Santa Marija tal-Qrejqċa. Isir l-Ewwel Għasar u ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi t-Transulazzjoni Dun Bernard Micallef, saċerdot novell.

Waqt it-transulazzjoni jsir ħruq ta' salut, kaxxa Spanjola u varjazzjoni ta' settijiet ta' murtaletti u murtali bil-logħob.

***Fis-7:30pm:*** Marċ mill-Banda Anici li jibda minn Triq Tal-Ħlas għat-toroq: il-Vitorja, Alexandra, il-Proża, Misraħ il-Kittieba, San Dwardu, Ġużè Muscat Azzopardi, il-Vitorja, Dun Ġwakkin Schembri għal quddiem il-Każin tal-Banda Anici, Pinto, l-Iskola, l-Isqof Scicluna, Santa Katarina, il-Kbira sal-knisja arċimatriċi u arċipretali.

***Fis-7:30pm:*** Marċ mill-Banda San Ġorġ Martri minn ħdejn l-Abatija fi Triq il-Kbira sa quddiem il-knisja ta' San Franġisk fejn isir programm mużikali fuq il-planċier.

***Fl-9:45pm:*** Wirja ta' logħob tan-nar tal-ajru. Jinħarqu lampjuni, sfejjer, blalen u baraxxi, beraq ikkulurit, murtali tal-beraq bil-logħob u murtali tal-kulur. Wara tinħaraq kaxxa tal-kulur b'varjetà kbira ta' kuluri.

***Fil-11.30pm:*** Logħob tan-nar tal-art fil-misraħ tal-Wied.

**Il-Ħadd 24: Jum il-Festa.**

***Fis-6:00am:*** Quddiesa.

***Fis-7:00am:*** Quddiesa.

***Fit-8:00am:*** Quddiesa.

***Mat-tokki tat-8:00am:*** Ħruq ta' murtaletti.

***Fid-9:15am:*** Quddiesa Solenni Konċelebrata immexxija mill-Arċisqof Mons George Frendo. Jinseġ il-paniġierku l-Kanonku Dun David Farrugia. Mas-Sanctus isir ħruq ta' murtaletti.

***Fl-10:00am:*** Marċ popolari mill-Banda San Ġorġ Martri.

***Fil-11:00am:*** Marċ popolari mill-Banda Anici.

***Fin-12:30pm:*** Ħruq ta' murtaletti u kaxxa infernali.

***Fil-5:00pm:*** Quddiesa letta.

***Fis-6:00pm:*** It-Tieni Għasar.

***Fis-7:00pm:*** Purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ Martri. Imexxi l-Għasar u l-purċissjoni l-Kanonku Dun Louis Farrugia. Mal-ħruġ tal-istatwa jsir ħruq ta' salut, kaxxa Spanjola b'varjetà kbira ta' beraq. Diversi settijiet ta' murtaletti u murtali bil-logħob jakkumpanjaw il-purċissjoni.

Qabel u waqt il-purċissjoni jieħdu sehem dawn il-baned mistiedna: Nicolo Isouard tal-Mosta, Mater Gratiae ta' Ħaż-Żabbar u 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ.

***Fid-9:30pm:*** Isir ħruq ta' settijiet ta' beraq ikkulurit, sfejjer, blalen u murtali tal-kulur. Tagħlaq il-purċissjoni kaxxa tal-kulur u waqt il-Barka Sagramentali tinħaraq kaxxa tal-bomba.

Mad-dħul ta' San Ġorġ lura fil-knisja titkanta l-Antifona u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Wara l-Barka nistennew lil sħabna tan-nar, isir il-bews tar-Relikwija, talba ta' ringrazzjament lil Alla, tislima lil San Ġorġ u jsir il-marċ tal-aħħar mill-Banda San Ġorġ Martri.

# Mid-Djarju tas-Soċjeta'

**1 ta' Mejju 2017** - titħabbar il-mewt ta' George scicluna fl-eta' ta' 74 sena.
**13 ta' Mejju 2017** - Attivita' mothers' Day All Inclusive Buffet ġewwa s-Seabank Hotel.
**19 ta' mejju 2017** – Servizz tal-Banda fil-Festa Titulari ta' Santu Wistin ġewwa il-Belt Valletta
**21 ta' mejju 2017** – Titħabbar il-mewt ta' Kikka Galdes fl-eta' 86 sena.
**25 ta' Mejju 2017** – Il-Banda tieħu sehem f'Mass Band mal-baned Qriema għal-jum Ħal Qormi.
**5 ta' Ġunju 2017** – Servizz tal-Banda fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu' ġewwa Ħal Qormi
**16 ta' Ġunju 2017** – Party tat-tfal organnizat mill-Kummissjoni Żgħażaġġ Werqisti ġewwa is-Sede tagħna.
**17 ta' Ġunju 2017** – BBQ quddiem is-Sede tagħna organnizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti.
**18 ta' Ġunju 2017** – Gathering u Riċiviment li sar għas-soċi u beneffaturi tal-Għaqda tagħna.
**19 – 25 ta' Ġunju 2017**- Sehem tal-Banda fil-festa titulari ta' San Ġorġ Martri fil-Parroċċa.
**13 u 16 ta' Lulju 2017** – Żewġ servizzi tal-Banda fil-Festa titulari ta' San Ġorġ ġewwa r-Rabat Għawdex.
**26 ta' Lulju 2017** – Titħabbar l-mewt ta' Rosalyn Deguara fl-eta' ta' 35 sena.
**18 t'Awissu 2017** – Servizz tal-Banda fil-Festa Titulari ta' Santa Marija ġewwa Ħad Dingli.
**19 t'Awissu 2017** – BBQ ġewwa DB Seabank Hotel, Mellieħa
**6 ta' Settembru 2017** – Servizz tal-Banda fil-Festa ta' Marija Bambina ġewwa Naxxar.
**14 t'Ottubru 2017** – Attivita' Mixed Grill ġewwa l-Każin.
**19 t'Ottubru 2017** – Titħabbar il-mewt ta' Alfred Brincat fl-eta' ta' 81 sena.
**31 t'Ottubru 2017** – Party tat-tfal organnizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti għall-halloween.
**11 ta' Novembru 2017** – Ikla fis-Sede tagħna.
**17 ta' Novembru 2017** – Quddiesa fil-knisja ta' San Franġisk ta' Radd b'suffraġġju għall-erwieħ tas-soċi mejtin.
**17 ta' Novembru 2017** – Titħabbar il-mewt ta' Angelo Mangion fl-eta' 58 sena.

**18 ta' Novembru 2017** – Quddiesa ta' Santa Ċeċilja. Attendew il-President, Viċi-President u Viċi Segretarja.
**26 ta' Novembru 2017** – Ġurnata Għawdex
**3 ta' Diċembru 2017** – Marċ tal-Milied mat-toroq tal-Parroċċa b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali.
**16 ta' Diċembru 2017** – Attiviata' All Inclusive Buffet ġewwa Bella Vista Hotel, Qawra
**17 – 19 ta' Diċembru 2017** – Attivita' Santa Claus coming to Town organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti.
**22 ta' Diċembru 2017** – Titħabbar l-mewt ta' Michael Attard fl-eta' ta' 84 sena.
**27 ta Jannar 2017** – Attivita' Pasta Night ġewwa s-Seda tagħna
**12 ta' Frar 2018** – Party tat-tfal għall-karnival organnizzat mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti ġewwa l-Każin.
**13 ta' Frar 2018** – Titħabbar il-mewt ta' Maria Dolores Schembri fl-eta' ta' 85 sena.
**17 ta' Frar 2018** – Tneddija tac-CD ġdida tal-Marċi Funebri
**25 ta' Frar 2018** – Seduta Ġenerali għas-soċi fejn ġie elett President u Kumitat ġdid 2018-2020
**25 ta' Frar 2018** – Titħabbar l-mewt ta' Professur Joseph Vella
**12 ta' Marzu 2018** – Titħabbar l-mewt ta' Lorenza Lewis fl-eta' ta' 93 sena.
**19 ta' Marzu 2018** – Ġurnata Għawdex
**21 ta' Marzu 2018**- Kunċert Ġenerali fil-Bar Area
**25 ta' Marzu 2018** – Programm ta' Ħadd il-Palm quddiem is-Sede tagħna, li ġie mħassar ħabba il-previssjoni tat-temp.
**26 ta' Marzu 2018** – Titħabbar il-mewt ta' Miriana Agius fl-eta' ta' 25 sena.
**28 ta' Marzu 2018** – Attivta' Ikla Maltija għad-dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira organnizat mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti.
**30 ta' Marzu 2018** – Servizz tal-Banda fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira quddiem il-Vara l-Kbira.
**31 ta' Marzu 2018** – Servizz tal-Banda wara l-funzjoni tal-Għid il-Kbir u wara attivita' Easter Breakfast fis-Sede tagħna.
**1 t'April 2018** – Servizz tal-Banda fil-purċissjoni tal-Għid il-Kbir quddiem l-istatwa ta' kristu Rxoxt.
**22 t' April 2018** – Red Gathering ġewwa s-Seda tagħna u ġiet mneddija diska ġdida mill-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisti fl-okkażżjoni tal-25 sena anniversarju.
**23 t'April 2018** – Servizz tal-Banda għall-festa Liturġika ta' San Ġorġ

# Obitwarju 2017-2018



**Maria Dolores Schembri**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej fit-13 ta' Frar
2018 fl-età ta' 85 sena



**George Joseph Scicluna**
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fil-15 ta' Frar 2017
fl-età ta' 74 sena



**Prof. Joseph Vella**
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fil-25 ta' Frar 2018
fl-età ta' 76 sena



**Lorenza Lewis**
li marret tiltaqa' mal-Mulej
fit-12 ta' Marzu 2018 fl-età
ta' 93 sena



**Miriana Agius**
li marret jtltaqa' mal-Mulej
fis-26 ta' Marzu 2018 fl-età
ta' 25 sena



**Paul Cauchi**
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fil-21 t' April 2018
fl-età ta' 93 sena



**Kikka Galdes**
li marret tiltaqa' mal-Mulej
fil-21 ta' Mejju 2017 fl-età
ta' 86 sena



**Rosalyn Deguara**
li marret tiltaqa'
mal-Mulej fis-26 ta' Lulju
2017 fl-età ta' 35 sena



**Alfred Brincat**
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fid-19 ta' Ottubru 2017
fl-età ta' 81 sena



**Angelo Mangion**
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-17 ta' Novembru 2017
fl-età ta' 58 sena



**Joe Attard**
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-18 ta' Novembru 2017
fl-età ta' 77 sena



**Micheal Attard**
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-22 ta' Diċembru 2017




CASH
for your
GOLD

Gold & Silver
Articles, Gifts,
Engravers
& Repairs

Shop: 498,
Triq il-Vitorja,
Ħal Qormi, QRM 11
Tel: 2144 5687 • Fax: 2144 5687

Zahra
Ironmongery

*St. George Street, Qormi*

**Mob: 99497319**

# Ringrazzjamenti

L-Arċipriet u l-Kleru
Is-Sagristan u l-Helpers
Clive Mc Nally President *Emeritus*
Is-Surmast Direttur Archibald Mizzi
Assistent Mro. Peter Cini
Għalliem Mro. Ian Mallia
Il-Bandisti tal-post
L-Imħallef Silvio Meli
Dr. George Cassar B.A. LLD
Dr. Noel Camilleri B.A. LLD
In-Nutar Gerald Spiteri Maempel
Il-Kummissjoni Żgħażagħ Werqisiti
Il-Kummissjoni Banda
Il-Kummissjoni Attivitajiet
Il-Kummissjoni Attivisti Nisa
Il-Partitarji Werqisti
L-Ispettur u l-Puluzija tad-Distrett
Is-Supretendent Ray Vella Gregory
Is-Supretendent Kevin Farrugia
Is-Sindku Rosianne Cutajar
Il-Kunsilliera kollha
Is-Segretarju u l-istaff tal-kunsill
Is-Sur Twanny Zammit
Is-Sur Lukardu Borg
Is-Sur Livio Deguara
Is-Sur Ninu Agius
Is-Sur Raphael Aquilina
Il-Benefatturi kollha
In-Nisa tal-Kumitat
Is-Sur Ġorġ, Silvio, Mario u Stephen Debono (ta' Patata)
Is-Sur Drinu Galea
Is-Sur Jesmond Psaila
Tal-Genc Transport
4th Teenth Productions
Is-Sur George Falzon
L-Aġenzija żgħażagħ
Gal Xlokk
Is-Sur Frans u s-sinjura Josette Mintoff
Is-Sur Silvio Pace
Is-Sur Domnic Xerri
Is-Sur Christian Camilleri
Is-Sur Marco Aquilina
Is-Sur Josef Aquilina
Is-Sur Neville Mangion
Is-Sur Clayton Grech
Is-Sur Brian Camilleri
Il-propjetarju tal-Banka Nru66
Il-Ġojjel Jewellery
Il-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri
L-Għaqda tan-Nar 23 ta' April
Is-Sur George Xerri
Is-Sur Raymond u Ibnu Kurt Psaila
Is-Sur Nikol Dimech
Gormina Bakery
Mro. Abel J.Mizzi
Is-Sur Reuben Mizzi
Il-Barmans, L-Aħwa Cefai
Is-Sur Frans Barbara
Express Trailers
Is-Sur Ivan Bugeja
Is-Sur Emanuel Portelli
Is-Sur Mario Grech
Is-Sur Twanny Zammit
Is-Sur Victor Cilia
Is-Sur George Spiteri
Is-Sur George Muscat
Is-Sur James Agius
Is-Sur Joseph Farrugia
Sosa Towing
RVC

# Werrej Riklami

Text